REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/45

tat-8 ta' Jannar 2025

li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1036 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) u b'mod partikolari l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Bidu

(1) Fit-13 ta' Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") bdiet investigazzjoni anti-dumping fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli ("MAE", mobile access equipment) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-pajjiż ikkonċernat" jew "ir-RPĊ") abbażi tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2016/1036 ("ir-Regolament bażiku"). Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([2]) ("in-Notifika tal-Bidu").

(2) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara lment ippreżentat fid-29 ta' Settembru 2023 mill-"Koalizzjoni biex jerġa' jkun hemm Kundizzjonijiet Ekwi fis-Settur tat-Tagħmir għall-Aċċess Mobbli tal-UE" ("CMAE", Coalition to Restore a Level Playing Field in the EU Mobile Access Equipment Sector) jew ("l-ilmentatur"). L-ilment sar f'isem l-industrija tal-Unjoni tal-MAE fis-sens tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament bażiku. L-ilment kien fih evidenza ta' dumping u tad-dannu li rriżulta li kien biżżejjed biex jiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

(3) Fis-27 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni antisussidji fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([3]).

1.2. Reġistrazzjoni

(4) Fil-15 ta' Jannar 2024 u fit-12 ta' Marzu 2024, l-ilmentatur issottometta talbiet għar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' MAE li joriġinaw mir-RPĊ skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku.

(5) Il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet ta' MAE li joriġinaw mir-RPĊ soġġetti għar-reġistrazzjoni permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1450 tat-23 ta' Mejju 2024 ([4]) ("ir-Regolament dwar ir-reġistrazzjoni").

([1]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.
([2]) Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping dwar importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli ("MAE") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, C/2023/783, 13.11.2023, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2023/783/oj.
([3]) Notifika tal-bidu ta' proċediment antisussidji dwar importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli ("MAE") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, C/2024/2362, 27.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2362/oj.
([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1450 tat-23 ta' Mejju 2024 li jagħmel l-importazzjonijiet ta' tagħmir ta' aċċess mobbli li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina soġġetti għar-reġistrazzjoni, C/2024/1450, 24.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1450/oj.

1.3. **Miżuri proviżorji**

(6) F'konformità mal-Artikolu 19a tar-Regolament bażiku, fl-14 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni provdiet lill-partijiet sommarju tad-dazji proposti u dettalji dwar il-kalkolu tal-marġnijiet tad-dumping u l-marġnijiet adegwati biex jitneħħa d-dannu għall-industrija tal-Unjoni. Il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkummentaw dwar il-preċiżjoni tal-kalkoli fi żmien tliet ijiem tax-xogħol. Il-kummenti ġew indirizzati fejn xieraq.

(7) Fit-12 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni imponiet dazji anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' MAE li joriġinaw mir-RPĊ permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1915 tal-11 ta' Lulju 2024 ([5]) ("ir-Regolament proviżorju").

1.4. **Proċedura sussegwenti**

(8) Wara d-divulgazzjoni tal-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom ġie impost dazju anti-dumping proviżorju ("divulgazzjoni proviżorja"), il-Gvern tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("GOC", Government of the People's Republic of China), l-ilmentatur, il-Kamra tal-Kummerċ Ċiniża għall-importazzjoni u l-esportazzjoni ta' Makkinarju u Prodotti Elettriċi ("CCCME", Chinese Chamber of Commerce for import and export of Machinery and Electrical products) ([6]), il-produtturi esportaturi Hunan Sinoboom Intelligent Equipment Co., Ltd. ("Sinoboom"), Oshkosh JLG (Tianjin) Equipment Technology Co., Ltd. ("JLG"), Terex (Changzhou) Machinery Co., Ltd. ("Terex"), u Zhejiang Dingli Machinery Co., Ltd. ("Dingli"), utent - Construct Machines S.R.L., u negozjant - Norbert Wienold GmbH ippreżentaw sottomissjonijiet bil-miktub biex jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar is-sejbiet proviżorji sal-iskadenza prevista fl-Artikolu 2(1) tar-Regolament proviżorju.

(9) Minbarra l-kummenti dwar il-miżuri proviżorji, l-ilmentatur irrefera għall-premessa (343) tar-Regolament proviżorju fejn il-Kummissjoni kkonkludiet b'mod proviżorju li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a) ma kinux preżenti. L-ilmentatur talab lill-Kummissjoni tipprovdi divulgazzjoni addizzjonali tas-sejbiet dwar l-applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri qabel id-divulgazzjoni definittiva. Huwa argumenta li l-applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri kienet element kruċjali li kellu impatt enormi fuq il-produtturi u l-esportaturi tal-Unjoni bl-istess mod u billi ma żvelatx sejbiet dettaljati, il-Kummissjoni għamlitha impossibbli għall-ilmentatur li jipprovdi evidenza addizzjonali u kisret id-drittijiet tad-difiża tiegħu.

(10) Il-Kummissjoni sabet li divulgazzjoni bikrija tas-sejbiet tagħha lill-ilmentatur dwar l-applikazzjoni tar-regola tad-dazju inferjuri ma kinitx iġġustifikata minħabba li tiddiskrimina bejn il-partijiet interessati. Divulgazzjoni bikrija lill-partijiet interessati kollha dwar l-istess kwistjoni twassal għal trattament diskriminatorju tat-tħassib espress minn partijiet differenti u tiftaħ it-triq għal talbiet oħra ta' divulgazzjoni bikrija filwaqt li l-iskadenza ta' 10 ijiem għall-kummenti dwar id-divulgazzjoni finali hija ta' natura statutorja (l-Artikolu 20(5) tar-Regolament bażiku) ([7]). Bl-għoti, fid-dokument ta' divulgazzjoni definittiva, tar-raġunijiet li abbażi tagħhom ġie konkluż li l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) ma ġewx issodisfati, u bl-istedina lill-ilmentatur u lill-partijiet interessati kollha biex jikkummentaw dwar dawn is-sejbiet, id-drittijiet tad-difiża tal-partijiet kollha ġew rispettati.

(11) Ingħatat l-opportunità li jinstemgħu lill-partijiet li talbuha. Saru seduti ta' smigħ mal-ilmentatur, mas-CCCME, u mal-kumpaniji Sinoboom, JLG, Terex u Dingli. Fl-10 ta' Ġunju 2024, Sinoboom ippreżentat talba għal seduta ta' smigħ lill-Uffiċjal tas-Smigħ. It-talba ġiet irtirata fit-18 ta' Ġunju 2024 fid-dawl ta' seduta ta' smigħ simili organizzata mat-tim tal-każ. Sinoboom ġiet infurmata bid-dritt tagħha li terġa' lura għand l-Uffiċjal tas-Smigħ f'każ li ma tkun instabet l-ebda soluzzjoni sodisfaċenti fil-laqgħa mat-tim tal-każ. Saru seduti ta' smigħ ma' Dingli fid-29 ta' Awwissu 2024, mas-CCCME u ma' Terex, rispettivament, fil-5 ta' Settembru 2024, ma' JLG fis-6 ta' Settembru 2024 u ma' Sinoboom fid-9 ta' Settembru 2024.

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1915 tal-11 ta' Lulju 2024 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, ĠU L, 2024/1915, 12.7.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1915/oj.

([6]) Is-CCCME ngħatat is-setgħa permezz ta' prokura li tirrappreżenta tmien produtturi esportaturi f'din l-investigazzjoni.

([7]) Irreferi għan-Nota f'qiegħ il-paġna 1.

(12) Il-Kummissjoni kompliet tfittex u tivverifika l-informazzjoni kollha li qieset bħala neċessarja għas-sejbiet finali tagħha. Meta waslet għas-sejbiet definittivi tagħha, il-Kummissjoni kkunsidrat il-kummenti ppreżentati mill-partijiet interessati u rrevediet il-konklużjonijiet provviżorji tagħha meta kien xieraq.

(13) Il-Kummissjoni infurmat lill-partijiet interessati kollha bil-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien beħsiebha timponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' MAE li joriġinaw mir-RPĊ ("divulgazzjoni finali"). Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni finali.

(14) Ingħatat opportunità li jinstemgħu lil partijiet li talbuha. Saru seduti ta' smigħ rispettivament ma' Dingli u mal-ilmentatur fil-15 ta' Novembru 2024, u ma' JLG u Terex fid-19 ta' Novembru 2024.

(15) Wara kummenti dwar id-divulgazzjoni definittiva, il-Kummissjoni rrevediet id-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għal Dingli, għal kumpaniji oħra li kkooperaw fl-Anness u għall-kumpaniji l-oħrajn kollha. Il-kalkoli tad-dumping sottostanti ġew żvelati mill-ġdid u Dingli ngħatat l-opportunità li tikkummenta. Il-partijiet interessati l-oħra ngħataw ukoll l-opportunità li jikkummentaw dwar id-dazji anti-dumping definittivi kkalkulati reċentement. Ma wasal l-ebda kumment ieħor ta' natura li jibdel is-sejbiet tal-Kummissjoni.

1.5. **Pretensjonijiet tal-inizjazzjoni**

(16) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CCCME kkontestat is-sejbiet tal-Kummissjoni fil-premessa (14) tar-Regolament proviżorju li s-CCCME f'isimha stess ma kellha l-ebda dritt ta' difiża. Is-CCCME tenniet il-kummenti tagħha diġà indirizzati fil-premessa (14) tar-Regolament proviżorju u żiedet li jekk il-Kummissjoni kellha tiċħad l-istatus ta' parti interessata tas-CCCME, hija għandha tiċħad ukoll dak tas-CMAE.

(17) Il-Kummissjoni kkonfermat is-sejbiet u l-konklużjonijiet tagħha fil-premessa (14) tar-Regolament proviżorju iżda ċċarat li s-CCCME tqieset bħala parti interessata sa fejn kienet tirrappreżenta lill-produtturi esportaturi li provdewlha prokura. F'dak is-sens, l-istatus tas-CCCME ma kienx differenti minn dak tas-CMAE.

1.6. **Kampjunar**

(18) Fl-assenza ta' kummenti rigward il-kampjunar tal-produtturi, tal-importaturi u tal-produtturi esportaturi tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonfermat il-premessi (16) sa (23) tar-Regolament proviżorju.

1.7. **Il-perjodu ta' investigazzjoni u l-perjodu taħt kunsiderazzjoni**

(19) Kif iddikjarat fit-Taqsima 1.6 tar-Regolament proviżorju, l-investigazzjoni tad-dumping u tad-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2022 sat-30 ta' Settembru 2023 ("il-perjodu ta' investigazzjoni" jew "PI"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tad-dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sat-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni ("il-perjodu taħt kunsiderazzjoni").

2. **IL-PRODOTT IKKONĊERNAT U L-PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt investigazzjoni**

(20) Kif stabbilit fil-premessi (33) sa (34) tar-Regolament proviżorju, il-prodott taħt investigazzjoni huwa tagħmir għall-aċċess mobbli ("MAE") iddisinjat għall-irfigħ ta' persuni, awtopropulsiv, b'għoli massimu ta' operat ta' 6 metri jew aktar, u l-biċċiet tiegħu assemblati minn qabel jew lesti għall-assemblaġġ, eskluži komponenti individwali meta jiġu preżentati separatament, u eskluż tagħmir għall-irfigħ tal-persuni mmuntat fuq vetturi tal-Kapitolu 86 u l-Kapitolu 87 tas-Sistema Armonizzata ("il-prodott taħt investigazzjoni"), li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 8427 10 10, ex 8427 20 19, ex 8428 90 90, ex 8431 20 00 u ex 8431 39 00 (il-kodiċijiet TARIC: 8427 10 10 10, 8427 20 19 10, 8428 90 90 20, 8431 20 00 60 u 8431 39 00 10).

(21) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott jinkludi makkinarju użat għall-irfigħ ta' persuni f'firxa wiegħsa ta' applikazzjonijiet differenti u jinkludu lifts bid-driegħ twil artikolat, lifts bid-driegħ twil teleskopiku, liftijiet imqass u arbli vertikali.

(22) Il-biċċiet, assemblati minn qabel jew lesti għall-assemblaġġ, jikkonsistu f'erba' kategoriji b'mod partikolari: 1) xażi, 2) turretta jew nagħla, 3) pjattaforma jew basktijiet, 4) mekkaniżmu ta' rfigħ għall-MAE. Il-mekkaniżmu ta' rfigħ jinkludi dirgħajn twal (teleskopiċi u jew artikolati, b'dirgħajn tal-krejn jew mingħajrhom) għal lift bid-driegħ twil teleskopiku, lift bid-driegħ twil artikolat jew arblu vertikali u dirgħajn ta' mqass għal lift imqass. Dawn ma jinkludux komponenti individwali meta jiġu preżentati separatament.

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(23) Kif stabbilit fil-premessa (35) tar-Regolament proviżorju, il-prodott ikkonċernat huwa tagħmir għall-aċċess mobbli, li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("il-prodott ikkonċernat").

2.3. **Prodott simili**

(24) Fil-premessi (36) sa (37) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-prodott ikkonċernat, il-prodott manifatturat u mibjugħ fis-suq domestiku tar-RPĊ; u l-prodott taħt investigazzjoni manifatturat u mibjugħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni kienu għalhekk prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku. Ma wasal l-ebda kumment dwar din il-konklużjoni.

2.4. **Pretensjonijiet dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott**

(25) Is-CCCME, u l-produttur esportatur Sinoboom ippreżentaw kummenti dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Bħala tweġiba għall-kummenti tas-CCCME u ta' Sinoboom, l-ilmentatur sostna li l-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott jenħtieġ li jibqa' l-istess.

2.4.1. *Pretensjoni biex jiġu eskluży l-MAE elettriku*

(26) Is-CCCME ma qablitx maċ-ċaħda mill-Kummissjoni tal-pretensjoni miġbura fil-qosor fil-premessi (45) sa (46) tar-Regolament proviżorju li teskludi l-MAE elettriku u ibridu mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Hija tenniet li kien hemm differenza ċara u ovvja fil-karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bejn l-MAE konvenzjonali, u dak elettriku jew ibridu. Is-CCCME tenniet ukoll li dawn iż-żewġ kategoriji ta' MAE kellhom differenzi bażiċi fil-komponenti mekkaniċi, użaw propulsjoni differenti u kellhom funzjonijiet u użu tekniċi differenti. Barra minn hekk, hija argumentat li dawn intużaw minn industriji differenti, bħal dik tal-kostruzzjoni, tal-manutenzjoni, tal-ħażna jew tal-manifattura. Is-CCCME tat eżempju ta' liftijiet imqass tad-diżil li fil-fehma tagħha kellhom it-tendenza li jintużaw bħala tagħmir għal barra, minħabba l-fatt li tali makkinarju għandu magni, tajers u frejms akbar u għalhekk jista' jiġi mċaqlaq faċilment minn terren imħarbat. Għall-kuntrarju, fil-fehma tagħha, il-liftijiet imqass elettriċi kellhom it-tendenza li jintużaw bħala tagħmir għal ġewwa minħabba li huma iżgħar, aktar aġli u għandhom inqas potenza, u għalhekk huma aħjar biex jintużaw fi spazji stretti u dojoq. Għal dawn ir-raġunijiet, is-CCCME qieset li dawn iż-żewġ kategoriji ma kellhomx l-istess karatteristiċi essenzjali u ma ffurmawx prodotti omoġenji.

(27) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME tenniet il-pretensjoni dwar id-differenza bejn it-tipi konvenzjonali u elettriċi ta' MAE. Hija ressqet l-argument li l-pożizzjoni tal-Kummissjoni li l-MAE elettrika "tista'" tintuża progressivament f'ambjenti jew f'industriji li qabel kienu jużaw l-MAE bi propulsjoni konvenzjonali kienet spekulattiva. Hija ddefendiet ukoll li l-industrija tal-Unjoni nnifisha rrikonoxxiet ukoll b'mod espliċitu li d-differenza essenzjali bejn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti kienet tinsab fil-magna tal-propulsjoni, li ddeterminat il-kundizzjonijiet tal-użu, li l-magni tal-kombustjoni kienu għal użi fuq barra ta' art imħarbta u magni elettriċi għal applikazzjonijiet industrijali interni. Is-CCCME sostniet ukoll li peress li l-argument kien relatat mal-futur, kien irrilevanti għall-PI. Għalhekk argumentat li l-ambitu tal-prodott kien definit ħażin mill-bidu, u s-sejbiet tad-dannu fuq il-bażi ta' definizzjoni żbaljata tal-prodott kienu għalhekk dubjużi.

(28) Il-Kummissjoni osservat li s-CCCME ma ressqitx argumenti jew evidenza addizzjonali li jiġġustifikaw l-esklużjoni tal-MAE elettriku. Għalhekk, kif spjegat fil-premessi (45) sa (46) tar-Regolament proviżorju, hija sostniet li ż-żewġ kategoriji (MAE konvenzjonali u elettriku jew ibridu) għandhom l-istess karatteristiċi essenzjali u li kien iġġustifikat li t-tnejn kienu parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Il-Kummissjoni osservat ukoll li s-suq tal-MAE kien qed jevolvi b'mod kostanti u fid-dawl tat-tħassib ambjentali, fost l-oħrajn, l-MAE elettriku jista' jintuża progressivament f'ambjenti jew f'industriji li qabel kienu jużaw l-MAE bi propulsjoni konvenzjonali. Għalhekk, ma jkunx hemm raġuni biex l-MAE elettriku jiġi eskluż mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott, abbażi, fost l-oħrajn, tal-fatt li fl-IP kienu diġà użati l-aktar fuq ġewwa. Aktar importanti minn hekk, minkejja l-użu fuq ġewwa jew fuq barra tal-MAE, kemm il-MAE elettrika kif ukoll dik konvenzjonali kellhom l-istess karatteristiċi u użu prinċipali bażiċi, u t-tnejn li huma jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-prodott ikkonċernat. Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li l-ambitu tal-prodott kien ġie definit b'mod korrett.

2.4.2. *Pretensjoni biex jiġu eskluż l-MAE ta' għoli ta' operat ta' 28 metru u aktar*

(29) Bħala tweġiba għas-sejbiet provviżorji u ripetuti wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME ddefendiet ukoll li t-talba tagħha li teskludi l-MAE ibridu jew elettriku ta' għoli ta' operat ta' 28 metru u aktar li ma kienx manifatturat mill-industrija tal-Unjoni kienet fondata sew, għall-kuntrarju tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni. Hija qieset ukoll li l-fatt li l-Kummissjoni semmiet li dawn l-MAE setgħu jiġu prodotti fil-futur ma kienx rilevanti minħabba li jekk dawn l-MAE ma jiġux importati matul il-perjodu kkunsidrat, is-sejbiet tad-dannu kienu distorti peress li dawn it-tipi ma setgħux jagħmlu ħsara lill-industrija tal-Unjoni. Is-CCCME argumentat li l-kumpaniji Dinolift u Manitou setgħu jipproduċu biss MAE ta' għoli ta' operat ta' massimu ta' 28 metru.

(30) Il-Kummissjoni qieset li tabilħaqq l-informazzjoni fuq il-paġna web tal-kumpanija Dinolift u r-rapport annwali ta' Manitou ddikjaraw li setgħu jipproduċu MAE ta' għoli ta' operat sa 28 metru. Madankollu, dan ma jixhedx li dawn il-produtturi jew produtturi oħra fis-suq ma setgħux jipproduċu MAE ta' għoli ta' operat ta' aktar minn 28 metru, kieku kellu jkun hemm domanda, jew li ma kinux se jibdew jipproduċuha fil-futur qrib. Kif il-Kummissjoni diġà qieset fil-premessa (337) tar-Regolament proviżorju, il-fatt li ċerti tipi ta' prodotti ġew manifatturati inqas ma setax iwassal għall-konklużjoni li dawn it-tipi ta' prodotti ma kinux jikkompetu mal-importazzjonijiet miċ-Ċina iżda pjuttost kien l-effett tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping jew tad-domanda baxxa għal dawn it-tipi ta' prodotti. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-fatt li fil-PI, il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun ma bigħux it-tipi kollha ta' prodotti li jeżistu fis-suq, jew li xi tipi ta' prodotti ma nbiegħux fil-PI mill-produtturi tal-Unjoni, ma kellux effett fuq il-konklużjonijiet ġenerali dwar id-dannu lill-industrija tal-Unjoni. - Għalhekk, il-Kummissjoni sostniet li ma kien hemm l-ebda raġuni biex jiġi eskluż kwalunkwe wieħed mit-tipi ta' prodotti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott u żammet mal-konklużjonijiet tagħha fil-premessa (47) tar-Regolament proviżorju.

2.4.3. *Pretensjoni biex jiġu esklużi biċċiet ta' MAE u jekk mhux esklużi, biex jiġu elenkati fil-parti operattiva tar-Regolament*

(31) Bi tweġiba għas-sejbiet provviżorji u wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME tenniet li l-inklużjoni ta' biċċiet assemblati minn qabel jew ta' biċċiet lesti għall-assemblaġġ ma kinitx ġustifikata - fl-assenza ta' suq ħieles għall-biċċiet tal-MAE fl-Unjoni, l-ebda dannu materjali, jekk kien hemm, ma seta' ġie kkawżat lill-produtturi tal-Unjoni tal-biċċiet tal-MAE mill-importazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott simili. Is-CCCME talbet ukoll li l-Kummissjoni telenka b'mod espliċitu l-biċċiet ikkonċernati (jiġifieri x-xażi, in-nagħla, il-mekkaniżmu ta' rfigħ u l-pjattaforma) fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott fil-parti eżekuttiva tal-miżuri, sabiex tiġi żgurata l-konsistenza tal-implimentazzjoni u tiġi evitata kwalunkwe konfużjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni.

(32) Il-Kummissjoni sabet li ma kien hemm l-ebda argument sostanzjat addizzjonali preżentat mis-CCCME biex jiġu esklużi l-biċċiet. Għalhekk, il-Kummissjoni żammet il-konklużjonijiet tagħha msemmija fil-premessa (52) tar-Regolament proviżorju li l-biċċiet jenħtieġ li jibqgħu parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott.

(33) Il-Kummissjoni, min-naħa l-oħra, qieset it-talba tas-CCCME biex telenka b'mod espliċitu l-biċċiet fid-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott fil-parti eżekuttiva tal-miżuri bħala ġustifikata, u adattat il-parti operattiva tar-Regolament kif xieraq.

2.4.4. *Pretensjoni biex jiġu eskluży l-ispider lifts*

(34) Il-produttur esportatur Sinoboom talab li l-ispider lifts jiġu eskluży mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott. Huwa argumenta li spider lift kien tip partikolari ħafna ta' MAE li fih bieba tal-aċċess dejqa u piż u pressjoni tal-art aktar baxxi meta mqabbla ma' tipi oħra ta' MAE. Huwa argumenta li spider lift jista' jintuża f'terreni u kuntesti differenti iżda huwa uniku fil-kapaċità tiegħu li joqgħod fi spazji dojoq, u b'hekk isir partikolarment utli għal postijiet fuq ġewwa bħal ċentri kummerċjali, stadji, stazzjonijiet ferrovjarji, lukandi u ajruporti. Sinoboom argumentat ukoll li fl-Unjoni kien hemm produzzjoni żgħira ħafna ta' dawn it-tipi. Sinoboom qieset għal dawn ir-raġunijiet kollha li l-ispider lifts miċ-Ċina ma kinux f'kompetizzjoni mal-ispider lifts manufatturati fl-Unjoni u li l-impożizzjoni ta' dazji fuq l-importazzjonijiet tagħha tippenalizza kemm lill-importaturi kif ukoll lill-utenti downstream u lill-konsumaturi.

(35) Il-Kummissjoni qieset li t-talba ma kinitx fondata. L-ispider lifts, minkejja l-partikolaritajiet tagħhom, kellhom l-istess karatteristiċi essenzjali bħat-tipi l-oħra ta' MAE. Sinoboom innifsha indikat li kienu jeżistu żewġ produtturi ta' spider lifts li wrew li kien hemm produzzjoni ta' spider lifts fl-Unjoni. Mekkaniżmu ta' rfigħ, forma jew li seta' joqgħod fi spazji dojoq ma biddilx l-użu tiegħu li kien biex jippermetti lill-ħaddiema jaħdmu fl-għoli b'mod sikur. Għalhekk, l-ispider lifts importati miċ-Ċina kkompetew mal-ispider lifts manufatturati fl-Unjoni. Il-pretensjoni li l-produzzjoni fl-Unjoni ma setgħetx tissodisfa d-domanda ma kienet appoġġata minn l-ebda evidenza. Anke li kieku dan kien il-każ, il-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma tistax tissodisfa d-domanda mhuwiex kriterju rilevanti biex jiġi eskluż tip ta' prodott mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott; l-objettiv tal-impożizzjoni tad-dazji kien li l-MAE jiġi importat bi prezz ġust, u mhux li jiġu evitati l-importazzjonijiet ta' dawk l-ispider lifts jew ta' MAE ieħor. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni.

2.4.5. *Konklużjoni dwar il-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott*

(36) Fid-dawl tar-raġunijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni ddeċidiet li żżomm il-konklużjonijiet tagħha stabbiliti fil-premessa (52) tar-Regolament proviżorju.

3. **DUMPING**

(37) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, il-Kummissjoni rċeviet kummenti mingħand il-GOC, Dingli, Terex, JLG, Sinoboom u s-CCCME dwar is-sejbiet proviżorji tad-dumping.

3.1. **Proċedura għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku**

(38) Is-CCCME u Sinoboom qajmu dubji dwar id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tagħżel pjattaformi mmuntati fuq it-trakkijiet bħala l-prodott fl-istess kategorija ġenerali bħall-MAEs. Is-CCCME argumentat li s-sensja ta' produttur tal-krejnijiet Malażjan bħala sors xieraq għall-istabbiliment ta' parametri referenzjarji ta' SG&A (selling, general and administrative) u profitt mingħajr distorsjoni kienet mingħajr bażi. Iż-żewġ partijiet interessati msemmija hawn fuq indikaw differenzi importanti bejn il-pjattaformi mobbli mmuntati fuq it-trakkijiet u l-MAEs, billi argumentaw li l-karatteristika teknika u l-proċess ta' produzzjoni tagħhom huma differenti minn dawk tal-MAEs, u għandhom impatt kbir fuq l-ispiża tal-produzzjoni tagħhom.

(39) Is-CCCME sostniet li jekk il-Kummissjoni tagħżel il-Brażil, għandu jintgħażel produttur ieħor ta' tagħmir għall-irfigħ barra Madal Palfinger S.A. ("Madal Palfinger") bħala sors xieraq għall-istabbiliment ta' parametri referenzjarji ta' SG&A u profitt mingħajr distorsjoni. Sinoboom ipproponiet manifattur ta' krejnijiet mobbli u fuq iċ-ċineg bħala produttur Brażiljan alternattiv.

(40) La l-Kummissjoni u lanqas il-partijiet interessati ma setgħu jidentifikaw pajjiż b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina fejn ġew prodotti l-MAEs. Għalhekk, il-Kummissjoni għażlet prodott fl-istess kategorija ġenerali bħall-MAEs abbażi tal-karatteristiċi li jiddefinixxu l-prodott investigat, kif iddikjarat fit-Taqsima 2 tan-Notifika tal-Bidu ([8]), jiġifieri tagħmir għall-irfigħ li huwa mobbli, awtopropulsiv, u użat għall-irfigħ tal-persuni. Il-Kummissjoni,

([8]) Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping dwar importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli ("MAE") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, C/2023/783, 13.11.2023, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2023/783/oj.

għalhekk, eskludiet krejnijiet statiċi użati għall-immaniġġjar tal-materjal. F'dak li għandu x'jaqsam mal-krejnijiet fuq iċ-ċineg mobbli, peress li d-definizzjoni tal-prodott investigat teskludi b'mod espliċitu t-tagħmir tal-immaniġġjar tal-materjali ([9]), dawn ma jistgħux jitqiesu bħala prodott fl-istess kategorija ġenerali bħall-MAEs.

(41) Il-pjattaformi mobbli mmuntati fuq it-trakkijiet huma ovvjament mobbli u jintużaw prinċipalment għall-irfigħ tal-persuni. L-unika differenza mill-MAEs hija l-mekkaniżmu ta' propulsjoni tagħhom li fil-każ ta' dan tal-aħħar huwa inkorporat filwaqt li għall-pjattaformi mobbli mmuntati fuq it-trakkijiet huwa provdut minn vettura. Il-Kummissjoni affermat mill-ġdid il-konklużjoni tagħha fit-tieni nota dwar il-fatturi tal-produzzjoni ("it-Tieni Nota") li fid-dawl tal-karatteristiċi ewlenin u l-użu simili tagħhom, il-proċess tal-produzzjoni u l-materjal ta' input, il-pjattaformi mobbli mmuntati fuq it-trakkijiet huma fl-istess kategorija ġenerali bħall-MAEs. Id-differenzi mressqa mis-CCCMA u minn Sinoboom ma kinux tali li jimminaw ix-xebh fundamentali fil-karatteristiċi li jiddefinixxu ż-żewġ prodotti. Il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(42) L-ebda manifattur ta' pjattaformi mobbli mmuntati fuq it-trakkijiet ma ġie propost mill-partijiet interessati bħala sors xieraq għall-istabbiliment ta' parametri referenzjarji ta' SG&A u profitt mingħajr distorsjoni. Għalhekk, Madal Palfinger, produttur fil-Brażil identifikat mill-Kummissjoni fit-Tieni Nota kien l-unika kumpanija kkunsidrata għal analiżi ulterjuri.

(43) Is-CCCME u Sinoboom argumentaw li l-kontijiet ta' Madal Palfinger ma jistgħux jitqiesu affidabbli sabiex jinħadem il-valur normali peress li hija proprjetà ta' kumpanija li għandha l-kwartieri ġenerali tagħha fl-UE (l-Awstrija) u xi whud mit-tranżazzjonijiet koperti fiha ma sarux fil-perkors normali tal-kummerċ. Huma rreferew għan-noti tal-kontijiet tal-2023 ta' Madal Palfinger li fihom id-dikjarazzjoni li "[i]l-kundizzjonijiet ekonomiċi u politiċi diffiċli fil-LATAM kellhom ukoll impatt fuq il-produzzjoni. Il-kapaċità ġiet aġġustata skont dan, speċjalment fil-Brażil. Ir-relazzjonijiet interni ta' provvista mas-siti ta' produzzjoni fl-Istati Uniti ġew estiżi u l-proċess ta' standardizzazzjoni […]." ([10])

(44) Il-Kummissjoni sabet li l-affidabbiltà tat-tranżazzjonijiet fil-kontijiet ta' Madal Palfinger sabiex jinħadem il-valur normali ma kinitx ipperikolata mill-aġġustament tal-kapaċità fi ħdan il-Grupp Palfinger imsemmi fin-noti tal-kontijiet finanzjarji tiegħu tal-2023 minħabba li f'termini ta' bejgħ u spejjeż ġenerali u profitt il-maġġoranza l-kbira tat-tranżazzjonijiet ta' Madal Palfinger fis-suq domestiku u internazzjonali baqgħu affidabbli.

(45) Il-Kummissjoni affermat mill-ġdid il-konklużjoni tagħha fil-premessa (197) tar-Regolament proviżorju li s-sjieda ta' Madal Pafinger kienet irrilevanti għall-investigazzjoni. Id-data finanzjarja miksuba minn Madal Pafinger tirrifletti t-tranżazzjonijiet tal-bejgħ magħmula mill-produttur Brażiljan u mhux mis-sid Ewropew tiegħu.

(46) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME tenniet l-affermazzjonijiet relatati man-nuqqas ta' affidabbiltà tal-kontijiet ta' Madal Palfinger minħabba tranżazzjonijiet intragrupp. Barra minn hekk, is-CCCME kkwotat dikjarazzjoni fir-Rapport tal-2023 tal-Grupp Palfinger li ([11]) tirreferi għall-Arġentina ([12]) minflok għall-Brażil. Dawn il-pretensjonijiet diġà ġew indirizzati fil-premessi (44) u (45).

(47) Għalhekk, il-konklużjoni fil-premessa (58) tar-Regolament proviżorju ġiet ikkonfermata.

3.2. **Valur normali**

3.2.1. *Eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti*

(48) Id-dettalji tal-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti ġew stabbiliti fit-Taqsima 3.3 tar-Regolament proviżorju.

([9]) *Il-prodott li qed jiġi investigat huwa tagħmir għall-aċċess mobbli ddisinjat għall-irfigħ ta' persuni...*", Taqsima 2, *Ibid.*

([10]) Ara pġ. 28 tal-kontijiet annwali tal-2023 ta' Madal Palfinger , https://assets.palfinger.com/importdata/corporate/newsroom/en/reports/2023/PALFINGER_GB2023_EN_open.pdf.

([11]) *Idem*. Palfinger | Rapport Annwali 2023 | Links għat-tniżżil https://i-report.palfinger.ag/2023/en/downloads.

([12]) Idem, pg. 28 "Internal supply relationships with the production sites in the USA were expanded and the process of standardizing as well as optimizing production **at the Rio Tercero plant in Argentina** continued." Enfażi miżjuda.

(49) Mal-impożizzjoni tad-dazji proviżorji, il-GOC issottometta, fid-29 ta' Lulju 2024, sett ta' kummenti li fihom sostna li: (i) jeżistu nuqqasijiet fir-Rapport; (ii) l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa inkonsistenti mal-Ftehim tad-WTO (World Trade Organization) dwar l-Anti-Dumping ("ADA", Anti-Dumping Agreement); (iii) il-prattiki investigattivi tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huma inkonsistenti mal-liġi tad-WTO; (iv) jenħtieġ li l-Kummissjoni teżamina b'mod komprensiv jekk hemmx distorsjonijiet fis-suq tal-pajjiż rappreżentattiv u tagħha stess. Fl-istess data, is-CCCME preżentat kummenti li skonthom: (i) l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku huwa inkompatibbli mal-ftehimiet tad-WTO u mad-deċiżjoni tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO fl-Unjoni Ewropea - Miżuri anti-dumping fuq il-każ tal-Bijodiżil mill-Arġentina ([13]); (ii) ma hemm l-ebda distorsjoni sinifikanti skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku fis-settur tal-MAE fiċ-Ċina.

(50) B'mod aktar speċifiku, il-GOC argumenta li, l-ewwel nett, ir-Rapport aġġornat jipperpetwa l-problema tar-Rapport billi jkompli jagħmel valutazzjoni suġġettiva, unilaterali u skorretta tal-ekonomija tas-suq taċ-Ċina. Fil-fehma tal-GOC, dan huwa partikolarment minħabba li: (a) iċ-Ċina stabbiliet ekonomija tas-suq soċjalista f'konformità mar-realtajiet speċifiċi tagħha stess u l-ekonomija tas-suq soċjalista taċ-Ċina tjiebet u ġiet żviluppata kontinwament, u s-suq għandu rwol deċiżiv fl-allokazzjoni tar-riżorsi u l-GOC għandu rwol aħjar biex jistimula bis-sħiħ il-vitalità tal-ekonomija. Ma hemmx biss mudell wieħed ta' ekonomija tas-suq, l-ekonomija tas-suq jenħtieġ li tkun marbuta b'mod inseparabbli mal-istorja, il-kultura u r-realtajiet ta' kull pajjiż; (b) il-kontenut tar-Rapport aġġornat mhuwiex korrett, huwa unilaterali u jiddevja serjament mir-realtà oġġettiva, bl-użu tal-vantaġġi kompetittivi leġittimi tal-industriji Ċiniżi u d-differenzi istituzzjonali normali bejn iċ-Ċina u l-Ewropa bħala l-bażi biex jiġi determinat jekk hemmx distorsjoni sinifikanti tas-suq, filwaqt li tiġi evitata kompletament il-kwistjoni ta' jekk jeżistux distorsjonijiet sinifikanti tas-suq fl-UE nnifisha; (c) il-Kummissjoni ħarġet biss Dokumenti ta' Ħidma tal-Persunal dwar iċ-Ċina u r-Russja li jġibu suspetti li dan huwa xprunat minn kunsiderazzjonijiet politiċi, li jwasslu għal ħassib dwar it-trattament tan-nazzjon l-aktar iffavorit ("MFN", most-favoured-nation); (d) il-Kummissjoni taċċetta l-allegazzjonijiet ta' distorsjoni sinifikanti mqajma mill-industriji domestiċi, bl-użu tar-Rapport (aġġornat) bħala l-evidenza ewlenija, u b'hekk tipprovdi vantaġġi lill-industriji tal-UE. Abbażi tar-Rapport, il-Kummissjoni tiddeċiedi li tibda każijiet, twettaq investigazzjonijiet, u tagħmel konklużjonijiet, li jwassal biex il-Kummissjoni tħares b'mod aktar favorevoli lejn l-evidenza mressqa mill-industriji tal-UE, prattika inkonsistenti mal-prinċipji legali bażiċi tal-ekwità u l-ġustizzja.

(51) Il-Kummissjoni ma qablitx. Peress li l-ispeċifiċitajiet storiċi u kulturali Ċiniżi huma tabilħaqq barra mill-kuntest tal-analiżi ta' distorsjonijiet sinifikanti skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolamenti bażiċi, ir-Rapport aġġornat – li huwa dokument komprensiv ibbażat fuq evidenza oġġettiva estensiva, inklużi leġiżlazzjoni, regolamenti u dokumenti uffiċjali oħra ta' politika ppubblikati mill-awtoritajiet Ċiniżi, rapporti ta' partijiet terzi minn organizzazzjonijiet internazzjonali, studji akkademiċi u artikoli minn akkademiċi, u sorsi indipendenti affidabbli oħra – jiffoka fuq każijiet li jindikaw l-eżistenza ta' distorsjonijiet fis-sens tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Id-distorsjonijiet rilevanti ġew deskritti fid-dettall fit-Taqsimiet 3.3.2. sa 3.3.8. tar-Regolament proviżorju, filwaqt li tqiesu mhux biss ir-Rapport aġġornat iżda l-korp kollu ta' evidenza fil-fajl, u l-GOC naqas milli jżid xi informazzjoni speċifika li tixħet dubju fuq dik l-analiżi. Għall-kuntrarju, fir-rigward tad-dikjarazzjoni tal-GOC li s-suq qed ikollu rwol deċiżiv fl-allokazzjoni tar-riżorsi bis-saħħa tal-mudell tal-ekonomija tas-suq soċjalista, il-Kummissjoni indikat li anke d-dokumenti ta' politika Ċiniżi rilevanti l-aktar reċenti juru n-nuqqas ta' tali allokazzjoni tar-riżorsi bbażata fuq is-suq. B'mod partikolari, ir-Riżoluzzjoni tal-Kumitat Ċentrali tal-Partit Komunista Ċiniż dwar l-Approfondiment Ulterjuri tar-Riforma b'mod Komprensiv biex Tavvanza l-Modernizzazzjoni Ċiniża, adottata fit-tielet sessjoni plenarja tal-20 Kumitat Ċentrali tas-CCP fit-18 ta' Lulju 2024 ("it-3 Riżoluzzjoni Plenum"), tafferma b'mod inekwivoku li l-Marxiżmu-Leniniżmu huwa l-filosofija ta' gwida sottostanti għall-politika ekonomika tal-GOC u jimpenja ruħu b'mod espliċitu li jsegwi politiki li jikkontradixxu l-allokazzjoni tar-riżorsi bbażati fuq il-prinċipji tas-suq ([14]).

([13]) L-Unjoni Ewropea – Miżuri anti-dumping fuq il-bijodiżil mill-Arġentina, Rapport tal-Korp tal-Appell, WT/DS473/AB/R, §6.23.
([14]) Ara pereżempju t-Taqsimiet II.5. jew III.8. tat-3[et] Riżoluzzjoni tal-Plenum.

(52) Rigward id-dikjarazzjoni tal-GOC dwar il-ksur tat-trattament MFN, il-Kummissjoni fakkret li, kif previst mill-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku, għandu jiġi prodott rapport tal-pajjiż għal kwalunkwe pajjiż biss meta l-Kummissjoni jkollha indikazzjonijiet fondati sewwa tal-eżistenza possibbli ta' distorsjonijiet sinifikanti f'pajjiż jew settur speċifiku f'dak il-pajjiż. Mad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku fl-2017, il-Kummissjoni kellha dawn l-indikazzjonijiet ta' distorsjonijiet sinifikanti għaċ-Ċina. Il-Kummissjoni ppubblikat ukoll rapport dwar id-distorsjonijiet fir-Russja fl-2020 u aġġornat ir-Rapport dwar iċ-Ċina fl-2024. Fejn xieraq, jistgħu jsegwu rapporti oħra. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li r-rapporti mhumiex obbligatorji għall-applikazzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 2(6a)(c) tar-Regolament bażiku jiddeskrivi l-kundizzjonijiet sabiex il-Kummissjoni toħroġ rapporti tal-pajjiżi u, skont l-Artikolu 2(6a)(d) tar-Regolament bażiku, l-ilmentaturi mhumiex obbligati jużaw ir-rapport, u l-eżistenza ta' rapport tal-pajjiż lanqas mhija kundizzjoni sabiex tinbeda investigazzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Skont l-Artikolu 2(6a)(e) tar-Regolament bażiku, biżżejjed evidenza li turi distorsjonijiet sinifikanti fi kwalunkwe pajjiż miġjuba mill-ilmentaturi li jissodisfaw il-kriterji tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku hija biżżejjed sabiex tinbeda l-investigazzjoni fuq dik il-bażi. Għalhekk, ir-regoli li jikkonċernaw distorsjonijiet sinifikanti speċifiċi għall-pajjiż japplikaw għall-pajjiżi kollha mingħajr ebda distinzjoni, u irrispettivament mill-eżistenza ta' rapport tal-pajjiż. B'riżultat ta' dan, ir-regoli dwar id-distorsjonijiet tal-pajjiżi ma jiksrux it-trattament tal-MFN.

(53) Fir-rigward tal-pretensjoni li, bil-pubblikazzjoni ta' rapporti dwar id-distorsjonijiet, il-Kummissjoni tipprovdi vantaġġi lill-industriji tal-UE, il-Kummissjoni tenniet il-pożizzjoni tagħha li r-Rapport (aġġornat) huwa dokument ibbażat fuq l-evidenza (ara l-premessa (51) hawn fuq). Dan tqiegħed fil-fajl tal-investigazzjoni sabiex kwalunkwe parti interessata kien ikollha biżżejjed opportunità biex tirribatti, tissupplimenta jew tikkummenta dwar il-fatti u l-evidenza li fuqhom huwa bbażat. Kif innotat fil-premessa (55) tar-Regolament proviżorju, il-GOC għażel li ma jippreżentax argumenti jew evidenza li tirribatti s-sorsi inklużi fir-Rapport. Għaldaqstant, aktar milli l-prattika tal-Kummissjoni ma kinitx konsistenti mal-prinċipji legali bażiċi tal-ekwità u l-ġustizzja, kien il-GOC li naqas milli jagħmel użu mid-drittijiet proċedurali tiegħu għaliha.

(54) It-tieni, il-GOC argumenta li l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku mhuwiex kompatibbli mal-liġi tad-WTO, b'mod partikolari peress li: (a) il-kunċett ta' distorsjonijiet sinifikanti ma jistax jinstab fil-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-dumping ("ADA"). Minflok, l-Artikolu 2.2 tal-ADA fih lista eżawrjenti ta' sitwazzjonijiet li fihom id-determinazzjoni tal-valur normali tista' ssir bl-użu tal-valur normali maħdum jew permezz tal-metodoloġija tal-prezz minn esportazzjoni għal pajjiż terz. "Distorsjoni sinifikanti tas-suq" ma tappartjeni għall-ebda waħda minn dawk is-sitwazzjonijiet; (b) l-Artikolu 2.2. tal-ADA jeħtieġ li l-valur normali għandu jinħadem bl-użu tal-ispiża tal-produzzjoni fil-pajjiż tal-oriġini flimkien ma' ammont raġonevoli għall-kostijiet amministrattivi, tal-bejgħ u ġenerali u għall-profitti. L-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA jiċċara wkoll li l-kostijiet għandhom jiġu kkalkulati abbażi ta' rekords miżmuma mill-esportatur jew mill-produttur investigat, dment li tali rekords ikunu konformi mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati fil-pajjiż esportatur u jirriflettu b'mod raġonevoli l-kostijiet tal-produzzjoni u tad-distribuzzjoni relatati mal-prodott taħt investigazzjoni. Għalhekk, l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku jmur lil hinn mir-regoli tad-WTO għall-użu tal-valur normali maħdum.

(55) Dawn l-argumenti ma setgħux jiġu aċċettati. Il-Kummissjoni qieset li d-dispożizzjoni tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku hija konsistenti bis-sħiħ mal-obbligi tad-WTO tal-Unjoni Ewropea, inklużi l-possibbiltajiet li jinħadem il-valur normali previst fl-Artikolu 2.2 tal-ADA. Kif iċċarat espliċitament mill-Korp tal-Appell tad-WTO f'DS473 ([15]), il-liġi tad-WTO tippermetti l-użu ta' data minn pajjiż terz, aġġustata kif xieraq meta tali aġġustament ikun meħtieġ u sostanzjat. Il-Kummissjoni fakkret f'dan ir-rigward li ladarba jiġi determinat li minħabba l-eżistenza ta' distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiż esportatur f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku mhuwiex xieraq li jintużaw prezzijiet u kostijiet domestiċi fil-pajjiż esportatur, il-valur normali jinħadem b'referenza għal prezzijiet jew valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni f'pajjiż rappreżentattiv xieraq għal kull produttur esportatur skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku. L-istess dispożizzjoni tar-Regolament bażiku tippermetti wkoll l-użu ta' kostijiet domestiċi jekk jiġi stabbilit b'mod pożittiv li huma mingħajr distorsjoni. F'dak il-kuntest, il-produtturi esportaturi kellhom il-possibbiltà li jipprovdu evidenza li l-kostijiet SG&A individwali tagħhom u/jew kostijiet oħra tal-input kienu mingħajr distorsjoni. Madankollu, fit-Taqsimiet 3.3.2. sa 3.3.8. tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni stabbiliet l-eżistenza ta' distorsjonijiet fis-settur tal-MAE u ma kien hemm l-ebda

([15]) Appellate Body Report, European Union – Anti-Dumping Measures on Biodiesel from Argentina, WT/DS473/AB/R and Add.1, adottaat fis-26 ta' Ottubru 2016, DSR 2016:VI, p. 2871, Para 7.10.

evidenza pożittiva dwar il-fatturi ta' produzzjoni ta' produtturi esportaturi individwali li kienu mingħajr distorsjoni. Għalhekk, jekk ir-rekords tal-kumpaniji Ċiniżi nżammux f'konformità mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati taċ-Ċina, jew jekk ir-rekords jirriflettux b'mod raġonevoli l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat fiċ-Ċina, ma jistax jaffettwa l-konklużjoni dwar l-applikazzjoni tal-metodoloġija skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku.

(56) It-tielet, il-GOC iddikjara li l-prattiki investigattivi tal-Kummissjoni huma inkonsistenti mad-WTO, sa fejn il-Kummissjoni ma eżaminatx jekk ir-rekords tal-esportaturi Ċiniżi kinux konformi mal-prinċipji kontabilistiċi ġeneralment aċċettati tal-pajjiżi esportaturi jew jekk kinux jirriflettu b'mod raġonevoli l-kostijiet tal-produzzjoni u tal-bejgħ tal-prodotti li qed jiġu investigati, iżda rrifjutat ir-rekords tal-esportaturi Ċiniżi abbażi tal-hekk imsejħa distorsjoni sinifikanti tas-suq, li hija inkonsistenti mal-Artikolu 2.2.1.1 tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Anti-Dumping u s-sejbiet tal-Korp tal-Appell li f'DS473 u tal-Bord f'DS494 enfasizzaw li, skont l-Artikolu 2.2.1.1 tal-ADA, sakemm ir-rekords tal-kostijiet tal-produttur ikunu jirriflettu b'mod preċiż u affidabbli l-kostijiet kollha fil-fatt imġarrba u jkunu ġenwinament assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt kunsiderazzjoni, jenħtieġ li jitqiesu bħala "raġonevolment jirriflettu l-kostijiet assoċjati mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott taħt kunsiderazzjoni" u l-awtorità investigattiva għandha tuża dawn ir-rekords biex tiddetermina l-kostijiet tal-produzzjoni tal-impriża taħt investigazzjoni. Għalhekk, il-GOC stieden lill-Kummissjoni tikkoreġi l-prattika tagħha biex tagħmilha konsistenti ma' dawn ir-rekwiżiti tad-WTO.

(57) Il-Kummissjoni kellha tiċħad dawn il-pretensjonijiet. Fir-rigward tal-konformità tar-rekords tal-esportaturi Ċiniżi mal-prinċipji tal-kontabbiltà ġeneralment aċċettati, dan l-argument kien diġà indirizzat fil-premessi (54) - (56) hawn fuq. Barra minn hekk, fir-rigward tad-DS494, il-Kummissjoni fakkret li kemm l-UE kif ukoll il-Federazzjoni Russa appellaw is-sejbiet tal-Bord, li mhumiex finali u għalhekk, skont il-ġurisprudenza permanenti tad-WTO, ma għandhom l-ebda status legali fis-sistema tad-WTO, peress li ma ġewx approvati mill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim permezz ta' deċiżjoni mill-Membri tad-WTO. Fi kwalunkwe każ, ir-Rapport tal-Bord f'dik it-tilwima qies speċifikament id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku bħala barra mill-kamp ta' applikazzjoni tat-tilwima.

(58) Ir-raba', il-GOC sostna li l-Kummissjoni aċċettat id-*data* tal-pajjiż rappreżentattiv u użatha biex tissostitwixxi l-kost tal-produtturi Ċiniżi mingħajr ma vvalutat b'mod komprensiv jekk hemmx xi distorsjoni sinifikanti fil-Brażil f'konformità mas-sitt kriterji skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku. Fil-fehma tal-GOC, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinvestiga b'mod proattiv u tagħti prova tal-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-pajjiżi rappreżentattivi, aktar milli sempliċiment tistenna b'mod passiv lill-partijiet involuti fil-każ biex jissottomettu l-evidenza. Barra minn hekk, minkejja s-sottomissjonijiet mill-produtturi esportaturi Ċiniżi dwar miżuri anti-dumping u/jew kumpensatorji fuq il-materjali tal-azzar fil-Brażil, il-Kummissjoni ma investigatx jekk dawk il-miżuri restrittivi fuq l-importazzjoni fil-Brażil kinux fixklu l-prezzijiet tal-produtturi Brażiljani rilevanti iżda ċaħdet b'mod arbitrarju l-argumenti tal-produtturi esportaturi Ċiniżi. Xorta waħda fir-rigward tad-*data* dwar il-kostijiet fil-Brażil, il-GOC ħa l-pożizzjoni li peress li l-Kummissjoni kienet sabet distorsjonijiet sinifikanti fil-prodotti tal-intrapriżi Ċiniżi abbażi ta' tranżazzjonijiet intragrupp, il-Kummissjoni missha investigat u wriet ukoll jekk il-prezzijiet tal-intrapriżi magħżula fil-Brażil kinux "distorti" minħabba tranżazzjonijiet intragrupp meta għażlet l-intrapriżi rappreżentattivi. Barra minn hekk, il-GOC sostna li l-Kummissjoni jenħtieġ li teżamina b'mod komprensiv jekk hemmx distorsjonijiet fis-suq intern tal-UE. Il-GOC iqis li dan huwa l-każ minħabba, pereżempju, il-fatt li l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri adottaw varjetà ta' approċċi simili għal dawk taċ-Ċina biex jiggwidaw l-ekonomiji u l-industriji tagħhom, inkluż iżda mhux limitat għall-ħruġ ta' gwida tal-awtoritajiet, li jirrikjedu li s-sistema finanzjarja, speċjalment il-banek kummerċjali, jassumu r-responsabbiltà soċjali, jimplimentaw programmi ta' għajnuna ekonomika, u jifformulaw politiki tal-enerġija li jinkoraġġixxu u jiggwidaw is-settur tal-enerġija.

(59) Il-Kummissjoni sabet li dawn l-argumenti ma jiswewx. Fir-rigward tal-valutazzjoni tad-*data* fil-pajjiż rappreżentattiv, il-Kummissjoni fakkret li, f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni tipproċedi biex taħdem il-valur normali abbażi ta' *data* għajr il-prezzijiet u l-kostijiet domestiċi (sakemm tali kostijiet ma jkunux stabbiliti b'mod pożittiv li mhumiex distorti) fil-pajjiż esportatur biss meta tistabbilixxi li tali *data* hija xierqa biex tirrifletti l-prezzijiet u l-kostijiet mingħajr distorsjoni. F'dan il-proċess, il-Kummissjoni hija marbuta li tuża biss *data* mingħajr distorsjoni. F'dak ir-rigward, aktar milli tistenna b'mod passiv, il-Kummissjoni tagħmel l-analiżi tagħha stess u tistieden lill-partijiet interessati jikkummentaw dwar is-sorsi proposti għad-determinazzjoni tal-valur normali fl-istadji bikrija tal-investigazzjoni, jiġifieri permezz tan-noti dwar is-sorsi mingħajr distorsjoni li biħsiebha tuża rilaxxati kmieni fil-proċediment. Id-Deċiżjoni finali tal-Kummissjoni dwar liema *data* mingħajr distorsjoni jenħtieġ li tintuża biex jiġi kkalkulat il-valur normali tqis bis-sħiħ il-kummenti kollha riċevuti mill-partijiet, kif ukoll ir-riċerka tal-Kummissjoni stess. L-aspetti rilevanti kollha tal-analiżi huma deskritti fid-dettall fit-Taqsima 3.4. tar-Regolament proviżorju, inkluż fil-premessa (199) fir-rigward tat-tranżazzjonijiet intragrupp u l-premessa (201) fir-rigward tal-miżuri anti-dumping u kumpensatorji fil-Brażil. Fir-rigward tal-allegati distorsjonijiet fl-UE, il-Kummissjoni diġà indikat, bi tweġiba għal argument simili mqajjem mis-CCCME, fil-premessa (179) tar-Regolament proviżorju li l-politiki tal-UE ma għandhom l-ebda rilevanza fil-kuntest ta' valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Il-Kummissjoni tenniet li skont l-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku, l-impatt potenzjali ta' wieħed jew aktar mill-elementi distorsivi elenkati f'dik id-dispożizzjoni huwa analizzat fir-rigward tal-prezzijiet u l-kostijiet fil-pajjiż esportatur. L-istruttura tal-kostijiet u l-mekkaniżmi tal-formazzjoni tal-prezzijiet fi swieq oħra, bħal fl-UE, mhumiex parti minn din l-analiżi.

(60) Fir-rigward tal-argumenti mqajma mis-CCCME, l-ewwel nett, l-assoċjazzjoni tenniet id-dikjarazzjoni preċedenti tagħha li la l-ADA jew il-Protokoll ta' Adeżjoni taċ-Ċina mad-WTO, u lanqas id-deċiżjoni tal-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim ("DSB", Dispute Settlement Body) ma jippermettu lill-Kummissjoni tiddevja mill-metodoloġija ġenerali għad-determinazzjoni tal-valur normali skont l-Artikolu 2.2.1 tal-ADA, jiġifieri bl-użu tal-kostijiet u tal-prezzijiet tal-produttur esportatur jew ta' dawk eżistenti fil-pajjiż esportatur, għar-raġuni li nstab li jeżistu distorsjonijiet sinifikanti fil-pajjiż esportatur. F'dan ir-rigward, is-CCCME sostniet li l-argument tagħha għal dan il-għan, ippreżentat fit-3 ta' Jannar 2024, ma ġiex indirizzat mill-Kummissjoni.

(61) Minħabba li l-argument tas-CCCME huwa fil-biċċa l-kbira identiku għal dak imqajjem mill-GOC u indirizzat fil-premessi (54) - (57) hawn fuq, il-Kummissjoni rreferiet għall-pożizzjoni tagħha stabbilita f'dawk il-premessi.

(62) It-tieni, fir-rigward tal-allegat nuqqas ta' distorsjonijiet sinifikanti fis-settur tal-MAE fiċ-Ċina, is-CCCME sostniet li: (a) f'dawn l-aħħar seba' snin, iċ-Ċina feħet is-sistema finanzjarja tagħha u laqgħet l-investimenti barranin fit-territorju tagħha, inklużi l-produtturi tal-MAE tal-Istati Uniti u Ewropej; (b) iċ-Ċina għamlet progress sinifikanti fit-tisħiħ tal-protezzjoni tal-PI tagħha u wettqet ukoll riformi importanti fil-qafas tal-intrapriżi tal-istat ("SOEs", state-owned companies), li jnaqqsu l-kapaċitajiet żejda u jżidu l-kompetittività tagħhom; (c) l-14-il Pjan ta' Ħames Snin ("FYP, five year plan") jirreferi biss għas-settur tal-makkinarju tal-kostruzzjoni, filwaqt li s-settur tal-MAE, jiġifieri l-industrija tat-tagħmir industrijali tal-pjattaformi tax-xogħol fil-għoli lanqas biss tissemma fl-14-il FYP. Il-fatt li l-MAE tintuża ta' spiss fil-kuntest ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni ma jiġġustifikax, fil-fehma tas-CCCME, l-approċċ tal-Kummissjoni li tikkunsidra s-settur tal-MAE bħala parti mill-industrija tal-makkinarju tal-kostruzzjoni; (d) ir-raġunament tal-Kummissjoni dwar il-preżenza tal-Istat fid-ditti huwa ipokritiku peress li l-ebda waħda mill-kumpaniji msemmija mill-Kummissjoni, bħal XCMG jew Liugong mhija inkluża fil-kampjun tal-investigazzjoni preżenti u għalhekk ma jirrappreżentawx il-forza ewlenija tal-industrija Ċiniża. Barra minn hekk, jekk il-Kummissjoni tqis li l-parteċipazzjoni azzjonarja tal-Istat fil-produtturi tal-MAE hija r-raġuni għad-distorsjoni tas-suq, jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkonkludi wkoll li l-Istati Membri tal-UE, bħal Franza, il-Ġermanja jew il-Polonja, qed joħolqu wkoll distorsjoni tas-suq billi jippossjedu ishma ta' kumpaniji elenkati fil-borża.

(63) Il-Kummissjoni ma setgħetx taċċetta dawn l-argumenti. Is-CCCME ma provdiet l-ebda evidenza speċifika li tiċħad l-analiżi tal-Kummissjoni fit-Taqsimiet 3.3.2., 3.3.5. u 3.3.7. tar-Regolament proviżorju, sempliċi dikjarazzjoni li l-investimenti barranin huma milqugħa fiċ-Ċina jew li twettqu riformi fil-qafas tal-SOEs ma jistgħux ibiddlu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni f'dan ir-rigward. Barra minn hekk, il-Kummissjoni indikat li dokumenti ta' politika Ċiniżi reċenti, bħat-3 Riżoluzzjoni Plenum, juru li l-proċess ta' riforma tal-SOE, primarjament għandu l-għan li jikkonsolida u jsaħħaħ il-preżenza tal-SOEs f'industriji strateġiċi ([16]). Fir-rigward tal-fatt li s-settur tal-MAE ma jissemmiex speċifikament fl-14-il FYP, il-Kummissjoni ddeskriviet fil-premessi (130) – (138) tar-Regolament proviżorju s-sistema ta' pjanar Ċiniża li tistabbilixxi l-prijoritajiet u tippreskrivi l-għanijiet għall-awtoritajiet fil-livell tal-gvern ċentrali, provinċjali u lokali, inkluż kif dik is-sistema, anke jekk ma ssemmix speċifikament is-settur tal-MAE fl-14-il FYP nazzjonali, tinkludi dispożizzjonijiet espliċiti għall-prodott ikkonċernat fil-livelli subċentrali. Fir-rigward tal-istati tal-UE li għandhom ishma fil-kumpaniji, il-Kummissjoni diġà indikat l-assenza ta' rilevanza ta' din il-linja ta' argumentazzjoni fil-premessa (59) hawn fuq. Barra minn hekk, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll fil-premessi (107) – (111) u (171) tar-Regolament proviżorju li l-kontroll tal-Istat fil-produtturi Ċiniżi tal-MAE inkwistjoni jmur ferm lil hinn mis-sjieda u jammonta għal distorsjoni sinifikanti skont l-ewwel inċiż tal-Artikolu 2(6a)(b) tar-Regolament bażiku.

(64) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME tenniet l-affermazzjonijiet tagħha relatati mal-inkompatibbiltà tal-Artikolu 2(6a) mal-Ftehim tad-WTO. Dawn il-pretensjonijiet diġà ġew indirizzati fil-premessi (51) u (61).

(65) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet tagħha li ntlaħqu fit-Taqsima 3.3. tar-Regolament proviżorju.

3.2.2. *Pajjiż rappreżentattiv*

(66) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CCCME affermat li minħabba li ma hemm l-ebda pajjiż ieħor f'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina u li jipproduċi l-MAEs, il-Kummissjoni kellha tagħżel pajjiż ieħor għajr il-Brażil li huwa produttur ta' prodott simili li jappartjeni għall-istess kategorija ġenerali. Is-CCCME tenniet il-proposta tagħha li tagħżel il-Malażja bħala pajjiż rappreżentattiv alternattiv.

(67) Fil-premessa (60) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni diġà rribattiet din il-pretensjoni u żiedet aktar elementi fil-premessa (41) hawn fuq.

(68) Il-konklużjonijiet fil-premessa (203) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.2.3. *Kostijiet u valuri referenzjarji mingħajr distorsjoni*

3.2.3.1. Fatturi ta' produzzjoni

(69) Sinoboom sostniet li l-użu tal-Global Trade Atlas (GTA) ([17]) wassal għal eżitu mhux raġonevoli għal ċerti fatturi tal-produzzjoni ("FOPs", Factors of Production) bħal magni u materjali oħra ([18]), li għalihom Sinoboom talbet differenzi sostanzjali fil-prezzijiet bejn il-kostijiet tagħha stess u l-parametru referenzjarju. Il-kumpanija sostniet li sabiex jinkisbu parametri referenzjarji mingħajr distorsjoni għal dawn, jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża d-*data* rrapportata ta' Sinoboom jew metodu alternattiv.

([16]) Ara t-Taqsima II.5. tat-3 Riżoluzzjoni Plenum: "*Ser napprofondixxu r-riforma tal-kapital tal-istat u tal-intrapriżi tal-istat (SOEs), intejbu l-istituzzjonijiet u l-mekkaniżmi għall-ġestjoni u s-sorveljanza, insaħħu l-koordinazzjoni strateġika bejn id-dipartimenti amministrattivi rilevanti, u naħdmu biex nirfinaw it-tqassim tas-settur tal-istat u naġġustaw l-istruttura tiegħu. Dan kollu se jgħin lill-kapital tal-istat u lill-SOEs isiru aktar b'saħħithom, jagħmlu aħjar, u jikbru aktar.* (...) *Il-kapital tal-Istat ser jiġi ggwidat lejn industriji ewlenin u oqsma ewlenin li huma vitali għas-sigurtà nazzjonali u jservu bħala l-pedament tal-ekonomija nazzjonali.* (...) *Ser nistabbilixxu sistema biex nivvalutaw il-prestazzjoni tal-SOEs fit-twettiq tal-missjonijiet strateġiċi tagħhom* (...)."

([17]) *Data* dwar il-Kummerċ Internazzjonali fl-Importazzjoni u l-Esportazzjoni: Global Trade Atlas | S&P Global (spglobal.com), https://www.spglobal.com/market-intelligence/en/solutions/products/maritime-global-trade-atlas.

([18]) Meta jitqies li t-talba hija relatata mal-kostijiet ta' ċerti FOPs ta' Sinoboom, l-FOPs speċifiċi ma għandhomx jissemmew għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali.

(70) Il-Kummissjoni qieset li d-*data* ta' Sinoboom kienet soġġetta għal distorsjonijiet sinifikanti stabbiliti għar-RPĊ kif iddeterminat fit-Taqsima 3.2.1 hawn fuq u fil-premessi (64) - (185) tar-Regolament proviżorju. Għalhekk, ma setgħetx tintuża fil-kalkolu tal-valur normali maħdum skont l-Artikolu 2(6a) tar-Regolament bażiku. Konsegwentement, il-Kummissjoni ċaħdet ukoll il-pretensjoni li l-eżistenza ta' differenzi bejn il-prezzijiet distorti tal-FOPs użati mill-kumpanija u l-prezzijiet tal-parametri referenzjarji rkuprati mill-GTA turi li l-prezzijiet tal-GTA "mhumiex rappreżentattivi".

(71) Sinoboom argumentat li l-kodiċijiet SA magħżula mill-Kummissjoni għal ċerti FOPs huma differenti minn dawk irrapportati matul il-verifika tat-tweġiba tagħha għall-kwestjonarju. Il-kumpanija talbet l-użu tal-kodiċijiet SA rrapportati.

(72) Il-Kummissjoni rrevediet il-parametri referenzjarji għall-FOPs imsemmija fil-premessa (71) biex tiżgura konsistenza mal-kodiċijiet SA rrapportati minn Sinoboom. Madankollu, il-Kummissjoni nnotat li l-użu ta' kodiċijiet SA alternattivi xi drabi kien jirrikjedi l-użu ta' unità differenti ta' kejl. Il-Kummissjoni kkonvertiet il-parametri referenzjarji rispettivi abbażi tat-tabella ta' konverżjoni provduta mill-kumpanija. Il-kodiċijiet SA użati, flimkien mal-aġġustamenti, ġew żvelati lil Sinoboom.

(73) Sinoboom sostniet li għal xi FOPs, il-prezzijiet ġew espressi f'unitajiet ta' kejl differenti fid-divulgazzjoni proviżorja minn dawk irrapportati għall-materjali korrispondenti fit-tweġiba għall-kwestjonarju. Il-kumpanija argumentat li bidla fl-unità tal-kejl tista' toħloq distorsjonijiet ovvji fil-ħdim tal-valur normali ta' Sinoboom, peress li dawn il-valuri referenzjarji se jiġu applikati għar-rati tal-konsum materjali kkalkulati fuq il-bażi ta' unitajiet differenti ta' kejl. Ir-riżultat kien "sparigġ tal-informazzjoni dwar il-kostijiet" allegat minn Sinoboom. Il-kumpanija sostniet li fil-każ ta' dawn l-FOPs, il-Kummissjoni kellha tirrikorri għal bażi tad-*data* alternattiva.

(74) Il-Kummissjoni sabet li l-pretensjoni ma kinitx sostanzjata u ċaħdet l-argument li jenħtieġ li tirrikorri għal bażi tad-*data* alternattiva minħabba li żgurat l-użu korrett ta' unità ta' kejl ekwivalenti f'konformità ma' dik irrapportata minn Sinoboom billi bbażat fuq l-unità sekondarja ([19]) kif irrapportat fil-GTA. Fejn ġustifikat mill-ispeċifiċitajiet ta' ċerti FOPs, il-Kummissjoni użat unità alternattiva ta' kejl u kkonvertiet il-parametru referenzjarju kif xieraq.

(75) Sinoboom allegat li kien hemm inkonsistenzi fil-prezzijiet tal-FOP f'annessi differenti ta' qabel id-divulgazzjoni għal erba' FOPs ([20]). Il-prezz ta' unità ta' referenza indikat fl-Anness 4.1 u l-Anness 2.2 tad-divulgazzjoni minn qabel huma differenti. Sinoboom talbet lill-Kummissjoni tirrieżamina d-diskrepanza u tikkoreġiha.

(76) Il-Kummissjoni fl-istadju definittiv żvelat anness 4.1 ġdid li jikkoreġi l-iżball klerikali u l-inkonsistenza li tirriżulta bejn il-prezzijiet tal-FOP.

(77) Dingli sostniet li l-Kummissjoni kienet użat parametru referenzjarju żbaljat għal FOP li jammonta għal sehem sinifikanti tal-kost tagħhom. Il-kumpanija ssuġġeriet l-użu ta' parametru referenzjarju ieħor.

(78) Wara li analizzatu, il-Kummissjoni aċċettat il-pretensjoni. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid il-valur normali għall-kumpanija li rriżulta fit-tnaqqis tiegħu.

(79) Terex innotat li sabiex jiġi kkoreġut żball klerikali li sar mill-Kummissjoni, il-prezzijiet ta' żewġ FOPs ([21]) jenħtieġ li jinbidlu. Il-kumpanija argumentat li, fl-istadju proviżorju, minħabba żball klerikali, il-Kummissjoni ttajpjat b'mod żbaljat FOP wieħed u użat parametru referenzjarju żbaljat għal ieħor.

([19]) "Unità sekondarja" jew "kwantità sekondarja" spiss tintuża biex tipprovdi informazzjoni addizzjonali dwar il-kejl flimkien mal-unità primarja ta' kejl għal komodità partikolari. F'dan il-każ, l-unità sekondarja dejjem kienet Kgs. Meta l-unità primarja kienet numri jew biċċiet, il-GTA provdiet il-valur f'Kgs ukoll.

([20]) L-FOPs speċifiċi ma għandhomx jissemmew għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali. Sinoboom ittikkettat l-FOPs speċifiċi bħala informazzjoni kunfidenzjali kummerċjali mhux suxxettibbli għal sommarju minħabba li l-prezz tagħhom huwa sostanzjalment differenti minn parametru referenzjarju divulgat pubblikament, li jwassal għad-divulgazzjoni ta' kostijiet speċifiċi għall-kumpanija.

([21]) Il-FOPs speċifiċi ma għandhomx jissemmew għal raġunijiet ta' kunfidenzjalità kummerċjali.

(80) Il-Kummissjoni rrikonoxxiet l-iżball klerikali u aċċettat il-pretensjoni dwar l-ewwel FOP u kkoreġiet il-parametru referenzjarju kif xieraq. Fir-rigward tal-pretensjoni għat-tieni prezz tal-FOP, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni u ċċarat li l-parametru referenzjarju użat kien ibbażat fuq l-unità sekondarja ppubblikata fil-GTA. B'riżultat ta' dan, il-Kummissjoni aġġustat il-valur normali.

(81) Is-CCCME reġgħet issottomettiet il-pretensjoni tagħha li r-raggruppament ta' materjal li jammonta għal inqas minn 1 % fl-ispiża totali tal-produzzjoni fil-kategorija ta' materjal konsumabbli mhuwiex xieraq, filwaqt li sostniet li għal xi produtturi fil-kampjun dawn l-inputs jistgħu jirrappreżentaw sa għoxrin fil-mija tal-kost totali tal-produzzjoni.

(82) Il-Kummissjoni nnotat li s-CCCME ma kkontestatx il-prattika konsistenti tagħha li tesprimi materjal konsumabbli bħala perċentwal tal-materja prima abbażi tad-*data* tal-kostijiet irrapportata mill-produtturi. Peress li l-elementi ewlenin tal-kost, bħall-magni, il-batteriji, il-valvi, it-tajers u l-arneżi, li jirrappreżentaw aktar minn 80 % tas-COP totali, ma ġewx raggruppati, il-metodoloġija użata tqieset xierqa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qieset li l-għadd ta' FOPs kien eċċezzjonalment għoli, sa 200 oġġett, u għalhekk l-identifikazzjoni tal-parametri referenzjarji għal kull wieħed minnhom kienet iżżid kumplessità bla bżonn għall-investigazzjoni u ma kinitx twassal għal riżultat differenti meta jitqiesu d-distorsjonijiet ġenerali applikabbli fis-suq tar-RPĊ. Il-Kummissjoni nnotat li wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun innifsu, ġabar l-FOPs fit-tweġiba tiegħu għall-kwestjonarju. Fuq din il-bażi, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(83) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Dingli sostniet li l-parametru referenzjarju għal żewġ fatturi ta' produzzjoni ([22]) kien jeħtieġ li jiġi kkoreġut.

(84) Fil-każ tal-ewwel parametru referenzjarju, Dingli ppreżentat evidenza li turi li l-input użat fil-proċess tal-produzzjoni tagħha kien jaqa' taħt kodiċi doganali differenti minn dak użat mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni aċċettat il-pretensjoni u biddlet il-parametru referenzjali. Il-parametru referenzjarju l-ġdid ġie ddivulgat lil Dingli. Madankollu, fil-każ tat-tieni parametru referenzjarju, ma ġiet ipprovduta l-ebda evidenza li tappoġġa l-pretensjoni. Il-Kummissjoni għalhekk ma laqgħetx din l-affermazzjoni.

3.2.3.2. Materja prima

(85) Is-CCCME talbet li l-Kummissjoni tiddivulga lill-partijiet interessati kollha d-*data* tal-GTA oriġinali estratta mill-bażi tad-*data* għall-parametri referenzjarji Brażiljani, li turi t-tqabbil awtomatiku mwettaq mill-algoritmu bejn il-kodiċijiet doganali minn ġuriżdizzjonijiet differenti, użata biex jiġi kkalkolat il-valur mingħajr distorsjoni tal-materja prima.

(86) It-talba ġiet aċċettata, il-Kummissjoni inkludiet id-*data* mitluba fid-divulgazzjoni lill-partijiet interessati.

(87) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME affermat li d-data tal-GTA divulgata skont il-premessa (86) ma kinitx biżżejjed biex teżerċita d-drittijiet tad-difiża tagħha. Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni, peress li d-data żvelata ppermettiet lill-partijiet interessati kollha jaraw liema metodoloġija, liema parametri referenzjarji u liema valuri ntużaw.

(88) Sinoboom sostniet li għall-komponenti mixtrija domestikament, jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża l-prezzijiet FOB (free-on-board) billi tnaqqas il-kostijiet relatati mat-trasport, mal-assigurazzjoni eċċ. mill-prezz CIF (cost, insurance and freight) kif muri fil-GTA. Sinoboom xtrat materja prima u inputs oħra mis-suq domestiku, li rriżultaw fi prezzijiet FOB li ma jinkludux il-kost tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar, l-assigurazzjoni u d-dazji tal-importazzjoni. Il-prezzijiet tal-importazzjoni tal-GTA użati mill-Kummissjoni kienu jinkludu l-kost tat-trasport tal-merkanzija bil-baħar, il-kost tal-assigurazzjoni u f'xi każijiet id-dazji tal-importazzjoni.

([22]) Il-FOPs speċifiċi ġew iddikjarati bħala informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali.

(89) Il-Kummissjoni użat il-kostijiet korrispondenti tal-produzzjoni u tal-bejgħ f'pajjiż rappreżentattiv xieraq b'livell simili ta' żvilupp ekonomiku bħaċ-Ċina biex issawwar il-valur normali, kif previst fl-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku ([23]). Dawn il-prezzijiet, irkuprati mill-GTA, jinkludu t-trasport, l-assigurazzjoni u d-dazji, u tqiesu li jikkorrispondu għall-kostijiet tal-produzzjoni fil-pajjiż rappreżentattiv. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinnota li l-fatt li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jixtru minn sorsi domestiċi ċertu materjal ta' input għall-manifattura tal-MAEs, ma jfissirx li l-manifatturi Brażiljani jakkwistaw ukoll l-istess materjal ta' input fis-suq domestiku Brażiljan. Il-Kummissjoni ċaħdet l-argument.

3.2.3.3. Manodopera

(90) Dingli u s-CCCME ssottomettew mill-ġdid il-pretensjoni tagħhom li l-verżjoni 1.1 tat-tabella tal-istatistika tax-xogħol Pesquisa Industrial Annual ("PIA") fil-Brażil ([24]) jenħtieġ li tintuża għall-kalkolu tal-kostijiet lavorattivi minflok it-Tabella 2.2 tal-PIA ([25]) minħabba li d-*data* tas-settur industrijali 28.22 li tkopri l-manifattura ta' makkinarju, tagħmir u tagħmir għat-trasport u l-irfigħ ta' tagħbija u persuni, flimkien ma' *data* speċifikament relatata mal-attivitajiet ta' produzzjoni kienet faċilment disponibbli fiha.

(91) Il-pretensjoni ġiet miċħuda fil-premessa (223) tar-Regolament proviżorju, bl-argument li t-Tabella 2.2 tal-PIA tipprovdi data dwar kategoriji ħafna aktar speċifiċi għan-negozju. Dingli u s-CCCMA provdew evidenza li din id-distinzjoni kienet possibbli wkoll meta tintuża t-Tabella 1.1 tal-PIA, għalhekk, il-pretensjoni ġiet aċċettata. Il-Kummissjoni rrevediet il-kalkolu tal-kostijiet lavorattivi bl-użu ta' *data* fit-tabella 1.1 tal-PIA għas-sena 2022.

(92) Is-CCCME reġgħet issottomettiet id-dikjarazzjoni tagħha li jenħtieġ li l-Kummissjoni tillimita l-kostijiet tas-sigurtà soċjali għall-kontribuzzjonijiet lill-Instituto Nacional do Seguro Social ("INSS") u lill-Fundo de Garantia do Tempo de Serviço ("FGTS") minħabba li fin-nota 17 tar-rapporti finanzjarji ta' Madal Palfinger ([26]) tqiesu l-imposti għal INSS u FGTS biss għall-finijiet tal-kalkolu tal-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali.

(93) Fil-premessa (225) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni ċaħdet b'mod proviżorju l-istess pretensjoni peress li l-investigazzjoni żvelat li kienu jeżistu tipi oħra ta' kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali fil-Brażil u r-rati tagħhom jistgħu jvarjaw. Is-CCCME ma ssottomettiet l-ebda element sostantiv addizzjonali li juri li, għall-kuntrarju tal-konklużjoni proviżorja tal-Kummissjoni, fil-premessa 225 tar-Regolament proviżorju, ma kien hemm l-ebda kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali possibbli oħra fil-Brażil għajr imposti għal INSS u FGTS. Il-Kummissjoni ikkonfermat iċ-ċaħda tal-pretensjoni.

(94) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME tenniet l-affermazzjoni tagħha li jenħtieġ li jitqiesu biss l-ammonti dovuti għal INSS u FGTS għall-kalkolu tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali. Il-pretensjoni kienet diġà ġiet indirizzata fil-premessa (93).

(95) Dingli sostniet li l-imposti soċjali mħallsa mill-impjegatur għall-persunal tal-produzzjoni biss jenħtieġ li jitqiesu għall-kalkolu tal-kost lavorattiv, u l-imposti soċjali mħallsa għall-persunal mhux tal-produzzjoni jenħtieġ li jitnaqqsu. L-allokazzjoni tal-kontribuzzjoni jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-rata bejn is-salarju totali tal-persunal tal-produzzjoni u dak mhux tal-produzzjoni.

(96) Il-Kummissjoni sabet li kien hemm mertu fl-argument ta' Dingli minħabba li l-kostijiet relatati mal-produzzjoni tal-prodott taħt investigazzjonijiet biss jenħtieġ li jitqiesu meta jiġi kkalkolat il-parametru referenzjarju għall-kostijiet lavorattivi u kkalkolat mill-ġdid l-ammont ta' imposti soċjali kif xieraq.

(97) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Dingli sostniet li, filwaqt li l-Kummissjoni aċċettat l-affermazzjoni kif iddikjarat fil-premessa (96), il-kalkolu mill-ġdid tal-ammont ta' imposti soċjali ma kienx jirrifletti dan.

([23]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.
([24]) Tabella tal-istatistika tax-xogħol ta' Pesquisa Industrial Annual https://www.ibge.gov.br/estatisticas/economicas/industria/9042-pesquisa-industrial-anual.html?=&t=downloads.
([25]) Idem.
([26]) https://ads.clicrbs.com.br/PUBLICIDADE-LEGAL/PIO/Publicidade_Legal_PIO_290324_madalpalfinger.pdf.

(98) Il-Kummissjoni ċaħdet l-pretensjoni minħabba li l-imposti soċjali ġew ikkalkulati mill-ġdid wara l-pubblikazzjoni tal-miżuri provviżorji. Il-Kummissjoni kkalkulat il-valur tal-kontribuzzjonijiet u ddividiethom bl-għadd ta' impjegati fil-produzzjoni, u effettivament ma kkunsidratx il-persuni mhux involuti fil-produzzjoni.

(99) Dingli rrimarkat li meta kkonverta l-kost lavorattiv fis-siegħa fir-real Brażiljan ("BRL") fil-yuan Ċiniż ("CNY"), il-Kummissjoni ma applikatx ir-rata tal-kambju għall-2021. Fil-kalkoli proviżorji, ir-rata tal-kambju użata għall-konverżjoni tal-BRL f'euro ("EUR") hija relatata mas-sena 2022; ir-rata tal-kambju użata għall-konverżjoni ta' EUR f'CNY hija għall-perjodu tal-PI. Fl-istadju definittiv, sabiex tasal għall-kostijiet lavorattivi fis-siegħa fil-PI, il-Kummissjoni applikat l-indiċi tal-kostijiet lavorattivi għall-2023 għall-aħħar *data* disponibbli mill-2022. Il-kost lavorattiv li rriżulta mbagħad ġie kkonvertit għal CNY bl-użu tar-rati tal-kambju fil-PI.

(100) Il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni li jenħtieġ li tapplika r-rata tal-kambju tal-2021 peress li saret irrilevanti fl-istadju definittiv minħabba li ntużat id-*data* tal-2022.

(101) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Dingli affermat li billi aġġustat il-kostijiet lavorattivi Brażiljani tal-2022 għaċ-ċifri tal-2023, u mbagħad ikkonvertithom f'RMB billi użat ir-rata tal-kambju applikabbli matul il-PI, il-Kummissjoni għaddiet l-inflazzjoni b'darbtejn. Dingli sostniet li jew ir-rati tal-kambju għall-PI għandhom jintużaw mingħajr aġġustament, jew jekk isir aġġustament, allura għandhom jintużaw ir-rati tal-kambju tal-2022.

(102) Il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni, minħabba li Dingli ma tatx prova li l-varjazzjoni tal-indiċi tal-kost lavorattiv mill-2022 sal-2023 kienet esklussivament marbuta mal-inflazzjoni. L-indiċi tal-kost lavorattiv Brażiljan ma jurix il-varjazzjoni fil-valur tas-salarji iżda l-kost totali tal-impjieg tal-forza tax-xogħol fuq bażi fis-siegħa li jista' jiġi affettwat minn fatturi oħra għajr l-inflazzjoni. Barra minn hekk, l-aġġustament parallel tal-indiċi tal-2022 u l-użu tar-rata tal-kambju fil-PI, għalhekk, ma rriżultawx f'għadd doppju. Għall-kuntrarju, l-aġġustamenti żguraw li l-parametru referenzjarju kien jirrifletti l-kost lavorattiv li kellu jitħallas fil-PI abbażi tal-informazzjoni disponibbli.

(103) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME affermat li l-Kummissjoni użat b'mod żbaljat l-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur biex taġġusta l-kost lavorattiv tal-2022 għal dak tal-PI. Skont is-CCCME, l-użu tal-indiċi tal-introjtu medju kien aktar xieraq.

(104) Il-Kummissjoni użat il-prezz medju nazzjonali tal-konsumatur fiż-żmien tal-PI, derivat mill-istatistika tal-Instituto Brasileiro de Geografia e Estatística ([27]) (IBGE) għall-indiċjar tal-kostijiet lavorattivi. Is-CCCME ma ppreżentatx evidenza li turi għaliex din il-metodoloġija ma kinitx preċiża. Konsegwentement, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(105) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME affermat li l-metodoloġija għall-kalkolu tas-sigħat tax-xogħol annwali kienet żbaljata. Il-Kummissjoni, minflok ma mmultiplikat is-sigħat medji fil-ġimgħa effettivament maħduma b'rabta mal-kategorija ta' attività ekonomika 28, il-manifattura ta' makkinarju u ta' tagħmir miksub mill-ILOSTAT, bin-numru totali ta' ġimgħat f'sena kalendarja, l-ewwel ikkalkulat is-sigħat tax-xogħol ta' kuljum billi ddividiet is-sigħat fil-ġimgħa b' 5 jum ta' xogħol fil-ġimgħa, u mbagħad immultiplikat is-sigħat tax-xogħol ta' kuljum ikkalkulati b'dan il-mod bl-allegati 220 jum ta' xogħol disponibbli fis-sena.

([27]) IBGE | Portal do IBGE | IBGE, https://www.ibge.gov.br/

(106) Il-Kummissjoni rreferiet għall-kalkoli magħmula disponibbli għall-partijiet interessati li taw dettalji dwar kif ġie kkalkulat il-parametru referenzjarju relatat mal-kost lavorattiv. B'mod partikolari, il-Kummissjoni użat il-kostijiet lavorattivi annwali totali għal kull impjegat għal kumpaniji b'aktar minn 30 impjegat u għamlet aġġustament billi użat il-medja tal-indiċi tal-prezzijiet tal-konsumatur nazzjonali tas-sena 2022 matul il-medja tal-PI. Biex jiġu kkalkulati s-sigħat medji ta' kull ġimgħa maħduma fil-Brażil għall-2022 fis-settur (ISIC livell 2 attività 28), intużat l-istatistika tal-ILO. Il-kost annwali medju għal kull impjegat marbut mal-produzzjoni (indiċjat) ġie diviż bis-sigħat medji fil-ġimgħa msemmija li jaslu għall-valur tal-kost lavorattiv. Fuq din il-bażi, u fin-nuqqas ta' kummenti aktar speċifiċi, l-affermazzjoni ġiet miċħuda. Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkalkulat mill-ġdid il-kost lavorattiv fis-siegħa għal CNY 70,60 fil-pajjiż rappreżentattiv.

3.2.3.4. L-elettriku u l-Gass naturali

(107) Is-CCCME u Dingli ssottomettew mill-ġdid il-pretensjoni li l-Kummissjoni jenħtieġ li tnaqqas 17,5 % tal-VAT mill-kost tal-elettriku u tal-gass u rreferew għall-prattika reċenti tal-Kummissjoni fejn din il-pretensjoni ġiet aċċettata.

(108) Il-Kummissjoni aċċettat il-pretensjoni u naqqset l-ammont tal-VAT mill-kost tal-elettriku u tal-gass naturali, minħabba li sabet li l-kumpaniji Brażiljani huma intitolati għal krediti tat-taxxa għall-ICMS ([28]) fuq l-elettriku u l-gass użati għall-produzzjoni industrijali.

(109) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CMAE affermat li jenħtieġ li l-Kummissjoni tuża r-rati applikabbli tal-ICMS tal-gass u tal-elettriku fl-istat ta' Rio Grande do Sul, fejn kien jinsab Madal Palfinger.

(110) Il-Kummissjoni stabbiliet li kull merkanzija, meta tiġi ttrasportata lejn stat ieħor fil-Brażil, għandha r-rata tal-ICMS tagħha stess skont l-oriġini tagħha. Ir-rati tal-ICMS f'Rio Grande do Sul għall-gass u l-elettriku, miksuba minn grilja nazzjonali, għalhekk ma tqisux rilevanti għal dawn il-fatturi ta' produzzjoni. Barra minn hekk, l-evidenza tas-CMAE ippreżentata biex tappoġġa l-affermazzjoni li l-ICMS għall-elettriku kienet ta' 17 %, indikat li fl-2024 din ir-rata ma kinitx tkopri l-elettriku għall-użu industrijali ([29]). Għalhekk, il-Kummissjoni użat rata medja tal-ICMS għall-Brażil kollu kemm hu, ta' 17,5 % kemm għall-elettriku kif ukoll għall-gass, li tqieset preċiża. Il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(111) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni stabbiliet li l-prezz tal-elettriku għall-użu industrijali fil-livell ta' 0,89 CNY/kWh u li l-prezz tal-gass għall-użu industrijali fil-livell ta' 0,452 CNY/kWh fil-pajjiż rappreżentattiv.

3.2.3.5. Kostijiet ġenerali tal-manifattura, SG&A, profitti u deprezzament

(112) Is-CCCME ssottomettiet mill-ġdid il-pretensjoni li l-"aġġustament tal-valur preżenti" mill-ispejjeż finanzjarji ta' Madal Palfinger, peress li ma jistax jitqies li ġġarrab mattul il-perkors normali tan-negozju, jenħtieġ li jitneħħa wkoll mill-introjtu finanzjarju. Is-CCCME qieset li dan it-trattament asimetriku kien żbaljat. Il-Kummissjoni aċċettat din il-pretensjoni.

(113) Dingli ssottomettiet mill-ġdid il-pretensjoni li peress li l-prezz tal-esportazzjoni tal-produtturi Ċiniżi ġie stabbilit fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, meta wieħed iqis li l-Kummissjoni għandha *data* faċilment disponibbli dwar il-kostijiet tat-trasport fuq l-ilma, l-assigurazzjoni tat-trasport bil-baħar u l-kummissjonijiet, dawn jenħtieġ li jitneħħew mill-SG&A ta' Madal Palfinger biex jiġi żgurat li l-valur normali maħdum jiġi stabbilit b'mod korrispondenti fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika. Dingli sostniet li l-obbligu li jitqabblu l-prezzijiet fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika huwa irrispettivament mill-pretensjoni tal-Kummissjoni fil-premessa (245) tar-Regolament proviżorju li huwa ma kellux biżżejjed informazzjoni dwar l-identifikazzjoni tad-dħul u l-kostijiet relatati mat-trasport fuq l-ilma, l-assigurazzjoni tat-trasport fuq l-ilma u l-kummissjonijiet li jippermettu s-separazzjoni tal-kostijiet relatati mal-esportazzjoni u l-bejgħ domestiku.

([28]) ICMS hija l-abbrevjazzjoni għal Imposto Sobre Operações Relativas à Circulação de Mercadorias e Serviços de Transporte Interestadual de Intercommune e de Comunicações. Hija taxxa fuq il-bejgħ u s-servizzi u tapplika għall-moviment ta' oġġetti, trasport, servizzi ta' komunikazzjoni u forniment ġenerali ieħor ta' oġġetti. Titħallas minn individwi privati u entitajiet ġuridiċi li jikkummerċjalizzaw kwalunkwe oġġett; minn dawk li jimportaw il-prodotti; dawk li jakkwistaw merkanzija maqbuda mid-dwana u dawk li jakkwistaw prodotti petroliferi minn barra l-pajjiż.

([29]) ICMS RS 2024 - Tabela atualizada - Tax Group - Energia elétrica (**exceto** para consumo em iluminação de vias públicas, i**ndustrial**, rural e, até 50 KW por mês, residencial), https://www.taxgroup.com.br/intelligence/icms-rs-2024-tabela-atualizada/

(114) Wara din il-pretensjoni, fin-Nota 17 fir-rapport tal-2023 ta' Madal Palfinger, il-Kummissjoni identifikat valuri speċifiċi għan-nolijiet u l-kummissjonijiet ([30]). Sabiex tasal għal livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika għall-valur normali, il-Kummissjoni naqqset in-nola u l-kummissjonijiet mill-ispiża tal-bejgħ użata għall-kalkolu tal-SG&A.

(115) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CMAE affermat li ma għandu jkun hemm l-ebda tnaqqis għall-kostijiet tat-trasport u tal-kummissjoni mill-ispejjeż tal-bejgħ użati għad-determinazzjoni tal-kostijiet tal-SG&A meta jinħadem il-valur normali.

(116) Il-Kummissjoni ma sabitx li l-affermazzjoni kienet sostanzjata u ma biddlitx il-konklużjoni fil-premessa (113). Il-kostijiet tal-bejgħ ta' Madal Palfinger kienu jinkludu ammont li jkopri l-ispejjeż tat-trasport u tal-kummissjoni li kellhom jitnaqqsu biex jiġi żgurat li prezz tal-esportazzjoni mill-fabbrika jitqabbel ma' valur normali maħdum mill-fabbrika. Il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(117) Wara divulgazzjoni definittiva, is-CMAE affermat li jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li teskludi l-kostijiet tat-trasport għall-inputs, hija trid taġġusta wkoll il-kost tal-oġġetti mibjugħa għall-kalkolu tal-SG&A billi tnaqqas mill-"Kost tal-oġġetti u tas-servizzi mibjugħa", irrapportat minn Madal Palfinger, l-ammont tal-kost tat-trasport għax-xiri ta' materja prima u tal-inputs tal-produtturi esportaturi.

(118) L-affermazzjoni ġiet miċħuda minħabba li, kif spjegat fil-premessa (115), il-Kummissjoni qabblet il-valur normali maħdum mal-prezz tal-esportazzjoni fuq livell mill-fabbrika. Meta jinbena l-valur normali mill-fabbrika, peress li dan irid juri l-kostijiet fil-bieb tal-fabbrika, il-kostijiet relatati mat-trasport tal-prodott investigat ma jistgħux jitqiesu. Barra minn hekk, is-CMAE ma pprovdietx evidenza ġustifikattiva li l-kostijiet tat-trasport kienu relatati wkoll mal-inputs. Fil-fatt, il-kostijiet tat-trasport tal-materja prima użata fil-manifattura tal-prodott investigat huma oġġett ta' kost ġenwin li jrid jitqies meta jinħadem il-valur normali u normalment ikun assoċjat mal-ispiża tal-inputs u ma jiġix irrapportat separatament.

(119) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CMAE affermat li peress li l-kontijiet finanzjarji ta' Madal Palfinger ma kinux jippermettu li ssir distinzjoni bejn il-bejgħ domestiku u dak tal-esportazzjoni, jenħtieġ li l-kost għat-trasport u l-kummissjoni ma jitnaqqasx mill-SG&A.

(120) Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni minħabba li l-valur normali kellu jiġi stabbilit fil-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika, u għalhekk dawn il-kostijiet kellhom jitnaqqsu sabiex jiġu stabbiliti l-SG&A u l-profitt fil-pajjiż rappreżentattiv, irrispettivament mid-destinazzjoni tal-oġġetti mibjugħa.

(121) Is-CCCME sostniet li jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tużax perċentwal ikkalkulat tal-materjal konsumabbli fuq il-kost totali tal-materja prima u perċentwal tal-kostijiet ġenerali tal-manifattura fuq il-kostijiet tal-manifattura effettivament imġarrba mill-produtturi esportaturi Ċiniżi biex testrapola l-valur mingħajr distorsjoni tal-materjal konsumabbli u tal-kostijiet ġenerali. Is-CCCME affermat ukoll li l-Kummissjoni żbaljat meta esprimiet il-kost attwali tat-trasport tal-produtturi esportaturi Ċiniżi għall-provvista ta' materja prima bħala perċentwal tal-kost reali ta' kull materja prima u mbagħad applikat l-istess perċentwal għall-kost mingħajr distorsjoni tal-istess materja prima sabiex tikseb il-kost mingħajr distorsjoni tat-trasport. Is-CCCME esprimiet dubji dwar l-eżitu tal-applikazzjoni ta' dan il-metodu billi argumentat li inevitabbilment dan iwassal għal parametru referenzjarju distort, peress li huwa espress bħala perċentwal ta' kost allegatament distort tal-materja prima jew tal-kostijiet diretti. Jenħtieġ li l-Kummissjoni jew tidentifika l-parametru referenzjarju tal-materjal konsumabbli, il-kostijiet ġenerali tal-manifattura u l-kost tat-trasport separatament minn materja prima tal-input oħra jew taċċetta l-kost reali tal-produtturi esportaturi Ċiniżi għall-materjal konsumabbli, il-kostijiet ġenerali tal-manifattura u l-kost tat-trasport.

(122) Is-CCCME esprimiet dubji dwar l-argument tal-Kummissjoni fil-premessa (237) tar-Regolament proviżorju li ż-żieda ta' perċentwal għall-kostijiet ġenerali tal-manifattura mal-kost mingħajr distorsjoni tal-manifattura kkalkolat abbażi tas-sehem tal-kostijiet ġenerali espress fil-kost tal-manifattura tal-produtturi esportaturi li kkooperaw twassal għal riżultati aktar preċiżi mit-teħid tal-valur tal-kostijiet ġenerali mir-rapporti finanzjarji ta' Madal Palfinger. Is-CCCME żiedet li l-istess jista' jingħad għall-SG&A u għall-profitt u jenħtieġ li l-Kummissjoni tikkalkula wkoll l-ammont mingħajr distorsjoni tal-SG&A u l-profitt tal-produtturi esportaturi fil-kampjun bl-istess mod, minflok ma tibbaża fuq id-*data* finanzjarja ta' Madal Palfinger.

([30]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 26.

(123) Il-Kummissjoni nnotat fil-premessa (82) li l-entrati tal-kostijiet ta' valur negliġibbli, kif irrapportat mill-produtturi esportaturi, ġew raggruppati f'materjal konsumabbli. Il-kostijiet ġenerali ġew espressi bħala perċentwal tal-valur irrapportat mill-produtturi esportaturi għall-kostijiet diretti kollha. Il-kostijiet tat-trasport ġew espressi bħala perċentwal tal-kost tal-materja prima rrapportat.

(124) Il-Kummissjoni ċaħdet il-proposta li tuża l-kost irrapportat mill-produtturi esportaturi għall-materjal konsumabbli, il-kostijiet ġenerali tal-manifattura u t-trasport minħabba li skont l-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku ([31]) l-kostijiet domestiċi jistgħu jintużaw biss sal-punt li huma stabbiliti b'mod pożittiv li mhumiex distorti. Dan ma ġiex stabbilit f'dan il-każ.

(125) Il-pretensjoni tas-CCCME ma kien fiha l-ebda argument validu li jissostanzja għaliex il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddevja mill-prattika stabbilita tagħha li tikseb id-*data* finanzjarja mill-produtturi identifikati fil-pajjiż rappreżentattiv. Minħabba l-fatt li l-produtturi esportaturi kienu qed joperaw f'ambjent ekonomiku distort, il-perċentwal tal-SG&A u l-profitt tagħhom ma jistax jitqies li jirrifletti l-kundizzjonijiet operattivi normali. Fuq din il-bażi, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

3.3. **Kalkolu**

3.3.1. *Valur normali*

(126) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni ħadmet il-valur normali għal kull tip ta' prodott fuq il-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika f'konformità mal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku ([32]), kif deskritt fil-premessi (247)-(251) tar-Regolament proviżorju.

(127) Għall-kostijiet tal-produzzjoni stabbiliti kif deskritt fil-premessi preċedenti, il-Kummissjoni applikat l-SG&A u l-profitt ta' Madal Palfinger.

(128) Il-kostijiet SG&A, espressi bħala perċentwal tal-Kostijiet tal-Prodotti Mibjugħa ("COGS, Costs of Goods Sold") u applikati għall-kostijiet tal-manifattura mingħajr distorsjoni, ammontaw għal 20,37 %. Il-profitt, espress bħala perċentwal tas-COGS u applikat għall-kostijiet mingħajr distorsjoni tal-produzzjoni, ammonta għal 7,62 %. Il-Kummissjoni qieset li dawn l-ammonti kienu raġonevoli skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6a)(a) tar-Regolament bażiku għal-livell ta' kif joħroġ mill-fabbrika.

(129) Fil-premessa (26) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni ddeċidiet b'mod proviżorju li tapplika parzjalment il-fatti disponibbli għall-ħdim tal-valur normali ta' JLG peress li matul iż-żjara ta' verifika l-Kummissjoni ma setgħetx tivverifika li d-*data* sottomessa fit-tweġiba għall-kwestjonarju kienet derivata mis-sistema kontabilistika tal-kumpanija. Wara spjegazzjonijiet addizzjonali provduti minn JLG u verifika ulterjuri tal-kontijiet tiegħu fuq il-post, il-Kummissjoni aċċertat li l-informazzjoni sottomessa inizjalment fit-tweġiba għall-kwestjonarju tal-JLG kienet derivata direttament mis-sistema kontabilistika tal-kumpanija. Fid-dawl ta' dan l-eżami ulterjuri, il-Kummissjoni ma applikatx il-fatti disponibbli.

(130) Għal Sinoboom, kif spjegat fil-premessa (25) tar-Regolament proviżorju, matul iż-żjara ta' verifika ħarġet kwistjoni relatata mar-rapportar ta' partijiet strutturali awtoprodotti u mixtrija. Il-Kummissjoni kkonkludiet li d-*data* relatata mal-kostijiet sottomessi minn Sinoboom ma kinitx riflessjoni preċiża tal-kostijiet effettivament imġarrba.

(131) Il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet proviżorji tagħha fil-premessi (25) u (27) tar-Regolament proviżorju dwar l-applikazzjoni parzjali tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku ([33]) għal ċerta *data* li ma setgħetx tiġi vverifikata fit-tweġiba għall-kwestjonarju ta' Sinoboom. Il-metodoloġija użata ġiet stabbilita fil-premessa (267) tar-Regolament proviżorju.

3.3.2. *Prezz tal-esportazzjoni*

(132) Id-dettalji tal-kalkolu tal-prezz tal-esportazzjoni ġew stabbiliti fil-premessa (252) tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji speċifiċi ta' dan il-kalkolu fid-divulgazzjoni speċifika għall-kumpanija wara l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji. L-ebda parti interessata ma qajmet xi kwistjoni f'dan ir-rigward. Għalhekk, il-konklużjonijiet fil-premessa (252) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

([31]) Ara n-nota f'qiegħ il-paġna 1.
([32]) Idem.
([33]) Idem.

(133) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Dingli sostniet li, abbażi ta' rapport dwar l-ipprezzar ta' trasferiment sottomess bħala anness għat-tweġiba għall-kwestjonarju ([34]) ta' Magni Germany, il-livell ta' profitt irrapportat minn Magni Germany kien jirrifletti tranżazzjonijiet distakkati, għalhekk, il-marġni ta' profitt irrapportat minn Magni Germany jenħtieġ li jintuża meta jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni.

(134) Il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni, peress li r-rapport ta' sostenn dwar l-ipprezzar ta' trasferiment kopra s-sena 2021 u mhux il-PI. Barra minn hekk, ir-rapport kien ibbażat fuq informazzjoni kondiviża mill-maniġment ta' Magni u ma ġiex ivverifikat. Barra minn hekk, l-Artikolu 2(9) jirrikjedi li l-prezz tal-esportazzjoni jinħadem fuq il-bażi tal-prezz li bih il-prodotti importati jinbiegħu mill-ġdid għall-ewwel darba lil xerrej indipendenti. F'dan il-każ, il-prezz irid jiġi aġġustat lura għall-fruntiera tal-Unjoni billi jitnaqqas il-profitt ta' importatur mhux relatat. F'dan il-każ, Magni Germany ma kkwalifikatx bħala importatur mhux relatat.

(135) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Dingli sostniet li jenħtieġ li jiġi applikat marġni ta' profitt aktar baxx minn 5 % meta Magni Italy biegħet mill-ġdid lil Magni Germany, minħabba li tal-ewwel ma kinitx involuta fl-ikklerjar doganali, fil-ħażna u fit-trasport tal-merkanzija. Magni Germany wettqet dawn il-funzjonijiet hija stess.

(136) Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni għar-raġuni li ma kien hemm l-ebda evidenza pprovduta li tippermetti differenzjazzjoni tal-profitt li għandu jitnaqqas abbażi tal-funzjonijiet attwali mwettqa mill-importatur relatat. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qieset li profitt ta' 5 % kien stima raġonevoli bbażata fuq il-marġni ta' importaturi mhux relatati użati f'każijiet simili.

(137) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Dingli sostniet li, għall-bejgħ mill-ġdid minn Magni Italy lil klijenti mhux relatati fejn kien il-klijent li wettaq l-iżdoganar tal-merkanzija, il-Kummissjoni għandha tiddependi fuq il-prezz tal-bejgħ bejn Magni Italy u l-klijent għall-istabbiliment tal-prezz CIF.

(138) Fin-nuqqas ta' evidenza ta' sostenn dwar il-valur CIF iddikjarat mill-klijenti mhux relatati ta' Magni Italy, il-Kummissjoni ċaħdet din l-affermazzjoni.

(139) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Dingli sostniet li l-valur CIF li għandu jintuża għat-tranżazzjonijiet permezz ta' Magni Germany lill-utenti finali, jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-valur iddikjarat lid-dwana minn Magni Germany. Wara analiżi tal-informazzjoni fil-fajl, il-Kummissjoni aċċettat it-talba u aġġustat il-prezz tal-esportazzjoni u l-marġni tad-dumping kif xieraq.

3.3.3. *Tqabbil*

(140) Id-dettalji dwar it-tqabbil tal-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni ġew stabbiliti fil-premessi (253) u (263) tar-Regolament proviżorju. Il-Kummissjoni pprovdiet dettalji speċifiċi ta' dan il-kalkolu fid-divulgazzjoni speċifika għall-kumpanija wara l-impożizzjoni ta' dazji provviżorji.

(141) Dingli sostniet li, minflok ma użat marġni ta' profitt ta' 5 %, il-Kummissjoni kellha tuża l-marġni ta' profitt raġonevoli għall-kumpaniji li jwettqu operazzjonijiet simili fil-grupp Dingli. Il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni għar-raġuni li l-marġni ta' profitt issuġġerit kien relatat ma' tranżazzjonijiet bejn partijiet relatati u ma setax jittieħed bħala bażi.

(142) Għalhekk, il-konklużjonijiet fil-premessa (253) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

3.3.4. *Aġġustamenti*

(143) Il-pretensjoni li d-diversi entitajiet ta' Terex involuti fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' MAE joperaw bħala entità ekonomika waħda ġiet proviżorjament miċħuda fil-premessa (263) tar-Regolament proviżorju.

([34]) Ir-rapport huwa kklassifikat bħala sensittiv u ma jistax jiġi referenzjat jew ikkwotat.

(144) Wara l-pubblikazzjoni tar-regolament proviżorju Terex sostniet li l-affiljati tagħha involuti fil-bejgħ ta' MAE lejn l-UE huma taħt kontroll komuni, il-produzzjoni u l-bejgħ kollha tal-grupp Terex għall-UE huma ġestiti minn TGG, kumpanija bi kwartieri ġenerali fl-Iżvizzera, u li r-riskji finanzjarji huma mġarrba minn TGG. Terex introduċiet pretensjoni ta' entità ekonomika waħda għall-grupp kollu ta' kumpaniji, li jikkonsisti minn Terex Changzhou, TGG, u żewġ negozjanti relatati bbażati fl-UE. Genie France u Terex Italia.

(145) Barra minn hekk, Terex ikkummentat dwar ir-raġunijiet stabbiliti fil-Premessi (258) sa (262) tar-Regolament proviżorju li proviżorjament ċaħdu t-talba tiegħu għal status ta' entità ekonomika waħda.

(146) Fl-istadju proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li la Terex Changzhou u TGG, u lanqas TGG u ż-żewġ distributuri relatati (Genie France u Terex Italia) ma jifformaw entità ekonomika waħda, rispettivament, minħabba li l-kuntratti tagħhom fihom ħlas ta' marġni kummerċjali, klawżola li tipprevedi li l-partijiet qed jaġixxu bħala kuntratturi indipendenti, klawżola għall-għażla tal-liġi u l-ġuriżdizzjoni f'każ ta' tilwim u klawżola li tiddefinixxi r-relazzjoni bejn il-partijiet bħala "bejjiegħ u xerrej".

(147) Terex sostniet li l-obbligu u l-prattika ta' Terex Changzhou għar-rifużjoni ta' TGG fil-każ ta' prodotti li ma jissodisfawx l-ispeċifikazzjonijiet meħtieġa huma limitati ħafna, is-soluzzjoni tat-tilwim permezz ta' aġġudikazzjoni esterna bejn l-entitajiet differenti ta' Terex hija dovuta għall-użu ta' mudell ta' kuntratt standard u qatt ma kien hemm rikors għalih, minkejja li fil-kuntratti tagħhom qablu dwar ammont ibbażat fuq is-suq, ir-remunerazzjoni bejn TGG u Terex Changzhou hija marġni kummerċjali garantit ta' kost b'addenda, TGG ma tbigħx fl-EU MAEs immanifatturati minn xi entità mhux relatata u li Terex Changzhou ma għandhiex relazzjoni kuntrattwali diretta mal-kumpaniji tal-bejgħ affiljati tal-UE, Terex Italia u Genie France.

(148) Il-Kummissjoni qieset l-ispjegazzjonijiet deskritti fil-premessa (146) hawn fuq, iżda sabet li minflok ma wriet l-eżistenza ta' entità ekonomika waħda bejn il-kumpaniji fil-grupp Terex, huma enfasizzaw li Terex Changzhou, TGG, Genie France u Terex Italia huma kumpaniji relatati mill-qrib li jappartjenu għall-istess grupp li jaqsmu diversi protokolli interni ta' ġestjoni u kontabbiltà. Madankollu, dan qatt ma ġie kkontestat mill-Kummissjoni. Dawn il-protokolli ta' ġestjoni kondiviża u kontabilistiċi jistgħu jeżistu sew bejn kumpaniji relatati fl-istess grupp mingħajr ma jiffurmaw entità ekonomika waħda.

(149) Fir-rigward tal-pretensjoni ta' Terex li r-rifużjonijiet huma rari u r-rikors għas-soluzzjoni tat-tilwim huwa ineżistenti fir-relazzjoni ekonomika bejn Terex Changzhou u TGG, il-Kummissjoni nnotat li minkejja din il-prattika l-qafas kuntrattwali bejn dawn l-entitajiet jippermetti tali rifużjonijiet (li, filwaqt li huma rari, il-kumpanija stess tammetti li jseħħu) u soluzzjoni tat-tilwim u jindika l-fatt li r-relazzjoni tagħhom hija differenti minn manifattur u d-"dipartiment tal-bejgħ" tiegħu. Tabilħaqq, il-klawżoli rilevanti wrew li kien hemm nuqqas ta' solidarjetà bejn il-partijiet.

(150) Fir-rigward tal-pretensjoni li minflok il-prezzijiet tas-suq imsemmija fil-kuntratt bejn l-entitajiet, ir-realtà ekonomika matul il-PI uriet li Terex Changzhou rċeviet tariffa tal-manifattura tal-kostijiet u l-marġni kummerċjali mingħand TGG għall-prodotti tagħha, il-Kummissjoni sabet li profitt garantit u t-trasferiment finanzjarju intern li jirriżulta minnu bejn l-entitajiet differenti involuti fil-bejgħ jistgħu jkunu karatteristika ta' soċjetà li ma tinkludix entità ekonomika unika. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' prezzijiet innegozjati mill-ġdid b'mod regolari fil-kuntratt bejn l-entitajiet, kif deskritt fil-premessa (146), ma tiġix invalidata mill-prattika preċedenti tal-ipprezzar tal-marġni kummerċjali tal-kost b'addenda bejniethom.

(151) Il-Kummissjoni vverifikat u aċċettat l-argument li TGG ma tbigħx fl-UE MAEs immanifatturati minn xi entità mhux relatata iżda nnotat li minbarra l-MAE manifatturat minn Terex Changzhou fiċ-Ċina, TGG tbigħ MAEs immanifatturati minn kumpaniji relatati fil-Messiku, l-Italja, l-Istati Uniti u l-Indja. Għall-Kummissjoni, din hija indikazzjoni ta' sħubija mill-qrib ħafna bejn il-kumpaniji relatati differenti fil-grupp aktar milli relazzjoni fejn TGG, Genie France u Terex Italia huma d-"dipartimenti tal-bejgħ" esklużivi ta' Terex Changzhou.

(152) Il-pretensjoni li hija TGG u mhux Terex Changzhou li għandha relazzjoni kuntrattwali diretta mal-kumpaniji ta' bejgħ affiljati tal-Unjoni, Terex Italia u Genie France, ma kinitx ċara u ma kinitx ippruvata. Minn naħa, Terex sostniet li dawn l-entitajiet kollha jifformaw entità ekonomika waħda, min-naħa l-oħra, Terex qed tissuġġerixxi li r-relazzjoni kuntrattwali eżistenti bejn TGG u Terex Italia u Genie France mhija tal-ebda konsegwenza fid-determinazzjoni tal-istatus ta' entità ekonomika waħda bejniethom.

(153) Fid-dawl tal-premessi (147) sa (151), il-pretensjoni li d-diversi entitajiet ta' Terex involuti fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' MAE qed joperaw bħala entità ekonomika waħda ġiet miċħuda.

(154) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Terex sostniet li l-Kummissjoni trid tħares lil hinn mill-formalitajiet li jagħmlu lill-entitajiet relatati bħala legalment distinti u tqis ir-"realtà ekonomika" tar-relazzjoni meta tivvaluta pretensjoni ta' SEE.

(155) Il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni. Il-Kummissjoni analizzat id-dispożizzjonijiet kuntrattwali bejn l-entitajiet u kkonkludiet li hemm-nuqqas ta' solidarjetà ekonomika bejniethom. Ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar ir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-entitajiet. Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza li r-relazzjoni, kif deskritta permezz tal-arranġament kuntrattwali ma kinitx preċiża. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kuntratti relevanti kien fihom klawżoli li kienu inkonsistenti mal-affermazzjoni li r-realtà ekonomika tar-relazzjoni bejn in-negozjant relatat u l-manifattur kienet tirrifletti r-relazzjoni bejn manifattur u dipartiment tal-bejgħ intern.

(156) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Terex irrepetiet pretensjonijiet dwar il-garanzija u l-klawżoli għas-soluzzjoni tat-tilwim fil-kuntratti bejn il-membri tal-grupp, ir-remunerazzjoni bejn l-entitajiet ta' Terex u l-bejgħ minn TGG ta' MAEs prodotti minn manifatturi ta' Terex minbarra Terex Changzhou. Terex iċċarat ukoll is-sottomissjoni preċedenti tagħha dwar ir-relazzjoni bejn Terex Changzhou u Genie France u Terex Italy, rispettivament. F'kull punt Terex ressqet l-argument li l-Kummissjoni għandha tibbaża fuq ir-realtà ekonomika aktar milli fuq id-dettalji tal-kuntratti meta tivvaluta l-impatt tagħhom fuq il-pretensjoni tal-entità ekonomika unika.

(157) Il-pretensjonijiet diġà ġew indirizzati fil-premessi (148) sa (151). Ir-realtà tar-relazzjoni bejn l-entitajiet differenti kienet ikkaratterizzata mid-dispożizzjonijiet kuntrattwali applikabbli bejniethom. Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza li r-relazzjoni, kif deskritta permezz tal-arranġament kuntrattwali ma kinitx preċiża. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ċaħdet fin il-pretensjoni.

(158) Pretensjoni oħra biex diversi kumpaniji jiġu trattati bħala entità ekonomika waħda ġiet introdotta minn JLG. Huma sostnew li JLG Industries, Inc., JLG EMEA, JLG Tianjin u l-Uffiċċju tal-Bejgħ u s-Servizzi tal-UE (SSO, Sales and Service Office) ([35]) involuti fil-bejgħ lill-UE joperaw bħala entità ekonomika waħda, minħabba li l-affiljati ta' JLG involuti fil-bejgħ ta' MAE lejn l-UE huma taħt kontroll komuni, il-produzzjoni u l-bejgħ kollha tal-grupp JLG huma ġestiti minn JLG Industries, Inc. mill-kwartieri ġenerali tiegħu fl-Istati Uniti u r-riskji finanzjarji jiġġarrbu minn JLG Industries, Inc.

(159) JLG Tianjin timmanifattura MAEs li jinbiegħu lil JLG Industries (li jinsab fl-Istati Uniti). Fil-każ tal-bejgħ tal-UE, JLG Industries terġa' tbigħ dawn l-MAEs lil JLG EMEA fin-Netherlands. Dan tal-aħħar jew ibigħ lil klijenti indipendenti finali jew lin-negozjanti relatati: JLG Deutschland GmbH, JLG France, JLG Sverige AB, JLG Industries (Italia) u Plataformas Elevadoras (JLG Spain). Il-kumpanija sostniet li l-entitajiet kollha involuti fil-manifattura u l-bejgħ tal-MAEs jiffurmaw entità ekonomika waħda.

(160) Il-Kummissjoni sabet li l-ftehim ta' distribuzzjoni bejn JLG EMEA u JLG Industries fih dispożizzjonijiet li jindikaw in-nuqqas ta' entità ekonomika unika bejniethom, pereżempju, il-kuntratti tagħhom fihom klawżoli ta' arbitraġġ, "u l-partijiet għall-kuntratt huma intitolati li jfittxu r-rimedji kollha disponibbli, inklużi r-rimedji legali kollha". JLG EMEA hija awtorizzata twettaq id-dmirijiet kollha tagħha bħala distributur għall-bejgħ ta' MAEs bis-saħħa tal-kuntratt b'mod indipendenti u billi tuża d-diskrezzjoni tagħha stess u tiżgura li l-klijenti tagħha jkunu konxji mill-fatt li hija topera u tbigħ f'isimha stess. Il-ħatra ta' JLG EMEA bħala distributur mhijiex esklużiva u xejn fil-kuntratt tagħha ma jillimita lil JLG Industries biex taħtar distributuri oħra għas-suq tal-Unjoni. JLG EMEA tista' tipprovdi servizzi mhux konkorrenti lil partijiet terzi għan-nom tagħha stess jew għan-nom ta' partijiet terzi.

([35]) JLG Sweden, JLG Spain, JLG Italy, JLG France, JLG Germany.

(161) Barra minn hekk, il-Kummissjoni sabet li l-ftehim ta' distribuzzjoni standard bejn JLG EMEA u l-SSOs fih dispożizzjonijiet li jindikaw l-assenza ta' solidarjetà u, bħala konsegwenza, tal-eżistenza ta' entità ekonomika waħda. Pereżempju, klawżola ta' arbitraġġ li tafferma li l-arbitraġġ għandu jsir f'konformità mar-Regoli ta' Arbitraġġ tal-Istitut tal-Arbitraġġ tan-Netherlands, lista ta' prezzijiet irrakkomandati minn JLG EMEA li għandha tintuża mid-distributuri iżda li tippermettilhom li jitolbu prezzijiet differenti, perċentwal ta' kumpens fiss li d-distributuri huma intitolati għalih għal kull bejgħ, irrispettivament mill-prezz finali.

(162) Il-Kummissjoni sabet li l-ispjegazzjoni dwar il-kontroll komuni, id-direzzjoni tal-bejgħ u r-riskju finanzjarju sostnut minn JLG Industries, Inc., uriet li hemm sħubija ekonomika mill-qrib bejn l-entitajiet involuti mingħajr ma neċessarjament jiffurmaw entità ekonomika waħda. It-tip ta' kmand u kontroll deskritt minn JLG jista' jeżisti bejn kumpaniji relatati li jappartjenu għall-istess grupp li għandhom responsabbiltajiet definiti minn qabel bħala operatur tas-suq, manifattur u distributur.

(163) JLG argumentat li l-konfutazzjonijiet tal-argumenti fil-Premessi (258) sa (262) tar-Regolament proviżorju li jiċħdu l-pretensjoni ta' entità ekonomika waħda ta' Terex, ma kinux applikabbli għal JLG.

(164) Il-Kummissjoni ma eżaminatx fid-dettall il-pretensjoni li r-raġunijiet għaċ-ċaħda tal-entità ekonomika unika ta' Terex mhumiex applikabbli għal JLG. L-argumenti li jirfdu ċ-ċaħda tal-pretensjoni ta' JLG huma awtonomi u speċifiċi għall-kumpaniji, kif deskritt fid-dettall fil-premessi (159), (160) u (161).

(165) Fid-dawl tal-premessi (159), (160) u (161) ta' hawn fuq, il-pretensjoni li d-diversi entitajiet tal-JLG involuti fil-produzzjoni u l-bejgħ ta' MAE joperaw bħala entità ekonomika waħda ġiet miċħuda.

(166) Wara d-divulgazzjoni definittiva, JLG tenniet il-pretensjoni tagħha li l-JLG Group kien qed jopera bħala SEE. JLG insistiet fuq ir-"realtà ekonomika" fi ħdan l-operat tal-grupp u argumentat li l-Kummissjoni għandha tinjora d-dispożizzjonijiet kuntrattwali bejn entitajiet differenti tal-grupp.

(167) Il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni. Id-dispożizzjonijiet kuntrattwali ġew miftiehma liberament mill-partijiet. Ma kien hemm l-ebda ġustifikazzjoni pprovduta minn JLG għan-nuqqas ta' applikazzjoni tagħhom. Il-Kummissjoni analizzat dawn id-dispożizzjonijiet kuntrattwali bejn l-entitajiet u kkonkludiet li hemm-nuqqas ta' solidarjetà ekonomika bejniethom. Ma ġiet ipprovduta l-ebda informazzjoni ulterjuri dwar ir-relazzjoni kuntrattwali bejn l-entitajiet. Barra minn hekk, ma tressqet l-ebda evidenza li r-relazzjoni, kif deskritta permezz tal-arranġament kuntrattwali ma kinitx preċiża. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kuntratti relevanti kien fihom klawżoli inkonsistenti mal-affermazzjoni li r-realtà ekonomika tar-relazzjoni bejn in-negozjant relatat u l-manifattur kienet tirrifletti r-relazzjoni bejn manifattur u dipartiment tal-bejgħ intern.

3.3.5. *Marġnijiet tad-dumping*

(168) Il-marġnijiet tad-dumping definittiv espressi bħala perċentwal tal-prezz tal-kost, tal-assigurazzjoni u tan-nol (CIF) fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju mhux imħallas, huma kif ġej:

Kumpanija	Marġni tad-dumping definittiv
Hunan Sinoboom Intelligent Equipment Co., Ltd.	49,3 %
Oshkosh JLG (Tianjin) Equipment Technology Co., Ltd	66,7 %
Terex (Changzhou) Machinery Co., Ltd	48,7 %
Zhejiang Dingli Machinery Co., Ltd	20,6%
Kumpaniji oħrajn li kkooperaw	48,1%
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	66,7 %

4. DANNU

4.1. Pretensjoni dwar analiżi separata tad-dannu u tal-kawżalità tal-MAE b'magni elettriċi jew ibridi u konvenzjonali

(169) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CCCME tenniet li l-fatturi tad-dannu u tal-kawżalità fl-investigazzjoni kellhom jiġu vvalutati separatament għall-MAE b'magni elettriċi jew ibridi u konvenzjonali bħala sottogruppi jew segmenti tas-sottosuq, peress li argumentat li dawn l-MAE ma kinux interkambjabbli minħabba d-disparitajiet essenzjali tagħhom fil-karatteristiċi tal-prodott, fl-użu finali u fil-perċezzjonijiet tas-suq. Hija argumentat ukoll li meta naqset milli tagħmel dan, il-Kummissjoni ma żguratx eżami oġġettiv tal-elementi ta' dannu kif mitlub mill-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku. Is-CCCME tenniet l-argument wara d-divulgazzjoni definittiva mingħajr ma żiedet l-ebda element ġdid biex tappoġġa l-pretensjoni tagħha.

(170) Kif spjegat fit-Taqsima 2.4.1, il-Kummissjoni kkonkludiet li ż-żewġ kategoriji (MAE konvenzjonali u elettriku jew ibridu) kellhom l-istess karatteristiċi essenzjali u li għalhekk kien iġġustifikat li t-tnejn kienu parti mill-kamp ta' applikazzjoni tal-prodott u vvalutati bħala l-istess segment tas-suq. Id-differenzi bejn iż-żewġ kategoriji ma kinux tali li jiġġustifikaw analiżi separata tad-dannu u tal-kawżalità peress li l-prodotti kienu f'kompetizzjoni. Kif spjegat fit-Taqsima 2.4.1, aktar MAE b'magna konvenzjonali fil-futur jista' jiġi sostitwit progressivament b'MAE elettriku jew ibridu u jintuża aktar fuq barra. Għalhekk, il-qasam tal-użu ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' MAE kien qed jevolvi, li kien argument addizzjonali kontra valutazzjoni separata. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx iġġustifikat li ssir valutazzjoni separata tal-fatturi tad-dannu u tal-kawżalità għaż-żewġ kategoriji ta' MAE.

4.2. Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni

(171) Fl-assenza ta' kummenti rigward id-definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni, il-premessi (273) sa (275) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.3. Konsum tal-Unjoni

(172) Fl-assenza ta' kummenti rigward il-konsum tal-Unjoni, il-premessi (276) sa (278) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4. Importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat

4.4.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat*

(173) Fl-assenza ta' kummenti rigward l-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat, il-premessi (279) sa (281) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

4.4.2. *Il-prezzijiet tal-importazzjonijiet mill-pajjiż ikkonċernat: It-twaqqigħ tal-prezz u s-soppressjoni tal-prezzijiet*

(174) Fil-premessi (286) sa (288) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni tat dettalji dwar il-metodoloġija biex jiġi determinat it-twaqqigħ tal-prezz u kkonkludiet li l-importazzjonijiet Ċiniżi waqqgħu u rażżnu l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni.

(175) Wara d-divulgazzjoni definittiva, JLG affermat li, fir-rigward ta' JLG EMEA, il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-valur CIF ma ppermettietx tqabbil ġust tal-prezzijiet tal-bejgħ tal-UE ta' JLG mal-prezzijiet tal-industrija tal-UE. Peress li l-attivitajiet kollha ta' bejgħ relatati mal-UE kienu organizzati biss minn JLG EMEA, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tnaqqasx il-profitt tagħha u l-SG&A fil-kostruzzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni. JLG ressqet ukoll l-argument li l-prezz ta' trasferiment fi ħdan il-kumpanija mitlub minn JLG Tianjin kopra biss il-kost tal-manifattura, l-ispejjeż ġenerali tal-impjant u valwazzjoni pożittiva tal-profitt ta' 7 % (abbażi tal-kostijiet), li ma kienx l-istess bħall-prezz fil-mira tal-industrija tal-UE stabbilit abbażi tal-profitt fil-mira u l-SG&A attwali espress bħala perċentwali tal-prezzijiet tal-bejgħ.

(176) Il-Kummissjoni ċaħdet l-argument minħabba li sabiex jiġi stabbilit prezz tal-importazzjoni affidabbli fuq bażi ta' distakkament, tali prezz irid jinħadem billi jintuża l-prezz tal-bejgħ mill-ġdid tal-importatur relatat lill-ewwel klijent indipendenti bħala punt tat-tluq. Sabiex titwettaq din ir-rikostruzzjoni, ir-regoli dwar kif jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni kif jinsabu fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku huma pertinenti u huma applikati b'analoġija. L-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku jobbliga lill-awtorità investigattiva tistabbilixxi prezz tal-esportazzjoni affidabbli fil-fruntiera tal-Unjoni billi taġġusta għall-ispejjeż kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u għall-profitti li jakkumulaw. L-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku tippermetti li wieħed jasal għal prezz li jkun kompletament komparabbli mal-prezz li jintuża meta jiġi eżaminat il-bejgħ magħmul lil klijenti mhux relatati u wkoll komparabbli mal-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(177) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Terex sostniet li, fir-rigward ta' TGG, jenħtieġ li l-Kummissjoni ma tnaqqasx il-profitt u l-SG&A fil-kostruzzjoni tal-prezz tal-esportazzjoni sabiex tippermetti tqabbil ġust tal-prezz tal-bejgħ tal-UE ta' Terex u l-prezz tal-industrija tal-UE. Il-prezz tat-trasferiment bejn il-kumpaniji bejn Terex Changzhou u TGG kopra biss l-ispejjeż tal-manifattura, l-ispejjeż ġenerali tal-impjant u profitt. Dan ma kienx l-istess bħall-prezz fil-mira tal-industrija tal-UE, stabbilit abbażi tal-profitt fil-mira u l-SG&A attwali li ġew espressi bħala perċentwali tal-prezzijiet tal-bejgħ.

(178) Il-Kummissjoni ċaħdet l-argument minħabba li sabiex jiġi stabbilit prezz tal-importazzjoni affidabbli fuq bażi ta' distakkament, tali prezz irid jinħadem billi jintuża l-prezz tal-bejgħ mill-ġdid tal-importatur relatat lill-ewwel klijent indipendenti bħala punt tat-tluq. Sabiex titwettaq din ir-rikostruzzjoni, ir-regoli dwar kif jinħadem il-prezz tal-esportazzjoni kif jinsabu fl-Artikolu 2(9) tar-Regolament anti-dumping bażiku huma pertinenti u huma applikati b'analoġija. L-Artikolu 2(9) tar-Regolament bażiku jobbliga lill-awtorità investigattiva tistabbilixxi prezz tal-esportazzjoni affidabbli fil-fruntiera tal-Unjoni billi taġġusta għall-ispejjeż kollha mġarrba bejn l-importazzjoni u l-bejgħ mill-ġdid, u għall-profitti li jakkumulaw. L-applikazzjoni b'analoġija tal-Artikolu 2(9) tar-Regolament anti-dumping bażiku tippermetti li wieħed jasal għal prezz li huwa kompletament komparabbli mal-prezz li jintuża meta jiġi eżaminat il-bejgħ li jsir lil klijenti mhux relatati u komparabbli wkoll mal-prezz tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

4.4.2.1. Livell ta' kummerċ

(179) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur, is-CCCME, Sinoboom u Dingli sostnew li ma kienx ċar mid-divulgazzjoni proviżorja jekk meta kkalkolat it-twaqqigħ tal-prezz (u l-bejgħ taħt il-prezz), il-Kummissjoni aġġustat il-prezz tal-produtturi tal-Unjoni f'każ li jbigħu permezz ta' entitajiet relatati, kif għamlet għall-prezz tal-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun.

(180) Il-Kummissjoni ċċarat li saru l-istess aġġustamenti kemm għall-produtturi esportaturi fiċ-Ċina kif ukoll għall-produtturi tal-Unjoni, u għalhekk li l-Kummissjoni qabblet il-prezzijiet fl-istess livell ta' kummerċ.

4.4.2.2. Aġġustament għad-dazju doganali

(181) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur sostna li l-Kummissjoni ma kellhiex taġġusta b'mod sistematiku l-prezz tal-esportazzjoni b'4,5 % tad-dazju doganali minħabba li l-importazzjonijiet taħt il-kodiċi TARIC 8428.90.90.20 ma kinux soġġetti għal dazju doganali. Huwa argumenta li l-aġġustament jenħtieġ li jsir biss għal esportazzjonijiet soġġetti għal dazji abbażi tad-*data* sottomessa mill-produtturi esportaturi li kkooperaw, u f'każ li l-informazzjoni ma tkunx ġiet irrapportata, abbażi ta' *data* ta' wara l-bidu billi jiġi identifikat il-proporzjon ta' importazzjonijiet soġġetti għal dazji meta mqabbel mal-importazzjonijiet li għalihom id-dazji kienu żero. Il-Kummissjoni aċċettat il-pretensjoni u naqqset il-prezz tal-esportazzjoni skont dan.

(182) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME sostniet li jenħtieġ li l-Kummissjoni tibbaża fuq id-data tal-esportazzjoni attwali ta' kull wieħed mill-produtturi esportaturi fil-kampjun aktar milli fuq id-data tal-importazzjoni fil-perjodu ta' wara l-PI. Il-Kummissjoni ċċarat li l-aġġustament kien ibbażat fuq id-data attwali tal-produtturi esportaturi fil-PI li ppermettiet li jiġi stabbilit jekk il-bejgħ għall-esportazzjoni kienx soġġett għad-dazju doganali.

4.4.2.3. Il-komparabbiltà tal-prodott

(183) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, Sinoboom u l-ilmentatur ippreżentaw kummenti dwar il-klassifikazzjoni u l-komparabbiltà tal-prodott.

(184) Sinoboom irreferiet għad-divulgazzjoni proviżorja u għall-fatt li għall-fini tal-kalkoli tal-marġni tad-dannu, il-Kummissjoni għaqqdet il-PCNs (product control numbers) li kellhom bħala konsegwenza li l-Kummissjoni qabblet il-lifts bid-driegħ twil ma' għoli ta' operat distint b'mod sinifikanti, li allegatament irriżulta fi stima eċċessiva tal-marġni tad-dannu.

(185) Il-Kummissjoni aċċettat il-pretensjoni u għamlet it-tqabbil fuq bażi PCN ma' PCN u aġġustat il-kalkoli skont dan. B'konsegwenza ta' dan, il-marġini tad-dannu naqas.

(186) Sinoboom indikat ukoll li l-marġni tad-dumping provviżorju tagħha kien ogħla mill-marġnijiet ta' produtturi esportaturi oħra. Skont Sinoboom, tali differenza tista' tiġi kkawżata mill-metodoloġija adottata mill-Kummissjoni għat-tqabbil tal-prezzijiet u l-analiżi tal-marġni tad-dannu. Hija rreferiet għall-klassifikazzjoni tad-divulgazzjoni tan-numri ta' kontroll tan-numri ta' kontroll tal-prodott ("PCN") u argumentat li l-partijiet interessati ma kellhomx biżżejjed żmien biex jikkummentaw dwar it-tqabbil tal-PCN ippreżentat mill-partijiet jum biss qabel l-iskadenza għall-kummenti dwar il-miżuri proviżorji. Hija qieset li kien hemm irregolaritajiet fil-klassifikazzjoni tal-PCN mill-produtturi tal-Unjoni, u indikat tipi ta' prodotti li possibbilment kienu klassifikati ħażin jew fejn ma setgħetx tivverifika l-klassifikazzjoni korretta abbażi tad-deskrizzjoni tat-tipi ta' prodotti.

(187) Bħala reazzjoni għall-kummenti tas-CCCME, l-ilmentatur qies li l-pretensjonijiet kienu mingħajr bażi peress li l-prodotti jew kienu klassifikati sew jew ma kinux immanifatturati jew użati għat-tqabbil.

(188) Il-Kummissjoni vverifikat l-allegati klassifikazzjonijiet ħżiena u sabet li wieħed mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun tabilħaqq kien irrapporta żewġ tipi ta' MAE taħt PCN skorrett. Il-Kummissjoni kkoreġiet il-klassifikazzjoni tal-PCN skont dan.

(189) Sinoboom sostniet wkoll li xi tipi ta' prodotti setgħu jinbiegħu mill-produtturi tal-Unjoni f'volumi mhux rappreżentattivi li setgħu wasslu għal prezzijiet artifiċjalment għoljin għal dawn il-prodotti. Jekk dan kien il-każ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tikklassifika mill-ġdid il-bejgħ inkwistjoni u tinkludih fl-eqreb PCN distint li għalih il-produtturi tal-Unjoni kellhom bejgħ rappreżentattiv fil-PI.

(190) Il-Kummissjoni vverifikat u kkonfermat li t-tipi ta' prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni u mqabbla mal-istess tipi ta' prodotti mibjugħa minn Sinoboom ma kinux relatati ma' kwantitajiet mhux rappreżentattivi. Għalhekk ma kienx hemm bżonn ta' klassifikazzjoni mill-ġdid tal-PCNs.

(191) L-ilmentatur qies li kien hemm klassifikazzjoni ħażina apparenti ta' ċerti tipi ta' prodotti ddikjarati mill-JLG fir-rigward tal-użu industrijali jew ta' terren imħarbat ta' dirgħajn twal magħżula u fir-rigward tal-għoli ta' operat ta' ċerti arbli vertikali.

(192) Matul il-proċess ta' verifika tal-kumpaniji relatati fl-istadju definittiv, il-kumpaniji qablu mal-klassifikazzjoni mill-ġdid ta' dawn il-prodotti fil-PCNs korretti.

4.4.2.4. Konklużjoni dwar il-prezzijiet tal-importazzjonijiet u s-soppressjoni tal-prezzijiet

(193) Wara l-korrezzjonijiet li saru fil-kalkoli tal-marġni tat-twaqqigħ tal-prezz (u tal-bejgħ taħt il-prezz), kif spjegat hawn fuq u fit-Taqsima 3.3.2, il-Kummissjoni stabbiliet marġni ta' twaqqigħ tal-prezz medju peżat ta' 11,9 %.

(194) Minbarra t-twaqqigħ tal-prezz, il-marġnijiet tal-bejgħ taħt il-prezz għal kull produttur esportatur fil-kampjun baqgħu sinifikanti. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni żammet il-konklużjoni fil-premessa (288) li l-importazzjonijiet Ċiniżi rażżnu b'mod sinifikanti l-prezzijiet tal-industrija tal-Unjoni, li kellha tbigħ b'inqas mill-kostijiet matul il-PI.

4.5. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

(195) Fir-Regolament proviżorju (it-taqsima 4.5), il-Kummissjoni tat dettalji dwar l-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Hija kkonkludiet, fil-premessa (320) tar-Regolament proviżorju, li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

(196) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda kumment dwar il-livell tal-indikaturi makroekonomiċi u mikroekonomiċi. Fl-assenza ta' kummenti rigward il-livell ta' dawn l-indikaturi, il-premessi (289) sa (316) tar-Regolament proviżorju huma kkonfermati.

4.5.1. *Konklużjoni dwar id-dannu*

(197) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CCCME, il-GOC u l-ilmentatur ikkummentaw dwar il-konklużjonijiet tal-Kummissjoni fir-rigward tal-valutazzjoni tal-indikaturi tad-dannu u d-dannu.

(198) Is-CCCME qieset li l-indikaturi tad-dannu wrew li l-industrija tal-Unjoni tal-MAE kienet qed tikber u li ma kien hemm l-ebda evidenza pożittiva ta' dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni. Hija rreferiet għat-tkabbir tal-produzzjoni b'100 %, għaż-żieda fl-użu tal-kapaċità bi 88 % u għall-volumi tal-bejgħ mill-industrija tal-Unjoni bi 62 %. Hija argumentat ukoll li ż-żieda fil-prezz ta' 16 % kienet ogħla miż-żieda fil-kostijiet li kienet ta' 14 %. Barra minn hekk, hija argumentat li l-impjiegi fl-industrija tal-Unjoni żdiedu b'40 %, il-produttività bi 43 %, u l-istokk tal-għeluq fil-produzzjoni naqas b'35 %. Is-CCCME tenniet argumenti simili wara d-divulgazzjoni definittiva u argumentat li d-data tal-indikaturi tad-dannu ddivulgata lill-partijiet interessati ma pprovdietx stampa konvinċenti tad-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni fil-PI. Madankollu, hija ma pprovdietx elementi ġodda biex issostni l-pretensjoni.

(199) Barra minn hekk, is-CCCME indikat ir-rapporti finanzjarji minn Manitou li rrapportaw żieda importanti fil-profitt u l-bejgħ fit-Tramuntana tal-Ewropa u fin-Nofsinhar tal-Ewropa ([36]), u ż-żewġ artikoli li jsemmu li Haulotte żied il-bejgħ tiegħu ([37]). Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME żiedet li r-rapporti finanzjarji ta' Manitou rreferew għal "*diviżjoni tal-prodott*" li kienet tinkludi MAE u li, skont id-dikjarazzjonijiet, "*ibbenefikat bis-sħiħ mill-effett taż-żidiet fil-prezzijiet, li kkontribwew 13 % għat-tkabbir tal-bejgħ fl-2023*". Huwa argumenta wkoll li d-dikjarazzjonijiet semmew ukoll li "*is-swieq u s-setturi tan-negozju kollha esperjenzaw żieda qawwija fil-valur*" ([38]).

(200) Il-GOC irrefera wkoll għaż-żieda fil-kapaċità tal-produzzjoni, il-volum tal-produzzjoni, il-volum tal-bejgħ, l-għadd ta' impjegati, il-prezz tal-bejgħ u indikaturi oħra tal-produtturi tal-Unjoni. Huwa argumenta li l-Kummissjoni naqset milli tqis il-kawżi reali tat-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(201) L-ilmentatur, min-naħa l-oħra, qies li kien normali li anke industrija li ġarrbet dannu wriet xi ammont ta' żieda fil-produzzjoni u fil-volum tal-bejgħ, peress li l-istaġnar jew it-tnaqqis fil-kuntest ta' konsum li żdied b'122 % kien jagħmilha improbabbli għall-industrija li tibqa' ħajja. Huwa sostna li, għaldaqstant, kien meħtieġ li jitqies it-tkabbir importanti tas-suq.

(202) L-ilmentatur enfasizza wkoll li l-importazzjonijiet miċ-Ċina żdiedu mill-2020 sal-PI b'aktar minn 226 % li kien aktar miż-żieda fil-konsum, u s-sehem mis-suq żdied b'47 %, li wera l-wasla aggressiva u rapida tal-importazzjonijiet Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, minkejja ż-żieda fil-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni bejn l-2020 u l-PI, is-sitwazzjoni tagħha baqgħet dannuża. L-ilmentatur argumenta wkoll li dan kien minħabba li s-sena 2020 kienet influwenzata mis-sitwazzjoni tal-pandemija u li l-produzzjoni fl-2020 kienet baxxa. Iż-żieda sussegwenti fil-produzzjoni baqgħet ferm taħt iż-żieda fil-konsum, li kien ifisser li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tipproduċi u tbigħ f'konformità mad-domandi tas-suq. L-ilmentatur enfasizza wkoll li l-impjiegi kibru inqas mill-produzzjoni, minħabba l-ħtieġa li jitnaqqsu l-kostijiet.

([36]) 20240415_URD_EN.pdf (manitou-group.com) available at https://www.manitou-group.com/wp-content/uploads/2024/06/20240415_URD_EN.pdf.

([37]) Bidu tar-rekord għal Haulotte | Vertikal.net;https://vertikal.net/en/news/story/42361/first-half-boom-for-haulotte.

([38]) Ir-Rapport Annwali tal-2023 ta' Manitou Group f'https://www.manitou-group.com/wp-content/uploads/2024/06/20240415_URD_EN.pd, paġna 28.

(203) L-ilmentatur argumenta wkoll li r-rapporti finanzjarji kkwotati mis-CCCME kienu jikkonċernaw in-negozju kollu ta' Manitou, filwaqt li l-prodott ikkonċernat kien jirrappreżenta biss 11,6 % tal-attivitajiet tiegħu fl-2023. Huwa argumenta wkoll li fl-artikolu li semma ż-żieda fil-bejgħ minn Haulotte, issemma wkoll li Haulotte ma setax iħallas id-djun tiegħu, li ma setax jistabbilixxi prezzijiet f'livell ta' ekwilibriju, u li l-manifatturi Ċiniżi kienu l-kawża tal-problemi finanzjarji u ta' bejgħ ta' Haulotte.

(204) Barra minn hekk, l-industrija tal-Unjoni saħqet li s-sena 2022 kienet sena drammatika bla preċedent għad-dannu tal-Unjoni, u li t-titjib minuri fl-2023 ma weriex li ma kinitx għadha qed iġġarrab dannu.

(205) Il-Kummissjoni vvalutat il-pretensjonijiet tal-partijiet differenti. Hija qieset li, għall-kuntrarju ta' dak li ġie argumentat mis-CCCME u mill-GOC, il-fatt li xi wħud mill-indikaturi bħall-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volumi tal-bejgħ, il-prezz u l-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni wrew, matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, xejra pożittiva, ma setax jiġi interpretat b'mod iżolat bħala sinjal ta' industrija li qed tikber fi stat tajjeb. Il-Kummissjoni rreferiet għall-premessa (318) tar-Regolament proviżorju, fejn spjegat li l-indikaturi kollha tal-industrija tal-Unjoni kienu affettwati, bħal dawk ta' ħafna industriji oħra, mis-sitwazzjoni tal-pandemija fl-2020. Għalhekk, il-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-bejgħ u l-impjiegi tal-industrija tal-Unjoni fl-2020 kienu f'livell eċċezzjonalment baxx, għalhekk, peress li s-sena 2020 kienet is-sena ta' referenza, uriet żieda.

(206) Biex jintwera dan ta' hawn fuq, qabel il-pandemija, fl-2019, il-volum tal-produzzjoni u l-kapaċità tal-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu ogħla milli fl-2020 u f'livell simili bħal fil-PI. Il-produzzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2019 ammontat għal 34 669 unità meta mqabbla ma' 35 402 unità fil-PI, u l-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-2019 ammonta għal 27 765 unità meta mqabbel ma' 23 794 unità fil-PI. Dan tal-aħħar irrappreżenta tnaqqis ta' 14 % bejn l-2019 u l-PI. Bl-istess mod, bejn l-2019 u l-PI, l-impjiegi naqsu b'7 %.

(207) Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-fatt li xi indikaturi bejn l-2020 u l-PI wrew żieda ma kienx sinjal ta' industrija b'saħħitha li qed tikber, iżda pjuttost sinjal ta' ritorn għal-livelli ta' qabel il-COVID, speċjalment f'suq fejn il-konsum żdied, bejn l-2020 u l-PI, b'122 %, minn 28 481 unità fl-2020 għal 63 086 unità fil-PI. F'kundizzjonijiet normali tas-suq, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni jikber f'konformità mat-tkabbir fil-konsum. Madankollu, dan ma kienx il-każ bejn l-2020 u l-PI, il-bejgħ żdied biss bi 62 % meta mqabbel maż-żieda fil-konsum ta' 122 %. Għalkemm il-livell tal-impjiegi żdied b'40 % bejn l-2020 u l-PI, kien 60 % inqas miż-żieda fil-produzzjoni li żdiedet, fl-istess perjodu, b'100 %.

(208) Barra minn hekk, il-Kummissjoni fakkret li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet telf importanti bejn l-2020 u l-PI. Għalkemm it-telf naqas mill-2022 sal-PI, l-industrija kompliet tkun f'sitwazzjoni ta' telf, filwaqt li f'suq tal-MAE li qed jikber, taħt kundizzjonijiet normali tas-suq, kellha terġa' lura għal sitwazzjoni profittabbli.

(209) Il-Kummissjoni qieset ukoll li r-rapporti finanzjarji ta' Manitou Group koprew l-attivitajiet kollha ta' Manitou Group, li l-MAE kien biss parti żgħira minnhom u ma kinux jirrelataw mal-bejgħ ta' MAE b'mod speċifiku. Id-data kollha għall-PI relatata speċifikament mal-MAE għal kull produttur tal-Unjoni fil-kampjun ġiet ivvalutata u vverifikata mill-Kummissjoni. Għalhekk, dan it-tip ta' dikjarazzjonijiet fir-rapporti finanzjarji ta' Manitou ma kinux rilevanti għall-valutazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi li ġew ivverifikati u vvalutati fir-rigward tal-prodott ikkonċernat u l-PI speċifikament (li ma kkoinċidux mas-sena finanzjarja tal-kumpanija). Għalhekk, ma setgħet tinsilet l-ebda konklużjoni minn dawn id-dikjarazzjonijiet fir-rigward tal-prodott ikkonċernat. L-istess japplika għall-informazzjoni rrapportata dwar Haulotte Group. Il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha fuq data vverifikata miż-żewġ kumpaniji, li tirrifletti s-sitwazzjoni ekonomika relatata biss mal-produzzjoni u l-bejgħ ta' MAE fil-perjodu kkunsidrat.

(210) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME argumentat ukoll li r-referenza tal-Kummissjoni għall-indikaturi fl-2019 kienet relatata biss mal-indikaturi makroekonomiċi u mhux mad-data mikroekonomika, u li għalhekk, kien hemm inkonsistenza ċara fil-perjodu ta' żmien tal-valutazzjoni tad-dannu. Għalhekk, fil-fehma tagħha, ma jistax jiġi eskluż li l-analiżi tal-indikaturi tad-dannu relatati ma' perjodu inkonsistenti taħt kunsiderazzjoni twassal għal stampa distorta tad-dannu. Barra minn hekk, is-CCCME sostniet li l-Kummissjoni kellha tqis il-perjodu qrib il-PI minħabba li tali valutazzjoni tirrifletti bl-aktar mod preċiż jekk l-industrija tal-Unjoni ġarrbitx dannu materjali fil-PI, u wkoll minħabba li d-dumping, it-twaqqigħ tal-prezz u l-bejgħ taħt il-prezz kienu stabbiliti biss għall-PI.

(211) Madankollu, il-fatt li l-Kummissjoni rreferiet għas-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni fl-2019 ma kienx estensjoni tal-perjodu kkunsidrat, u lanqas ma kien ifisser li ntuża perjodu differenti għall-valutazzjoni tal-indikaturi mikroekonomiċi u makroekonomiċi. Ir-referenza għas-sitwazzjoni fl-2019 żiedet biex tappoġġa l-konklużjonijiet dwar is-sitwazzjoni fil-PI u l-perjodu kkunsidrat, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li s-sena tal-2020 meħuda bħala r-referenza għall-analiżi kienet affettwata mis-sitwazzjoni tal-pandemija. Il-PI u l-perjodu kkunsidrat, li fuq il-bażi tiegħu nsiltu l-konklużjonijiet, baqgħu l-istess (ara t-Taqsima 1.7). Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni.

(212) Fid-dawl tat-telf importanti mġarrab mill-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, it-telf sinifikanti tas-sehem mis-suq (madwar 14-il punt perċentwali), u d-deterjorament ta' indikaturi finanzjarji oħra bħall-fluss tal-flus, l-investimenti, u r-redditu fuq l-investimenti (ara l-premessa (313) tar-Regolament proviżorju), ma setax jitqies li l-industrija tal-Unjoni tal-MAE kienet industrija b'saħħitha.

(213) Għalhekk, il-Kummissjoni żammet il-konklużjoni li l-industrija tal-Unjoni ġarrbet dannu materjali skont it-tifsira tal-Artikolu 3(5) tar-Regolament bażiku.

5. KAWŻALITÀ

5.1. Effetti tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping

(214) Fil-premessa (323) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni kkonkludiet li d-dannu materjali tal-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina.

(215) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CCCME, il-GOC u l-ilmentatur ippreżentaw kummenti dwar il-konklużjoni.

(216) Is-CCCME argumentat li jekk is-sena 2020, li kienet affettwata mis-sitwazzjoni tal-pandemija, tiġi injorata, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi jibqa' pjuttost stabbli b'żieda żgħira ta' 3 punti perċentwali, filwaqt li l-livell tal-prezzijiet jiżdied bi kważi 50 %. Hija argumentat li fl-istess perjodu, l-indikaturi tal-industrija tal-Unjoni żdiedu. Billi s-sena 2020 ġiet eskluża bħala sena anormali affettwata mill-pandemija, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni li jifdal baqa' pjuttost stabbli, bi tnaqqis żgħir ta' 2 punti perċentwali. Fl-istess ħin, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi kien stabbli, u l-prezz tiegħu żdied bi kważi 50 %.

(217) Il-Kummissjoni l-ewwel innotat li tabilħaqq, iż-żieda fis-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi mill-2021 sal-PI kienet biss ta' 3 punti perċentwali. Madankollu, fid-dawl taż-żieda konsiderevoli fil-konsum fl-istess perjodu, f'termini assoluti, din iż-żieda ta' 3 punti perċentwali fis-sehem mis-suq irrappreżentat żieda fl-importazzjonijiet b'104 %, minn 23 124 unità importata fl-2021 għal 33 946 unità importata fil-PI, li kienet sostanzjali. Barra minn hekk, il-fatt li, f'termini ta' sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi, iż-żieda ewlenija seħħet fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni u mhux fl-aħħar ma naqqasx ir-rabta kawżali, iżda pjuttost spjega għaliex l-industrija tal-Unjoni kienet qed tagħmel telf matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni.

(218) Barra minn hekk, meta mqabbel mas-sena ta' qabel il-pandemija, fl-2019 il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien ta' madwar 8 800 unità. Għalhekk, mill-2019 sal-PI, il-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina żdied b' 285 %, minn 8 800 unità importati fl-2019 għal 33 946 unità importati fil-PI, jiġifieri wrew żieda sinifikanti ħafna. Għalkemm il-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi tabilħaqq żdiedu, dawn baqgħu ferm taħt il-prezzijiet tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni.

(219) Fir-rigward tal-profittabbiltà, is-CCCME argumentat li l-industrija tal-Unjoni esperjenzat profitt negattiv mill-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Hija qieset li l-allegazzjoni li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-industrija tal-Unjoni kienet diġà affettwata miż-żieda fl-importazzjonijiet Ċiniżi, li bdiet fl-2018, ma kienet appoġġata minn ebda evidenza u li għalhekk ma kinitx sostanzjata.

(220) Kif imsemmi fil-premessa (281) tar-Regolament proviżorju, fil-bidu tal-perjodu taħt kunsiderazzjoni fl-2020, l-importazzjonijiet miċ-Ċina kienu diġà sinifikanti u ammontaw għal aktar minn 10 000 unità. Id-*data* provduta mill-produtturi esportaturi Ċiniżi inklużi fil-kampjun uriet ukoll volum simili ta' importazzjonijiet fl-2019. Dan wera b'mod ċar li l-industrija tal-Unjoni kienet diġà affettwata mill-importazzjonijiet bi prezz baxx mill-2018.

(221) Is-CCCME qieset ukoll li r-redditu fuq l-investiment tal-industrija tal-Unjoni kien volatili matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni, peress li żdied b'mod konsiderevoli fl-2021 sa 35-40 %, u mbagħad naqas għal negattiv fl-2022, qabel ma tjieb ftit fil-PI. Hija indikat li ż-żieda sostanzjali fir-redditu fuq l-investiment tal-industrija tal-Unjoni seħħet fis-sena meta l-importazzjonijiet Ċiniżi żdiedu wkoll b'mod sinifikanti, filwaqt li t-tnaqqis fir-redditu fuq l-investiment seħħ fis-sena sal-PI meta s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi baqa' pjuttost stabbli. Għalhekk, is-CCCME sostniet li ma setax jiġi konkluż li tali prestazzjoni fqira kienet ikkawżata miż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina.

(222) Il-Kummissjoni qieset li l-fatt li kien hemm żieda fir-redditu fl-investimenti bejn l-2020 u l-2021, li seħħet fl-istess sena taż-żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet Ċiniżi ma kellu l-ebda effett fuq il-konklużjoni tal-Kummissjoni li l-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping ikkawżaw dannu lill-industrija tal-Unjoni, minħabba li l-impatt tal-importazzjonijiet Ċiniżi mhux neċessarjament ikun rifless fuq ir-redditu tal-investimenti tal-istess sena u jenħtieġ li jitqies fuq perjodu ta' żmien itwal. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-iżvilupp tagħha kien konsegwenza tal-importazzjonijiet Ċiniżi fis-snin preċedenti u tal-fatt li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx profittabbli fl-istess perjodu. B'mod ġenerali, ir-redditu fuq l-investimenti naqas b'aktar minn 400 % fil-perjodu taħt kunsiderazzjoni. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (313) tar-Regolament proviżorju, mill-2020, il-livell ta' investimenti mill-produtturi tal-Unjoni naqas b'64 %, li kien sinifikanti.

(223) Il-GOC argumenta wkoll li matul il-PI, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tjiebet sostanzjalment meta mqabbla mal-2022, u reġgħet żdiedet b'madwar 10 punti perċentwali. Huwa argumenta li dan wera li l-prezzijiet Ċiniżi tal-importazzjonijiet ma kinux il-kawża tat-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(224) Il-Kummissjoni tenniet li l-fatt li bejn l-2022 u l-PI, it-telf tjieb minn bejn [(-15 %) għal (-10 %)] għal [(-5 %) għal (0 %)] ma setax jitqies bħala sinjal ta' rkupru. Skont id-*data* tal-industrija tal-Unjoni, it-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni fl-2022 kien dovut għal żieda ta' 25-30 % fil-kostijiet tal-materja prima u l-fatt li l-kumpaniji ma setgħux iżidu l-prezzijiet għall-ordnijiet diġà nnegozjati. Għalhekk, it-telf fl-2022 kien eċċezzjonalment għoli. Kif imsemmi hawn fuq, madankollu, il-fatt hu li bejn l-2022 u l-PI, it-telf li sussegwentement naqas ma setax jitqies bħala sinjal ta' rkupru peress li l-industrija tal-Unjoni xorta ġarrbet telf sinifikanti li rriżulta prinċipalment mit-trażżin tal-prezzijiet ikkawżat minn importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx. Għalhekk, hija qieset li l-pretensjoni ma kinitx sostanzjata.

5.2. **Effetti ta' fatturi oħrajn**

5.2.1. *Kostijiet għoljin tal-produzzjoni*

(225) Is-CCCME qieset li ż-żieda fil-prezzijiet tal-materja prima, u kostijiet oħra bħall-kostijiet lavorattivi, kienet il-kawża tad-dannu għall-industrija tal-Unjoni.

(226) Il-GOC argumenta wkoll li t-tnaqqis fil-profittabbiltà tal-kumpaniji tal-Unjoni fl-2022 ma setax jiġi spjegat mill-prezzijiet tal-prodotti importati, speċjalment peress li l-prezzijiet tal-prodotti importati ma varjawx drastikament. Il-GOC argumenta li l-Kummissjoni ma kkunsidratx l-impatt negattiv taż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-materja prima matul il-perjodu ta' investigazzjoni fuq il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni u bi żball attribwiet id-dannu lill-importazzjonijiet Ċiniżi.

(227) L-ilmentatur argumenta, min-naħa l-oħra, li l-prezzijiet żdiedu b'mod qawwi matul il-perjodu ta' investigazzjoni, globalment u fis-suq tal-Unjoni, minħabba ż-żieda fil-kostijiet u li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx tgħaddi ż-żieda fil-kostijiet lill-klijenti tagħha minħabba l-pressjoni tal-esportaturi Ċiniżi. Madankollu, huwa qies li ż-żieda fil-kost fiha nnifisha ma kinitx ta' dannu għall-kumpaniji jekk kien hemm kundizzjonijiet ekwi. Il-pressjoni fuq il-prezzijiet tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping Ċiniżi għamlitha impossibbli għall-produtturi tal-Unjoni li jgħollu l-prezzijiet b'mod suffiċjenti, li jinnegozjaw mill-ġdid il-kuntratti eżistenti u li jkopru ż-żieda fil-kost. B'riżultat ta' dan, l-industrija kienet qed tagħmel telf.

(228) Fl-analiżi tagħha, il-Kummissjoni qieset l-impatt negattiv taż-żieda kontinwa fil-prezzijiet tal-materja prima iżda kkonkludiet li din iż-żieda ma naqqsitx ir-rabta kawżali. F'kundizzjonijiet normali tas-suq, tnaqqis fil-profittabbiltà jista' jseħħ f'perjodu limitat ta' żmien fejn l-industrija ma tkunx tista' tgħolli l-prezzijiet bl-istess mod kif jiżdiedu l-kostijiet minħabba kuntratti eżistenti, iżda wara xi żmien il-kuntratti jistgħu jiġu nnegozjati mill-ġdid biex ikopru mill-inqas il-kostijiet, b'mod partikolari f'suq li qed jikber bħal f'dan il-każ. Madankollu, minħabba li l-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi kienu sostanzjalment aktar baxxi mill-prezzijiet tal-Unjoni matul il-perjodu kollu taħt kunsiderazzjoni, u ż-żieda enormi fil-volumi tal-importazzjonijiet oġġett ta' dumping fl-istess perjodu, l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx iżżid il-prezzijiet f'konformità maż-żieda fil-kost. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ż-żieda fil-kostijiet ma setgħetx tnaqqas ir-rabta kawżali stabbilita bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina u d-dannu materjali mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u li d-dannu tal-industrija tal-Unjoni kien ikkawżat prinċipalment miż-żieda fl-importazzjonijiet bi prezz baxx.

5.3. **Pretensjonijiet oħrajn**

(229) Il-GOC argumenta li peress li l-prezzijiet medji tal-esportazzjoni tal-industrija tal-Unjoni kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ tagħhom fis-suq tal-Unjoni u dan il-bejgħ għall-esportazzjoni kien profittabbli, huwa wera li ma kien hemm l-ebda bażi għall-pretensjoni li l-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx ġiegħlu lill-industrija tal-Unjoni tbigħ prodotti ta' MAE bi prezzijiet baxxi, li jaffettwaw il-profittabbiltà tagħhom.

(230) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li mill-fatt li l-prezzijiet tal-esportazzjoni kienu aktar baxxi mill-prezzijiet tal-bejgħ domestiku iżda profittabbli, ma setax jiġi konkluż li l-importazzjonijiet Ċiniżi bi prezz baxx ma affettwawx il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni. Ir-raġuni tal-bejgħ għall-esportazzjoni fil-biċċa l-kbira profittabbli kienet dovuta għal differenza fit-taħlita tal-prodott tal-bejgħ fis-swieq tal-esportazzjoni u domestiċi fl-istess perjodu. Fi kwalunkwe każ, peress li l-bejgħ għall-esportazzjoni kien profittabbli, dan ma naqqasx ir-rabta kawżali bejn l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping u d-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni.

(231) Is-CCCME argumentat ukoll li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kapaċi toffri firxa sħiħa ta' MAE elettriku, b'mod partikolari l-MAE elettriku b'għoli massimu ogħla.

(232) L-ilmentatur, min-naħa l-oħra, qies li l-allegazzjonijiet li l-produtturi tal-Unjoni ma setgħux jissodisfaw id-domanda ta' MAE elettriku, ma kinux sostanzjati u kienu foloz. Huwa ddefenda li ma kienx minnu li l-produtturi Ċiniżi ffukaw partikolarment fuq l-MAE elettriku: Il-produtturi tal-Unjoni produċew u biegħu l-MAE elettriku fi kwantitajiet kbar ukoll. Pereżempju, aktar minn 70 % tal-makkinarju mibjugħ minn Haulotte bejn l-2020 u l-2022 (l-aktar *data* reċenti disponibbli għall-pubbliku) kien elettriku. Huwa argumenta li Haulotte offra firxa wiesgħa ta' makkinarju elettriku: l-arbli vertikali tiegħu, pereżempju, huma disponibbli biss f'formati elettriċi, u l-liftijiet imqass u l-lifts artikolati tiegħu kienu disponibbli kemm elettriċi kif ukoll b'magna tal-kombustjoni interna.

(233) Kif imsemmi fil-premessa (336) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni tenniet li t-tqabbil bejn it-tipi ta' prodotti importati mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun u t-tipi ta' prodotti mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni wera li, f'termini ġenerali, aktar minn 90 % tat-tipi ta' prodotti mibjugħa mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun kienu komparabbli mat-tipi ta' prodotti importati miċ-Ċina. Barra minn hekk, fil-PI, aktar minn 60 % tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni kien jikkonċerna l-MAE elettriku. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li t-taħlita tal-prodott mibjugħa mill-produtturi esportaturi kienet komparabbli mat-taħlita tal-prodott mibjugħa mill-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, kwalunkwe differenza allegata fit-taħlita tal-prodott ma setgħetx tkun il-kawża tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Konsegwentement, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

(234) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CCCME tenniet li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kompetittiva, minħabba l-firxa limitata tagħha ta' MAE elettrika. Hija rreferiet għal dikjarazzjoni f'rapport tal-produttur Ċiniż Xiamen Liteng Engineering Machinery Co., Ltd, li semmiet li l-kumpaniji kienu qed jitħabtu biex ilaħħqu mad-domanda tas-suq għal magni ġodda, b'mod partikolari dawk professjonali u elettriċi, kif ukoll ma' żmien itwal ta' konsenja, fil-kuntest tal-irkupru mis-sitwazzjoni pandemika. Is-CCCME semmiet ukoll ir-rapport tal-2022 ta' Manitou, li, fl-istess kuntest (l-irkupru mill-pandemija tal-Covid), semma interruzzjonijiet fil-provvista u diffikultajiet fit-trasport, u minn Haulotte, li semma d-diffikultajiet fil-katina tal-provvista, l-inflazzjoni, id-dewmien fil-produzzjoni u l-valur tal-inventarju bħala riskju għall-kumpanija.

(235) Il-Kummissjoni l-ewwel innotat li d-dikjarazzjoni tal-produttur Ċiniż kienet relatata ma' suq globali u mhux mas-suq tal-Unjoni b'mod partikolari. Barra minn hekk, bħalma għamlu r-rapporti kkwotati minn Manitou kif ukoll minn Haulotte, hija indikat perjodu bejn l-2020 u l-2022 influwenzat mill-impatt tas-sitwazzjoni pandemika madwar id-dinja, li madankollu damet biss għal żmien limitat. Kif spjegat hawn fuq, il-produtturi tal-Unjoni kellhom, matul il-PI, firxa sħiħa tal-prodotti elettriċi, u s-sitwazzjoni tal-pandemija ma kellha l-ebda impatt iktar fuq is-sitwazzjoni ekonomika tagħhom. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni fil-PI kienet ir-riżultat tan-nuqqas ta' kompetittività tagħha.

(236) Is-CCCME qieset ukoll li kawża oħra tad-dannu lill-industrija tal-Unjoni kienet li ma setgħetx tlaħħaq mal-ordnijiet, u b'hekk ikkawżat żminijiet (twal) ta' konsenja, u tnaqqis fir-ritmu tas-suq tal-kostruzzjoni tal-Unjoni. Hija tenniet l-argument wara d-divulgazzjoni definittiva, u alludiet għad-dikjarazzjonijiet fir-rapporti finanzjarji ta' Manitou li semmew sospensjoni temporanja tal-ordnijiet. Il-Kummissjoni sabet li l-argumenti ma kinux sostanzjati. Għall-kuntrarju, kif muri fil-premessa (277) tar-Regolament proviżorju, il-konsum kiber, bejn l-2020 u l-PI, b'122 % li wera li kien hemm żieda qawwija fid-domanda għall-MAE, mhux affettwata mill-allegat tnaqqis fir-ritmu tas-suq tal-kostruzzjoni tal-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rapport finanzjarju ta' Manitou u l-artikli fl-istampa msemmija mis-CCCME semmew b'mod ċar li ż-żminijiet itwal għall-konsenja kienu relatati mal-perjodu wara l-pandemija tal-COVID, li kien biss temporanju ([39]). Konklużjoni dwar il-kawżalità

(237) Il-Kummissjoni vvalutat l-impatt tal-fatturi magħrufa l-oħra kollha, filwaqt li qieset il-kummenti tal-partijiet interessati, u kkonkludiet li dawk il-fatturi ma naqqsux ir-rabta kawżali. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet fil-premessi (339) sa (340) tar-Regolament proviżorju li kien hemm rabta kawżali bejn id-dannu mġarrab mill-industrija tal-Unjoni u l-importazzjonijiet oġġett ta' dumping miċ-Ċina li ma kinitx attenwata mill-fatturi msemmija hawn fuq.

6. **LIVELL TA' MIŻURI**

(238) Sabiex tiddetermina l-livell tal-miżuri, il-Kummissjoni eżaminat jekk dazju aktar baxx mill-marġni tad-dumping ikunx biżżejjed sabiex jitneħħa d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping lill-industrija tal-Unjoni.

(239) F'dan il-każ, l-ilmentatur sostna l-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima fis-sens tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Fil-premess (343) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod provviżorju li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati. Il-valutazzjoni tal-preżenza tad-distorsjonijiet tal-materja prima hija spjegata aktar fid-dettall hawn taħt.

6.1. **Eżami tal-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni**

6.1.1. *Marġni tad-dannu*

(240) Fir-Regolament proviżorju (il-premessi (347) sa (354)), il-Kummissjoni spjegat fid-dettall il-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti marġnijiet adegwati biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni.

([39]) https://www.optionfinance.fr/info-financiere-en-continu/d/2024-04-26-manitou-devisse-apres-son-retour-a-la-normale.html.

(241) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur argumenta li peress li Haulotte France u Haulotte Arges fir-Rumanija t-tnejn biegħu kważi esklużivament permezz ta' kumpaniji distributtivi relatati, il-prezz fil-mira jenħtieġ li jiżdied bl-SG&A mġarrba minn dawn l-entitajiet tal-bejgħ relatati. Barra minn hekk, huwa sostna li l-ebda SG&A ta' Haulotte Arges ma ġie miżjud mal-prezz fil-mira.

(242) Il-Kummissjoni ma qablitx li biex jiġi stabbilit prezz fil-mira xieraq, hija kellha żżid kostijiet SG&A addizzjonali tad-distributuri relatati. Meta jinħadem il-prezz fil-mira jiżdiedu biss SG&A tal-produttur, u mhux dawk ta' entitajiet relatati. Lanqas l-SG&A tal-entitajiet tal-bejgħ tal-produtturi esportaturi ma ġew miżjuda mal-prezz tal-esportazzjoni u għalhekk, iż-żieda ta' kostijiet addizzjonali min-naħa tal-produtturi tal-Unjoni taffettwa t-tqabbil ġust. Min-naħa l-oħra, inizjalment Haulotte Arges ma rrapportat l-ebda kost SG&A għal kull livell ta' PCN biex jinħadem il-prezz fil-mira, u għalhekk l-ebda kost bħal dan ma ġie inkluż b'mod proviżorju. Għalhekk, il-Kummissjoni għamlet aġġustament biex iżżid il-prezz fil-mira għal kull PCN mill-SG&A rrapportat minn Haulotte Arges fil-parti ġenerali tat-tweġiba għall-kwestjonarju, li ġiet ivverifikata.

(243) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur sostna li l-SG&A rrapportat minn Haulotte Arges kien relatat biss mal-kostijiet tat-trasport u għalhekk, jenħtieġ li ma jiġix ikkunsidrat. Hija ssuġġeriet li minflok jintuża s-SG&A rrappurtat minn Haulotte France, li kien ogħla.

(244) Il-Kummissjoni qieset li l-prezz fil-mira għal Haulotte Arges għandu jkun ibbażat fuq id-data pprovduta u l-kostijiet imġarrba minn Haulotte Arges u mhux fuq data ta' kumpanija oħra, anki jekk din il-kumpanija kienet parti mill-istess grupp. Għalhekk ma qablitx li biex jiġi stabbilit l-SG&A ta' Haulotte Arges, għandha tintuża d-data ta' Haulotte France. Fi kwalunkwe każ, anki f'każ li l-ammonti jiżdiedu għal-livell irrappurtat minn Haulotte France, l-impatt ta' din il-bidla fuq il-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz ikun immaterjali. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni.

(245) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur sostna wkoll li l-Kummissjoni stabbiliet il-profitt fil-mira fil-livell ta' profittabbiltà qabel iż-żieda fl-importazzjonijiet miċ-Ċina, jiġifieri fl-2018. Huwa qies li dan kien kuntrarju għar-Regolament bażiku li stipula li l-livell ta' profittabbiltà kellu jkun fil-livell biex ikopri l-kostijiet u l-investimenti kollha, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni u li jenħtieġ li jippermetti lill-kumpanija tinnova, tinvesti u tikber. Huwa qies li l-livell ta' profittabbiltà fl-2018 ma kienx xieraq, minħabba li s-suq tal-Unjoni kien inbidel strutturalment bejn l-2018 u l-2023. L-ilmentatur ta wkoll eżempji ta' diversi industriji oħra, upstream u downstream, biex jargumenta li s-7 % stabbiliti mill-Kummissjoni kienu baxxi wisq. L-ilmentatur argumenta wkoll li l-industrija tal-MAE f'dawn l-aħħar snin iffaċċjat investimenti u kostijiet operazzjonali storikament għoljin minħabba t-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali bħall-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda bħall-batteriji tal-litju u l-elettrifikazzjoni tal-MAE. Fil-fehma tiegħu, il-Kummissjoni kellha tqis li dawn l-investimenti kienu meħtieġa u tikkunsidrahom meta tistabbilixxi l-prezz fil-mira.

(246) Il-Kummissjoni ma qablitx. Il-profitt fil-mira kien ibbażat fuq id-*data* mogħtija mill-industrija nnifisha u kien meqjus bħala profitt qabel ma l-industrija ġarrbet dannu mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping, u għalhekk, f'sitwazzjoni normali, kellu jkopri l-kostijiet tal-investimenti, ir-riċerka u l-iżvilupp u l-innovazzjoni. L-evoluzzjoni kostanti tat-tipi ta' MAE ma kinitx speċifika għal din l-industrija u applikat għal ħafna industriji oħra wkoll, u għalhekk ma setgħetx tiġġustifika profitt fil-mira ogħla, mingħajr ebda rabta mal-profitti li saru fil-passat. Il-pretensjoni mill-ilmentatur kienet wiesgħa wkoll u ma kien hemm l-ebda evidenza sottomessa mill-kumpaniji li kienet tippermetti lill-Kummissjoni tibbaża l-profitt fil-mira tagħha fuq bażi differenti. Għalhekk, il-Kummissjoni ċaħdet il-pretensjoni.

(247) L-ilmentatur sostna wkoll li l-profitt fil-mira użat mill-Kummissjoni kien ibbażat fuq valur tal-fatturat tal-prezzijiet tal-bejgħ reali tal-oġġetti – wara d-distribuzzjoni – filwaqt li fil-fatt ġie applikat fuq spiża tal-produzzjoni mġarrba mill-produttur inkluż fil-kampjun li ma kinitx tinkludi l-kostijiet tad-distribuzzjoni. L-ilmentatur għalhekk qies li l-kostijiet tad-distribuzzjoni ma kellhomx jiġu inklużi fil-kalkolu tal-profitt fil-mira. Il-Kummissjoni aċċettat din il-pretensjoni. Il-profitt fil-mira kkoreġut ammonta għal 7,7 %.

(248) L-ilmentatur ikkummenta wkoll dwar il-kostijiet soċjali u ambjentali futuri. Huwa qies li l-ammont tal-kostijiet soċjali u ambjentali futuri miżjuda mill-Kummissjoni mal-prezz fil-mira kien baxx wisq, u li l-Kummissjoni kellha tinkludi l-kostijiet tas-CO2 inkorporati fil-produzzjoni tal-elettriku u l-kostijiet li jirriżultaw mill-implimentazzjoni tad-direttiva dwar ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà.

(249) Il-Kummissjoni tenniet li fl-investigazzjoni preżenti qieset il-kostijiet indiretti tas-CO2 fil-konsum tal-enerġija iżda ma qisitx il-kostijiet li għalihom il-kumpaniji ma ġabux biżżejjed evidenza dwar l-ammonti reali, bħal fil-każ tal-kostijiet indiretti inkorporati fil-produzzjoni tal-azzar jew fejn il-kostijiet ma kinux jirriżultaw minn xi rekwiżit obbligatorju bis-saħħa ta' Ftehim Ambjentali Multilaterali jew mill-Konvenzjonijiet tal-ILO. Dan kien il-każ tal-kostijiet għall-manifattura ta' MAE elettriku u l-kostijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-direttiva dwar ir-rapportar korporattiv dwar is-sostenibbiltà. Madankollu, il-Kummissjoni għamlet korrezzjonijiet għall-iżbalji klerikali u l-ammont globali tal-kostijiet soċjali u ambjentali futuri miżjuda mal-prezz fil-mira ammonta minn 2,1 għal 41,5 EUR/unità skont il-kumpanija.

(250) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur argumenta li l-Kummissjoni kellha taċċetta wkoll il-kostijiet marbuta mal-kostijiet tas-CO2 inkorporati fil-produzzjoni tal-azzar u rrapportati minn Manitou, minħabba li biex jiddetermina dawn il-kostijiet, l-ilmentatur uża l-istess sors ta' informazzjoni biex jiddetermina l-ammont ta' CO2 fl-enerġija (l-aġenzija pubblika Franċiża inkarigata mill-ambjent ADEME), u minħabba li l-kostijiet tas-CO2 fl-enerġija ġew aċċettati mill-Kummissjoni.

(251) Il-Kummissjoni qieset li l-fatt li ADEME rrapportat kemm dwar il-kostijiet tas-CO2 fil-produzzjoni tal-enerġija kif ukoll fil-produzzjoni tal-azzar ma kienx jiġġustifika l-approċċ issuġġerit mill-ilmentatur. Filwaqt li l-enerġija ġiet ikkunsmata direttament minn Manitou u l-konsum tagħha seta' jiġi kkalkolat, l-azzar kien materjal użat fil-partijiet użati fil-produzzjoni tal-MAE. Għalhekk ma setax jiġi ppruvat b'mod suffiċjenti mill-kumpanija għal kemm telgħu il-kostijiet u jekk dawn il-kostijiet ġewx mgħoddija lil Manitou jew jekk ġewx assorbiti mill-produtturi tal-partijiet li jixtru l-azzar.

(252) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Sinoboom sostniet li kien hemm żball klerikali f'waħda mit-tabelli ppreżentati fid-divulgazzjoni definittiva. Il-Kummissjoni kkoreġiet l-iżball li madankollu ma kellux impatt fuq il-marġni tad-dannu ta' Sinoboom.

(253) Kif imsemmi fil-premessa (353) tar-Regolament proviżorju, il-Kummissjoni mbagħad iddeterminat il-livell tal-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz abbażi ta' tqabbil tal-prezz medju peżat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi individwali inklużi fil-kampjun li kkooperaw fir-RPĊ, kif stabbilit għall-kalkoli tat-twaqqigħ tal-prezz, mal-prezz medju peżat mhux dannuż tal-prodott simili mibjugħ mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni. Kwalunkwe differenza li tirriżulta minn dan it-tqabbil ġiet espressa bħala persentaġġ tal-valur CIF medju ponderat tal-importazzjoni.

6.1.2. *Tqabbil bejn il-marġni tad-dumping u l-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz*

(254) F'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni l-ewwel eżaminat jekk il-marġni tad-dumping stabbilit b'mod proviżorju jkunx ogħla mill-marġni adegwat biex jitneħħa d-dannu lill-industrija tal-Unjoni. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni qabblet il-prezz medju peżat tal-importazzjoni tal-produtturi esportaturi li kkooperaw mal-prezz fil-mira tal-industrija tal-Unjoni. Ir-riżultat ta' dawn il-kalkoli jidher fit-tabella ta' hawn taħt.

Kumpanija	Marġni ta' dumping (%)	Marġni ta' dannu (%)
Hunan Sinoboom Intelligent Equipment Co., Ltd.	49,3	54,9
Oshkosh JLG (Tianjin) Equipment Technology Co., Ltd.	66,7	22,5

Kumpanija	Marġni ta' dumping (%)	Marġni ta' dannu (%)
Terex (Changzhou) Machinery Co., Ltd.	48,7	22,9
Zhejiang Dingli Machinery Co., Ltd.	20,6	47,6
Kumpaniji oħra li kkooperaw	48,1	30,1
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	66,7	54,9

(255) Peress li l-marġni tal-bejgħ taħt il-prezz għall-produtturi esportaturi JLG u Terex kien aktar baxx mill-marġni tad-dumping, il-Kummissjoni vvalutat jekk kienx hemm distorsjonijiet fuq il-materja prima fir-rigward tal-prodott ikkonċernat, skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku.

6.2. **L-eżistenza ta' distorsjonijiet fil-materja prima skont l-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku**

(256) Fil-premessa (3) tar-Regolament provviżorju, il-Kummissjoni stabbiliet b'mod provviżorju li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati.

(257) L-ilmentatur, wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament provviżorju kkummenta li l-ħadid jew l-azzar huma distorti fiċ-Ċina, hemm differenza sinifikanti fil-prezz bejn il-prodotti tal-azzar Ċiniżi u tal-UE u li l-ħadid u l-azzar huma l-input ewlieni fl-MAE, li jirrappreżentaw aktar minn 17 % tal-kost tal-manifattura. L-ilmentatur sostna li jenħtieġ li l-Kummissjoni tqis ukoll il-ħadid u l-azzar inkorporati f'input jew f'komponent ieħor tal-prodott taħt investigazzjoni.

(258) Il-Kummissjoni sabet li l-kummenti tal-ilmentatur estendew l-ambitu tal-pretensjoni tad-distorsjoni tal-materja prima mill-azzar illaminat bis-sħana, kif stabbilit fl-Artikolu 4.2 tan-Notifika ta' Bidu ([40]), għall-ħadid u l-azzar, b'mod ġenerali.

(259) Sabiex tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku ġewx issodisfati, il-Kummissjoni l-ewwel identifikat, għal kull produttur esportatur inkluż fil-kampjun, l-eżistenza ta' fatturi ta' produzzjoni rrapportati taħt il-kodiċijiet SA 720837, 720851, 720852, 720853 u 7208 54 (jiġifieri prodotti tal-azzar illaminati bis-sħana), imbagħad qabblet il-valur totali tagħhom, abbażi ta' parametri referenzjarji Brażiljani mal-kost ivverifikat tal-manifattura għal kull kumpanija. Il-Kummissjoni ddeterminat li l-azzar illaminat fis-sħana użat fil-produzzjoni tal-MAE kien jirrappreżenta inqas minn 17 % tal-kost rispettiv tal-manifattura tal-erba' prodotturi esportaturi kollha fil-kampjun. Ma nstabet l-ebda distorsjoni oħra fil-materja prima għal xi fattur tal-produzzjoni li jirrappreżenta aktar minn 17 % tal-kost tal-manifattura.

(260) Il-Kummissjoni ċaħdet l-affermazzjoni li l-ħadid u l-azzar inkorporati f'input jew f'komponent ieħor tal-prodott jenħtieġ li jitqiesu għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7 (2a) tar-Regolament Bażiku ([41]), minħabba li dan l-Artikolu jiddikjara b'mod ċar li materja prima waħda trid tammonta għal mhux inqas minn 17 % tal-kost, mhux kategorija ġenerali ta' prodotti.

(261) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni stabbiliet li l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku ma ġewx issodisfati.

(262) Wara d-divulgazzjoni definittiva, is-CMAE affermat li l-Kummissjoni ma eżaminatx kif xieraq id-distorsjonijiet fil-materja prima għall-ħadid u l-azzar u li l-Kummissjoni kellha tqis ukoll prodotti tal-azzar illaminati bis-sħana inkorporati f'inputs oħra, bħal partijiet jew komponenti, meta vvalutat il-limitu ta' 17 %.

([40]) Notifika tal-bidu ta' proċediment anti-dumping dwar importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli ("MAE", mobile access equipment) li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C, C/2023/783, 13.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/783/oj).

([41]) ĠU L 176, 30.6.2016, p. 21, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1036/oj.

(263) Il-Kummissjoni ċaħdet dawn l-affermazzjonijiet. L-ewwel nett, hija vvalutat il-prodotti li jaqgħu taħt is-Sistema Armonizzata ("SA") il-Kapitolu 72 "Ħadid u Azzar" u l-Kapitolu 73 "Oġġetti tal-Ħadid u l-Azzar". F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni eżaminat il-materjali li ġew irrapportati bħala inputs mill-produtturi esportaturi fil-kampjun. It-tieni, il-Kummissjoni vverifikat jekk dawn il-materjali kinux soġġetti għal distorsjonijiet, kif elenkati fl-Artikolu 7(2a) tar-Regolament bażiku. Imbagħad, il-Kummissjoni sabet li ma kien hemm l-ebda evidenza fil-fajl li materja prima, inkluż l-azzar illaminat bis-sħana inkorporat f'partijiet u f'komponenti mixtrija mill-produtturi esportaturi fil-kampjun mingħand il-forniturі tagħhom kienet tirrappreżenta aktar minn 17 % tal-kost tal-produzzjoni tal-produtturi, kif meħtieġ mill-Artikolu 7 (2a) tar-Regolament bażiku.

7. L-INTERESS TAL-UNJONI

(264) Wara l-pubblikazzjoni tal-miżuri provviżorji, l-ilmentatur, il-GTĊ, is-CCCME, utent wieħed – il-kumpanija Construct Machines S.R.L. kif ukoll negozjant/bejjiegħ bl-ingrossa, il-kumpanija Norbert Wienold Gmnb, issottomettew kummenti dwar l-interess tal-Unjoni.

7.1. Interess tal-industrija tal-Unjoni

(265) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, is-CCCME sostniet li ma kien hemm l-ebda indikazzjoni li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping mill-Kummissjoni jkollha effett pożittiv fuq l-industrija tal-Unjoni. Hija qieset li d-*data* preżentata mill-Kummissjoni wriet li l-industrija tal-Unjoni esperjenzat tkabbir sinifikanti u għalhekk li l-industrija kienet qed tespandi.

(266) Il-Kummissjoni rreferiet għat-taqsima 4.3 hawn fuq fejn ikkonkludiet li minkejja żvilupp pożittiv ta' xi whud mill-indikaturi tad-dannu, l-industrija tal-Unjoni kienet affettwata b'mod negattiv mill-importazzjonijiet Ċiniżi oġġett ta' dumping. L-assenza ta' miżuri x'aktarx li jkollha aktar effetti negattivi sinifikanti fuq l-industrija tal-Unjoni f'termini ta' bejgħ aktar baxx, volum tal-produzzjoni u l-użu tal-kapaċità, u aktar trażżin tal-prezzijiet li twassal għal deterjorament finanzjarju ulterjuri tas-sitwazzjoni ekonomika tagħha f'termini ta' profittabbiltà u investimenti. Dawn iċ-ċirkostanzi kollha jheddu l-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni.

(267) Fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq u fl-assenza ta' kwalunkwe pretensjoni jew kumment relatat ieħor, il-konklużjonijiet fil-premessi (356) sa (360) tar-Regolament proviżorju ġew ikkonfermati.

7.2. L-interess tal-forniturі upstream

(268) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fl-assenza ta' kwalunkwe dikjarazzjoni jew kumment relatat ieħor, il-konklużjonijiet fil-premessi (361) sa (362) ġew ikkonfermati.

7.3. L-interess tal-utenti, id-distributuri u l-importaturi u n-negozjanti mhux relatati

(269) Is-CCCME argumentat li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping ma kinitx fl-interess tal-importaturi tal-Unjoni u tal-utenti finali li jkollhom għażla wiesgħa ta' produtturi kif ukoll prezzijiet. Hija qieset li l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping tkompli tillimita lill-kumpaniji tal-kiri biex jaċċessaw firxa sħiħa ta' tipi ta' MAE b'kost raġonevoli u żmien meħtieġ għall-konsenja. Is-CCCME argumentat ukoll li l-limitazzjoni tal-aċċess għall-prodotti Ċiniżi li essenzjalment jenfasizzaw fuq mudelli li jaħdmu bl-elettriku tipperikola l-kisba tal-mira tat-tranżizzjoni ekoloġika ta' dan is-settur industrijali, peress li argumentat li l-industrija tal-Unjoni ma setgħetx timla l-lakuna. Is-CCCME tenniet l-argument wara d-divulgazzjoni definittiva. Hija qieset ukoll li fid-dawl tan-nuqqas ta' provvista ta' MAE fis-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari l-mudelli elettriċi, is-sikurezza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-għoli ma kinitx garantita.

(270) Il-GOC qies li l-miżuri jkollhom effett negattiv fuq il-livell tal-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni peress li dan jikkawża li l-kompetituri Ċiniżi jitilqu mis-suq tal-Unjoni. Huwa sostna wkoll li l-impożizzjoni tal-miżuri jkollha impatt negattiv fuq l-importaturi u l-utenti downstream u tikkawża li l-kumpaniji tal-kiri jżidu l-prezzijiet tagħhom u għalhekk jgħaddu ż-żieda fuq il-konsumaturi. Huwa argumenta wkoll li l-preżenza tal-produtturi esportaturi Ċiniżi tipprovdi lill-industriji downstream u lill-konsumaturi b'aktar għażliet, u prodotti u servizzi aħjar. Huwa qies ukoll li l-miżuri ma kinux konsistenti mal-politiki tal-Unjoni dwar l-iżvilupp ekoloġiku u dwar it-tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji.

(271) L-ilmentatur, min-naħa l-oħra, argumenta li d-dazji ma jkollhomx l-effett li jipprojbixxu l-MAE Ċiniż mis-suq tal-Unjoni, iżda biss li jneħħu l-effetti ta' prattiki kummerċjali inġusti. Barra minn hekk, huwa qies li kif muri fl-ilment, il-provvista minn pajjiżi terzi għajr l-Unjoni u ċ-Ċina kienet rikka u varjata.

(272) L-utent, il-kumpanija Construct Machines S.R.L. sostna li l-MAE tejjeb sostanzjalment l-istandards tas-sikurezza. Huwa qies li l-impożizzjoni ta' miżuri tikkawża li l-prezzijiet tal-kiri tal-MAE jiżdiedu u dan ikollu impatt negattiv fuq il-kumpaniji ta' daqs medju. Madankollu, il-kumpanija ma kkooperatx mal-investigazzjoni, u ma ssottomettietx tweġiba għall-kwestjonarju.

(273) Il-kumpanija Norbert Wienold GmbH, negozjant/bejjiegħ bl-ingrossa ta' MAE manifatturat minn Sinoboom qieset li ma kien hemm l-ebda volum adegwat prodott mill-industrija tal-Unjoni ta' Dirgħajn twal teleskopiċi/artikolati standard ta' livell għoli (għoli ta' operat ta' 12–24 m) u liftijiet imqass (għoli ta' operat ta' bejn 6 u 16-il m), u li l-industrija tal-Unjoni ma kinitx kompetittiva.

(274) Norbert Wienold GmbH argumentat ukoll li l-miżuri anti-dumping proviżorji fuq l-importazzjonijiet ta' MAE jkollhom impatt sinifikanti fuq il-prestazzjonijiet tan-negozjanti, tal-kumpaniji tal-kiri żgħar u ta' daqs medju u tal-klijenti finali bi kważi l-ebda benefiċċju għall-industrija tal-Unjoni. Hija argumentat li jekk jiġu imposti l-miżuri, il-prezzijiet tal-MAE madwar l-Ewropa jiżdiedu, u dan jaffettwa l-katina tal-provvista, bħan-negozjanti, il-kumpaniji tal-kiri u l-utenti finali. Madankollu, il-kumpanija ma kkooperatx mal-investigazzjoni, u lanqas ma ssottomettiet tweġiba għall-kwestjonarju.

(275) L-uniku utent li kkoopera, Kiloutou, ma ssottomettiex kummenti dwar il-miżuri proviżorji.

(276) Il-Kummissjoni qieset li l-affermazzjoni dwar l-allegat volum mhux adegwat prodott mill-industrija tal-Unjoni ta' Booms teleskopiċi/artikolanti ta' livell għoli standard (għoli ta' operat ta' 12-24 m) u scissor lifts (għoli ta' operat ta' 6-16 m) ma kinitx sostanzjata u li l-kumpanija nnifisha semmiet li ż-żewġ tipi ġew prodotti mill-produtturi tal-Unjoni Manitou u Haulotte.

(277) Barra minn hekk, il-Kummissjoni rreferiet għall-konklużjonijiet tagħha fil-premessi (364) sa (373) tar-Regolament proviżorju. Hija tenniet li għalkemm il-livell ġenerali tal-prezz tal-MAE kien mistenni li jiżdied, l-impatt fuq l-utenti li kienu prinċipalment il-kumpaniji tal-kiri kien inqas sinifikanti milli kieku kienu l-konsumaturi diretti. Kwalunkwe żieda fil-prezz tal-MAE tirrifletti direttament f'żieda tal-assi tagħha, u l-fatt li l-makkinarju ntuża fuq perjodu itwal naqqas, fil-fehma tal-Kummissjoni, l-effett negattiv ta' żieda potenzjali fil-prezz ukoll.

(278) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżuri ma jkollhomx effett sproporzjonat fuq il-kumpaniji tal-kiri u l-benefiċċji ġenerali tal-miżuri jegħlbu l-impatt negattiv potenzjali għall-importaturi u l-utenti. Il-Kummissjoni qieset ukoll li peress li d-dazji huma maħsuba biex jerġgħu jistabbilixxu l-kundizzjonijiet ekwi, huma mistennija li jkollhom effett pożittiv fuq il-livell tal-kompetizzjoni fis-suq tal-Unjoni u kien importanti wkoll għall-utenti ewlenin – il-kumpaniji tal-kiri – li l-produzzjoni tal-MAE tkompli sseħħ fis-suq tal-Unjoni, biex jiddiversifikaw il-flotot tagħhom. Għalhekk, l-impożizzjonijiet tad-dazji ma jipperikolawx l-ilħuq tal-mira tat-tranżizzjoni ekoloġika ta' dan is-settur industrijali.

(279) Wara d-divulgazzjoni definittiva, Sinoboom semmiet li ċerti aspetti tal-każ, relatati mad-definizzjoni estremament wiesgħa tal-prodott investigat u d-differenzi sinifikanti fil-portafolli tal-MAE tal-produtturi esportaturi Ċiniżi u tal-produtturi tal-Unjoni, qajmu tħassib serju dwar il-kawżalità u l-interess tal-Unjoni li ma ġiex indirizzat. Hija argumentat li l-livell baxx ta' parteċipazzjoni tal-utenti tal-Unjoni impedixxa diskussjoni aktar sinifikanti dwar l-impatt mistenni tal-miżuri anti-dumping fuq is-suq tal-Unjoni, minħabba li l-fornituri Ċiniżi offrew firxa usa' ta' prodotti b'mod partikolari f'termini ta' mudelli, għoli ta' operat u ġenerazzjoni tal-enerġija mill-produtturi tal-Unjoni, li għamlu l-preżenza effettiva tal-kumpaniji Ċiniżi fis-suq tal-Unjoni essenzjali.

(280) Sinoboom qieset ukoll li l-Kummissjoni ma setgħetx tilħaq u tikkuntattja kif xieraq lill-kumpaniji tal-kiri potenzjalment interessati li jipparteċipaw bis-sħiħ bħala partijiet interessati fl-investigazzjoni, u li waħda mill-kumpaniji tal-kiri li ssottomettiet sottomissjoni bil-miktub u pparteċipat f'seduta ta' smigħ ma ssemmietx fid-dokument ta' divulgazzjoni ġenerali. Hija semmiet ukoll li l-utent spjega li l-marġnijiet strutturalment ikkumpressati u l-impenn fit-tul tal-kumpaniji tal-kiri jpoġġuhom f'sitwazzjoni estremament prekarja wara l-impożizzjoni ta' miżuri anti-dumping.

(281) Fil-bidu, il-Kummissjoni kkuntattjat erbatax-il utent identifikati fl-ilment. Minbarra kumpanija waħda (Kiloutou), l-ebda utent ma kkoopera fl-investigazzjoni. L-ebda utent ieħor inkluż il-kumpanija msemmija minn Sinoboom ma ppreżenta kummenti biex jiftaħ il-fajl sal-iskadenzi għall-kummenti wara d-divulgazzjoni provviżorja u definittiva. Fl-analiżi tagħha tal-interess tal-Unjoni, il-Kummissjoni madankollu qieset il-fatt li jista' jkun hemm impatt fuq il-kumpaniji tal-kiri u l-marġnijiet tagħhom. Fir-rigward tal-għażla tat-tipi ta' MAE, il-Kummissjoni qieset li d-dazji huma applikati biex jiġu restawrati kundizzjonijiet ekwi u mhux biex jiġu evitati l-importazzjonijiet ta' MAE mir-RPĊ.

(282) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni sostniet li l-benefiċċji ġenerali tal-miżuri kienu akbar mill-impatt negattiv potenzjali għall-importaturi u għall-utenti u għalhekk, il-konklużjonijiet fil-premessi (363) sa (368) tar-Regolament provviżorju ġew ikkonfermati.

7.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(283) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonfermat il-konklużjonijiet fil-premessa (373) tar-Regolament proviżorju li ma kien hemm l-ebda raġuni konvinċenti biex wieħed jasal għall-konklużjoni li ma kienx fl-interess tal-Unjoni li jiġu imposti miżuri fuq l-importazzjonijiet ta' MAE li joriġinaw mir-RPĊ.

8. **MIŻURI ANTI-DUMPING DEFINITTIVI**

8.1. **Miżuri definittivi**

(284) Fid-dawl tal-konklużjonijiet milħuqa fir-rigward tad-dumping, tad-dannu, tal-kawżalità, tal-livell tal-miżuri u tal-interess tal-Unjoni, u f'konformità mal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, jenħtieġ li jiġu imposti miżuri anti-dumping definittivi sabiex ma jiġix ikkawżat dannu ulterjuri lill-industrija tal-Unjoni mill-importazzjonijiet oġġett ta' dumping tal-prodott ikkonċernat.

(285) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur indika żball klerikali fil-premessa (233) tad-Dokument ta' Divulgazzjoni Ġenerali, li ddikjara b'mod żbaljat id-dazju anti-dumping għall-"Kumpaniji l-oħra kollha", peress li ma kienx jikkorrispondi għal-livell l-aktar baxx mill-marġni tad-dannu u l-marġni tad-dumping stabbilit għall-"Kumpaniji l-oħra kollha". Il-premessa (205) uriet li l-marġni tad-dannu ammonta għal 54,9 % u l-marġni tad-dumping għal 66,7 %. Il-Kummissjoni aċċettat il-punt u aġġustat ir-rata tad-dazju għall-"Kumpaniji l-oħra kollha" kif xieraq.

(286) Wara l-valutazzjoni ta' hawn fuq, id-dazji anti-dumping definittivi, espressi fuq il-prezz CIF fil-fruntiera tal-Unjoni, bid-dazju doganali mhux imħallas, jenħtieġ li jiġu stabbiliti kif ġej f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament bażiku:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Hunan Sinoboom Intelligent Equipment Co., Ltd.	49,3
Oshkosh JLG (Tianjin) Equipment Technology Co., Ltd.	22,5
Terex (Changzhou) Machinery Co., Ltd.	22,9

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv (%)
Zhejiang Dingli Machinery Co., Ltd.	20,6
Kumpaniji oħra li kkooperaw	30,1
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	54,9

(287) Ir-rati tad-dazju anti-dumping tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament ġew stabbiliti abbażi tas-sejbiet ta' din l-investigazzjoni. Għalhekk, dawn jirriflettu s-sitwazzjoni li nstabet matul din l-investigazzjoni fir-rigward ta' dawn il-kumpaniji. Għalhekk, dawn ir-rati tad-dazju huma applikabbli esklużivament għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni li joriġinaw mill-pajjiż ikkonċernat u manifatturat mill-entitajiet ġuridiċi msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat immanifatturat minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux speċifikament imsemmija fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, ma jistgħux jibbenefikaw minn dawn ir-rati u jenħtieġ li jkunu soġġetti għar-rata ta' dazju applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(288) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni ta' dawn ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali jekk hija sussegwentement tbiddel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([42]). It-talba jrid ikun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha li tippermetti li jintwera li t-tibdil ma jaffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, jiġi ppubblikat regolament dwar il-bidla tal-isem f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(289) Sabiex jiġu mminimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenza fir-rati tad-dazju, hemm bżonn ta' miżuri speċjali biex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tad-dazji anti-dumping individwali. L-applikazzjoni tad-dazji anti-dumping individwali hija applikabbli biss mal-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament. Sakemm tiġi preżentata tali fattura, l-importazzjonijiet jenħtieġ li jkunu soġġetti għad-dazju anti-dumping applikabbli għall-"kumpaniji l-oħra kollha".

(290) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa biex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati tad-dazju anti-dumping individwali fuq l-importazzjonijiet, din mhijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu preżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jenħtieġ li jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti fuq l-ilma, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw l-akkuratezza tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u biex jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(291) Jekk l-esportazzjonijiet minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati ta' dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum, b'mod partikolari wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, tali żieda fil-volum tista' titqies bħala waħda li fiha nnifisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri fis-sens tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament bażiku. F'dawn iċ-ċirkostanzi, tista' tinbeda investigazzjoni kontra ċ-ċirkomvenzjoni, dment li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet biex isir dan. Din l-investigazzjoni tista', fost oħrajn, teżamina l-ħtieġa tat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju fil-pajjiż kollu.

(292) Sabiex jiġi żgurat infurzar xieraq tad-dazji anti-dumping, id-dazju anti-dumping għall-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-RPĊ jenħtieġ li japplika mhux biss għall-produtturi esportaturi li ma kkooperawx f'din l-investigazzjoni, iżda wkoll għall-produtturi li ma kellhomx esportazzjonijiet lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni.

([42]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Wetstraat 170/Rue de la Loi, 1040, Bruxelles/Brussel, Belgique/België. Indirizz elettroniku: Trade-defence-complaints@ec.europa.eu.

(293) Jenħtieġ li l-produtturi esportaturi li ma esportawx il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni jkunu jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni sabiex tkun soġġetta għar-rata tad-dazju anti-dumping għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tilqa' talba bħal din dment li jiġu ssodisfati tliet kundizzjonijiet. Il-produttur esportatur il-ġdid ikollu juri li: (i) ma esportax il-prodott ikkonċernat lejn l-Unjoni matul il-PI; (ii) mhuwiex relatat ma' produttur esportatur li għamel dan; u (iii) esporta l-prodott ikkonċernat wara dan jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jagħmel dan fi kwantitajiet sostanzjali.

(294) L-istatistika tal-MAE ta' spiss tiġi espressa f'biċċiet. Madankollu, ma hemm l-ebda unità supplimentari bħal din għall-MAE speċifikata fin-Nomenklatura Magħquda stabbilita fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana ([43]). Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi stipulat li mhux biss il-piż f'kg jew tunnellati iżda wkoll il-biċċiet għall-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat iridu jiddaħħlu fid-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni libera. Il-biċċiet jenħtieġ li jiġu indikati għall-kodiċijiet TARIC: 8427 10 10 10, 8427 20 19 10, 8428 90 90 20, 8431 20 00 60 u 8431 39 00 10.

8.2. **Ġbir definittiv tad-dazji proviżorji**

(295) Fid-dawl tal-marġnijiet ta' dumping li nstabu u minħabba l-livell tad-dannu kkawżat lill-industrija tal-Unjoni, jenħtieġ li l-ammonti ggarantiti permezz tad-dazji anti-dumping proviżorji, imposti bir-Regolament proviżorju, jinġabru b'mod definittiv sal-livelli stabbiliti skont dan ir-Regolament.

8.3. **Ġbir retroattiv**

(296) Kif imsemmi fit-Taqsima 1.2., il-Kummissjoni għamlet l-importazzjonijiet tal-prodott taħt investigazzjoni soġġetti għal reġistrazzjoni.

(297) Wara d-divulgazzjoni proviżorja, l-ilmentatur irrefera għall-konklużjonijiet fir-Regolament ta' reġistrazzjoni li fil-fehma tiegħu kkonkludew li l-Kummissjoni qieset il-kriterji għall-ġbir retroattiv bħala ssodisfati. Huwa qies prinċipalment li ż-żieda fl-importazzjonijiet wara l-bidu kienet massiva u li ma rrispondiet għall-ebda loġika tad-domanda tas-suq. L-ilmentatur ipprovda stimi li juru żieda minn 33 % sa 121 %, u stampi ta' stokkijiet ta' MAE biex juri li qed issir kumulazzjoni ta' riżerva.

(298) Is-CCCME, min-naħa l-oħra, qieset li l-analiżi tal-importazzjonijiet mill-ilmentatur ma kinitx korretta, u ż-żieda fl-importazzjonijiet wara l-bidu meta mqabbla mal-PI ma kinitx sostanzjali. Hija argumentat li l-produzzjoni ta' MAE kienet ibbażata fuq ordnijiet imfassla apposta għal klijent speċifiku, u li għalhekk ma kien jagħmel l-ebda sens prattiku li xi operatur jaħżen. It-tieni, is-CCCME argumentat li ż-żmien ta' ħejjija bejn l-ordnijiet u l-konsenja kien importanti ħafna għall-valutazzjoni xierqa tad-*data* f'din l-investigazzjoni, peress li ċ-ċiklu mit-tqegħid tal-ordnijiet, il-proċess tal-produzzjoni, sal-konsenja fl-Unjoni normalment jieħu bejn 4 u 6 xhur u, għalhekk, peress li l-ogħla livell tal-importazzjonijiet seħħ minn Jannar sa Marzu 2024, ma kienx relatat mal-bidu tal-investigazzjoni iżda pjuttost mal-ktieb twil tal-ordnijiet li sar ferm qabel il-bidu.

(299) Il-Kummissjoni vvalutat id-*data* miġbura matul l-istadju definittiv tal-investigazzjoni, biex tanalizza jekk il-kriterji skont l-Artikolu 10(4) tar-Regolament bażiku ġewx issodisfati għall-ġbir retroattiv tad-dazji definittivi.

(300) Il-Kummissjoni vvalutat b'mod partikolari jekk kienx hemm żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet minbarra l-livell tal-importazzjonijiet li kkawżaw dannu matul il-perjodu ta' investigazzjoni, li, fid-dawl taż-żmien u l-volum tiegħu u ċirkostanzi oħra, x'aktarx li jimmina serjament l-effett rimedjali tal-miżuri definittivi, kif preskritt mill-Artikolu 10(4)(d) tar-Regolament bażiku.

([43]) https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=CELEX:31987R2658.

(301) Il-Kummissjoni qabblet, b'mod partikolari, il-volum medju ta' importazzjoni fix-xahar fil-PI (Ottubru 2022 sa Settembru 2023) mal-volum medju ta' importazzjoni ta' kull xahar wara l-PI (Novembru 2023 sa Lulju 2024). Il-Kummissjoni qabblet ukoll il-volum medju ta' importazzjoni ta' kull xahar wara l-PI (Novembru 2023 sa Lulju 2024) mal-volum medju ta' importazzjoni fix-xahar matul il-PI bbażat fuq l-istess xhur (Novembru 2022 sa Lulju 2023) għaż-żewġ perjodi, biex titqies l-istaġjonalità. Għall-PI, il-Kummissjoni użat *data* tal-produtturi esportaturi li kkooperaw ([44]) u għal wara l-PI, hija użat *data* fil-bażi tad-*data* ta' Sorveljanza ([45]).

(302) Id-*data* vverifikata tal-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun uriet li l-volumi tal-importazzjoni varjaw b'mod konsiderevoli skont ix-xahar tas-sena. Pereżempju, l-importazzjonijiet f'xhur bħal Diċembru, Marzu u April fil-PI kienu aktar minn tliet darbiet ogħla mill-medja tal-importazzjonijiet minn Lulju sa Settembru. Għalhekk, biex jitqiesu dawn il-varjazzjonijiet u biex jitqies l-impatt tal-istaġjonalità, il-Kummissjoni ma qisitx xieraq li tqabbel il-medja ta' kull xahar tal-PI bbażata fuq 12-il xahar mal-medja ta' kull xahar ta' wara l-PI abbażi ta' tmien (8) xhur.. Il-volum tal-importazzjoni matul il-perjodu wara l-bidu ta' din l-investigazzjoni sal-impożizzjoni tal-miżuri proviżorji (Novembru 2023 sa Lulju 2024) kien għalhekk imqabbel mal-volum tal-importazzjoni tal-istess perjodu matul il-PI (Novembru 2022 sa Lulju 2023). Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni kkalkulat li fil-perjodu ta' wara l-PI, l-importazzjonijiet naqsu bi 3 % fil-volum. Il-prezzijiet tal-MAE baqgħu stabbli matul iż-żewġ perjodi.

(303) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li wara l-bidu tal-investigazzjoni, il-volum tal-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat miċ-Ċina ma żdiedx.

(304) Barra minn hekk, aktar elementi fil-fajl jappoġġaw il-konklużjoni li ma seħħx kumulazzjoni sostanzjali ta' riżerva wara l-bidu. Kif stabbilit fir-Regolament proviżorju, il-produtturi tal-Unjoni produċew biss għal kull ordni u ma żammew l-ebda stokk sinifikanti ta' MAE lest. Dan kien minħabba li fil-PI, ġie stmat li bejn 75 % u 90 % tal-MAE nbiegħu fis-suq tal-Unjoni lil kumpaniji tal-kiri, li jeħtieġu MAE personalizzata (miżbugħa bil-kuluri tal-kumpanija b'logo). Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li l-kumulazzjoni ta' riżerva ta' MAE li ma kinitx personalizzata u li ma saritx għal klijent speċifiku kienet improbabbli ħafna peress li MAE bħal din ma tikkorrispondix għad-domanda tas-suq.

(305) Barra minn hekk, iż-żmien meħtieġ bejn l-ordnijiet u l-konsenja għall-MAE li normalment huwa minn 4 sa 6 xhur ġie kkunsidrat meta ġiet ivvalutata d-*data* - il-konsenji fi Frar u Marzu 2024 x'aktarx ikunu ordnijiet li ttieħdu qabel il-bidu tal-investigazzjoni f'Novembru 2023. Ix-xahrejn ta' Frar u Marzu 2024 kienu wkoll ix-xhur bl-ogħla importazzjonijiet; wara dawn ix-xhur, l-importazzjonijiet bdew jonqsu. Għalhekk, l-importazzjonijiet ogħla f'dawn ix-xhur li x'aktarx kienu r-riżultat tal-ordnijiet qabel il-bidu u ma sarux għall-fini ta' kumulazzjoni ta' riżerva.

(306) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni qieset li fid-dawl tat-tnaqqis fl-importazzjonijiet fil-perjodu ta' wara l-PI, il-possibbiltà limitata ta' kumulazzjoni ta' riżerva minħabba ż-żmien twil meħtieġ u l-produzzjoni għal kull ordni, l-effett rimedjali tal-miżuri definittivi ma ġiex imminat serjament mill-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet wara l-PI. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ġbir retroattiv tad-dazji ma kienx iġġustifikat.

(307) Wara d-divulgazzjoni definittiva, l-ilmentatur ressaq l-argumenta li ma kienx hemm biżżejjed evidenza dwar l-istaġjonalità tal-importazzjonijiet. Ressaq ukoll l-argumentat li għall-PI, il-Kummissjoni użat b'mod żbaljat medja ta' kull xahar inqas rappreżentattiva bbażata fuq tmien (8) xhur, aktar milli medja fix-xahar aktar xierqa bbażata fuq 12-il xahar. L-ilmentatur argumenta wkoll li biex tivvaluta l-importazzjonijiet fil-PI, il-Kummissjoni użat perjodu ħażin peress li l-importazzjonijiet tqabblu abbażi tad-data tal-bejgħ tagħha u vvalutat il-konsenji bejn Marzu 2023 u Novembru 2023, minflok bejn Novembru 2022 u Lulju 2023.

([44]) Il-produtturi esportaturi li kkooperaw irrappreżentaw 100 % tal-importazzjonijiet fil-PI.

([45]) Għad-data ta' wara l-PI ibbażata fuq il-bażi tad-data tas-Sorveljanza, għal wieħed mit-tliet kodiċijiet li taħthom jiġu importati żewġ terzi tal-MAE, il-bażi tad-data ta' Sorveljanza ma tipprovdix data f'biċċiet (piż u valur biss). Għalhekk, l-importazzjonijiet f'unitajiet taħt it-tielet kodiċijiet ġew stmati abbażi tal-valur medju għal kull unità taż-żewġ kodiċijiet li għalihom kienet teżisti *data* f'unitajiet.

(308) L-ilmentatur argumenta wkoll li l-Kummissjoni ma qisitx l-effett distorsiv tat-theddida tar-reġistrazzjoni u tar-reġistrazzjoni attwali. Fil-fehma tiegħu, il-Kummissjoni stmat b'mod eċċessiv ukoll iż-żmien meħtieġ, u indikat li l-konsenja mir-RPĊ lejn l-Unjoni ħadet bejn 30 u 45 jum.

(309) L-ilmentatur saħaq ukoll li kien ta prova li kienet qed issir kumulazzjoni ta' riżerva. Huwa saħaq li l-Kummissjoni assumiet b'mod żbaljat li peress li l-produtturi tal-Unjoni ma pproduċewx fl-istokk, lanqas il-produtturi Ċiniżi ma għamlu dan. Huwa sostna wkoll li l-aktar data reċenti ta' wieħed mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun uriet li maġġoranza kbira ta' MAE mibjugħa fl-Unjoni ma kinux personalizzati. L-ilmentatur sostna wkoll li l-volum ta' MAE importat wara r-reġistrazzjoni kien għadu sostanzjali. Barra minn hekk, l-ilmentatur sostna li, abbażi tal-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku, f'każijiet fejn il-Kummissjoni ma rreġistratx l-importazzjonijiet, il-marġni tad-dannu jenħtieġ li jirrifletti d-dannu addizzjonali kkawżat miż-żieda fl-importazzjonijiet wara l-bidu. Għalhekk, biex tikkumpensa għall-effett supplimentari li jirriżulta mill-kumulazzjoni massiva ta' riżerva, il-Kummissjoni għalhekk jenħtieġ li tivvaluta mill-ġdid il-marġni tad-dannu biex tqis il-kumulazzjoni ta' riżerva.

(310) Il-Kummissjoni ma qablitx li kellha tqabbel il-medja ta' kull xahar ibbażata fuq il-perjodu ta' 12-il xahar fil-PI ma' perjodu ta' 8-il xahar wara l-PI. Kif rikonoxxut ukoll mill-ilmentatur, il-volumi tal-importazzjonijiet bejn ix-xhur differenti varjaw b'mod sinifikanti u, għalhekk, il-Kummissjoni qieset li kien aktar preċiż li tqabbel perjodi tal-istess tul, aktar milli tqabbel perjodu ta' 12-il xahar ma' perjodu ta' 8-il xahar. F'dan il-kuntest u minħabba l-varjazzjonijiet importanti fil-volum bejn l-importazzjonijiet fix-xhur differenti, tabilħaqq it-tqabbil tal-perjodi tal-istess tulijiet kellu jeskludi kwalunkwe staġjonalità. Il-Kummissjoni ma qablitx li kellha tagħti prova ta' xejra rikorrenti u fissa biex tiddefendi għaliex użat paragun ibbażat fuq importazzjoni medja f'perjodi tal-istess tul.

(311) Fir-rigward tal-użu tal-perjodu fil-PI, il-Kummissjoni tabilħaqq ibbażat ruħha fuq id-data tal-produtturi esportaturi li semmew l-esportazzjonijiet fl-Unjoni mid-data tal-fattura, li hija l-aktar data preċiża disponibbli għal dak il-perjodu. Il-perjodu ta' tmien (8) xhur li użat il-Kummissjoni kien twil biżżejjed biex jittieħed f'kunsiderazzjoni wkoll l-effett tar-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet, jekk kien hemm, li kien fis-seħħ biss matul xahar u nofs (bejn t-23 ta' Mejju 2024 u t-12 ta' Lulju 2024). Madankollu, minn dak il-mument, il-kunsinna ta' MAE ħadet, skont il-partijiet inklużi l-ilmentatur, bejn 30 u 45 jum. Meta wieħed iqis dan il-perjodu limitat ta' żmien, it-tqabbil li sar mill-Kummissjoni kien ibbażat fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli u tqies preċiż biżżejjed biex jiġi konkluż jekk kienx hemm żieda sostanzjali fl-importazzjonijiet wara l-bidu.

(312) Il-Kummissjoni qieset ukoll li ma setgħetx tasal għal konklużjonijiet dwar l-eżistenza ta' kumulazzjoni ta' riżerva abbażi ta' evidenza aneddotika fil-forma ta' stampa jew posta elettronika kif ippreżentata mill-ilmentatur. Pjuttost, il-Kummissjoni bbażat ruħha fuq l-istatistika tal-importazzjoni wara l-PI u fuq id-data l-oħra kollha disponibbli fil-fajl, inkluż mill-utenti u l-importaturi, li ma urietx li kien hemm kumulazzjoni ta' riżerva sal-livell li timmina l-effetti rimedjali tad-dazji. Għalhekk, minkejja l-fatt li skont l-ilmentatur waħda mill-kumpaniji fil-kampjun biegħet maġġoranza ta' MAE mhux personalizzati, dan ma affettwax il-konklużjoni li ma seħħet l-ebda żieda kbira fl-importazzjonijiet.

(313) Il-Kummissjoni qieset ukoll li d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 9(4) ma kinux japplikaw. L-importazzjonijiet ġew irreġistrati, u ġie konkluż li ma kien hemm l-ebda żieda sostanzjali ulterjuri fl-importazzjonijiet wara l-bidu.

(314) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-ġbir retroattiv tad-dazji ma kienx iġġustifikat.

9. **DISPOŻIZZJONI FINALI**

(315) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament 2024/2509 ([46]), meta ammont jiġi rimborżat wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas jenħtieġ li jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament ewlenin tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(316) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Qed jiġi impost dazju anti-dumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' tagħmir ta' aċċess mobbli maħsub għall-irfigħ ta' persuni, awtopropulsiv, b'għoli massimu ta' operat ta' 6 metri jew aktar, u importazzjonijiet ta' sezzjonijiet tagħhom immuntati minn qabel jew lesti għall-assemblaġġ, li jikkonsistu f' 1) xażi, 2) turretta jew turntables, 3) pjattaforma jew basktijiet, 4) mekkaniżmu ta' rfigħ għal tagħmir ta' aċċess mobbli (inkluż booms (teleskopiċi u jew artikolati, bil-jibs jew mingħajrhom) għal irfigħ b'boom teleskopiku, irfigħ minn boom artikolat jew arblu vertikali u imqass għal irfigħ imqass), eskluži komponenti individwali tas-sezzjonijiet meta ppreżentati separatament, u eskluż tagħmir għall-irfigħ ta' persuni mmuntat fuq vetturi tal-Kapitolu 86 u l-Kapitolu 87 tas-Sistema Armonizzata, li bħalissa jaqa' taħt il-kodiċijiet NM ex 8427 10 10, ex 8427 20 19, ex 8428 90 90, ex 8431 20 00 u ex 8431 39 00 (kodiċijiet TARIC: 8427 10 10 10, 8427 20 19 10, 8431 20 00 60, 8431 39 00 10 u 8428 90 90 20), u li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2. Ir-rata tad-dazju anti-dumping definittiv applikabbli għall-prezz nett, frank fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodotti deskritti fil-paragrafu 1 u prodotti mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Kumpanija	Dazju anti-dumping definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Hunan Sinoboom Intelligent Equipment Co., Ltd.	49,3 %	89DL
Oshkosh JLG (Tianjin) Equipment Technology Co., Ltd.	22,5 %	89DM
Terex (Changzhou) Machinery Co., Ltd.	22,9 %	89DN
Zhejiang Dingli Machinery Co., Ltd.	20,6 %	89DO
Kumpaniji oħra li kkooperaw fl-Anness	30,1 %	Ara l-anness
Il-kumpaniji l-oħrajn kollha	54,9 %	8999

3. L-applikazzjoni tar-rati ta' dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha tkun soġġetta għall-preżentazzjoni ta' fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li tkun ħarġet tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga, abbozzata kif ġej: "Jiena, *is-sottoskritt, niċċertifika li l-(volum f'unità li qed nużaw) tal-(prodott ikkonċernat) mibjugħ għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni Ewropea kopert minn din il-fattura ġie manifatturat minn (isem u indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat] Jien niddikjara li l-informazzjoni provduta f'din il-fattura hija sħiħa u korretta*." Sakemm tiġi preżentata tali fattura, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw fir-RPĊ.

([46]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj.

4. Meta tiġi ppreżentata dikjarazzjoni għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fir-rigward tal-prodott imsemmi fil-paragrafu 1, irrispettivament mill-oriġini tiegħu, l-għadd ta' unitajiet tal-prodotti importati għandu jiddaħħal fil-qasam rilevanti ta' dik id-dikjarazzjoni, dment li din l-indikazzjoni tkun kompatibbli mal-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87.

L-Istati Membri għandhom, fuq bażi ta' kull xahar, jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-massa netta u bl-għadd ta' oġġetti rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni libera taħt il-kodiċijiet TARIC: 8427 10 10 10, 8427 20 19 10, 8428 90 90 20, 8431 20 00 60 u 8431 39 00 10.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

L-ammonti garantiti permezz tad-dazju anti-dumping proviżorju skont ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1915 tal-11 ta' Lulju 2024 li jimponi dazju anti-dumping proviżorju fuq l-importazzjonijiet ta' tagħmir għall-aċċess mobbli li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għandhom jingħabru b'mod definittiv. L-ammonti garantiti ogħla mir-rati definittivi tad-dazju anti-dumping għandhom jiġu rilaxxati.

Artikolu 3

L-Anness imsemmi fl-Artikolu 1(2) jista' jiġi emendat biex jiżdied produtturi esportaturi ġodda mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u jagħmilhom soġġetti għar-rata tad-dazju anti-dumping medja ponderata xierqa għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun. Produttur esportatur ġdid għandu jipprovdi evidenza li:

(a) ma esportax l-oġġetti deskritti fl-Artikolu 1(1) matul il-perjodu ta' investigazzjoni (01/10/2022 sa 30/09/2023);

(b) mhuwiex relatat ma' esportatur jew produttur soġġett għall-miżuri imposti minn dan ir-Regolament, u li seta' kkoopera fl-investigazzjoni oriġinali; u

(c) effettivament esporta l-prodott ikkonċernat jew daħal f'obbligu kuntrattwali irrevokabbli sabiex jesporta kwantità sinifikanti lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu ta' investigazzjoni.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN